# FOLKLOR MINN MALTA
# L-IMNARA

€5.95

Wieħed u ħamsin sena ta' ħidma

Vol. 10 Nru 4 Ħarġa Nru 39

1 L-Editorjal

2 Il-Versi ta' Richard Taylor fuq l-Inċident tal-Karnival tal-1846

9 Minn Fomm Orlando Magro

12 L-Apparizzjoni ta' Antonio Azzopardi (Ninu Xkora)

15 Sedji tal-Unur

18 Rwol il-Majjistri bejn l-1900 u l-1990

22 L-Erwieħ, l-Ispirti, u l-Ħares fil-Folklor Malti

29 Mużika Funebri mal-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira

32 Frak mill-Folklor taż-Żebbuġ f'Għawdex

36 Il-Qarċilla, in-Nutar u l-Ħuttab

38 Aktar terminoloġija tal-armar tal-festi Maltin

42 Il-Merħliet ta' Ħal Tarxien



BDL 25 years BOOKS

GHAQDA TAL-FOLKLOR

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

# L-EDITORJAL

**Din hi t-tieni sena li l-Imnara qed toħroġ bil-format il-ġdid – stampata, bl-għajnuna tal-*Book Distributors (BDL) Ltd.*, li ħadu ħsieb ukoll id-disinn. Għal dawn l-aħħar snin, l-Għaqda Maltija tal-Folklor ħadmet biex tkabbar l-orizzonti u twessa' d-definizzjoni ta' x'inhu Folklor. Filwaqt li s-suġġett ta' dari baqgħu jingħataw l-importanza tagħhom, żdiedet magħhom kitba fuq kull xorta ta' aspetti tal-ħajja: mit-toponomastika u l-ismijiet li n-nies komuni jagħtu lill-postijiet u l-imkejjen tal-gżejjer Maltin, sat-terminoloġija tal-armar tal-festi tal-knejjes tagħna. Għalina dan kollu hu Folklor. Din il-ħarġa tinkludi taħlita mħawra ta' suġġetti:**

1 Għaliex jiġri li l-fama ta' xi persunaġġi li jagħmlu parti mill-istorja ta' Malta tikber u tintefaħ, bir-riżultat li dawn il-persunaġġi jispiċċaw isiru "eroj nazzjonali", filwaqt li nies oħra li għamlu għemejjel ta' ħila daqshom jew iktar minnhom, jintesew għalkollox? X'aktarx li jkunu "r-rumanziera" u l-kittieba ta' artikli popolari fuq l-istorja ta' Malta li jiddeċiedu lil min jonfħu u lil min inessu. L-artiklu fuq Orlando Magro jfakkarna f'persunaġġ li f'ħajtu għamel biżżejjed biex seta' sar eroj ieħor nazzjonali u folkloristiku, imma spiċċa minsi minn kulħadd.

2 X'kien ġara sewwasew fil-Karnival tal-1846? Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien kien ta ordni li nhar Ħadd il-Karnival ta' dik is-sena ma setgħux jintlibsu maskri. In-nies ħaditha bi kbira, u qam l-inkwiet. Xi nies spiċċaw il-Qorti, u għalkemm ma xteridx demm, imma xterdet ħafna linka u tqabblu ħafna versi. Dr Albert Ganado jagħtina xi ftit minn dawn il-versi u jispjegalna s-sinifikat soċjali u storiku tagħhom.

3 Fl-1988, Antonio Azzopardi, magħruf minn ħafna bħala Ninu Xkora, kien instab ħati li qatel il-maħbub ta' bintu, ċertu Ġużeppi Camenzuli. Ġimgħa wara s-sentenza kien ingħata l-forka fil-ħabs ta' Kordin u, skont kif kienet titlob il-liġi dak iż-żmien, indifen fi żmien siegħa mill-mewt. Imma wara d-difna, xi ħadd deherlu li Ninu Xkora seta' ma kienx mejjet meta difnuh. Ma damx wisq ma beda jintqal li Ninu kien qed jidher jiġġerra fl-inħawi tal-ħabs, u minn hemm tkompli l-istorja ta' dan l-artiklu interessanti f'din il-ħarġa.

4 Qabel ma faċilitajiet mediċi f'pajjiżna tjiebu u l-isptarijiet kienu jnisslu biża' fost ħafna nies, il-qabla, jew il-majjistra, kienet l-uniku sors t'għajnuna li ħafna ommijiet kellhom fiż-żmien perikoluż tal-ħlas u t-twelid ta' tarbija ġdida. X'kellek bżonn biex issir Majjistra? X'kien jiġri fid-djar waqt il-ħlas?

5 L-istejjer tal-ħares kienu u għadhom jagħmlu parti mill-Folkor Malti. Joseph Serracino jagħtina aktar minnhom; xi wħud nafuhom, oħrajn ġodda.

6 L-artikli dwar l-armar tal-festi, ta' ġewwa u ta' barra, u li issa ilhom joħorġu għal dawn l-aħħar ħames snin, intlaqgħu tajjeb ħafna mill-qarrejja tagħna u mlew vojt li kien ilu jinħass. Saviour Camilleri, f'din il-ħarġa wkoll, ikompli jgħaqqad il-ġabra ta' tagħrif biex, jekk jista' jkun, ma jintilef xejn minnha.

Ġbarna flimkien ix-xogħol u r-riċerka ta' ħafna nies, ilkoll jaħdmu b'risq l-għarfien ta' dak kollu li jagħmilna Maltin. Nixtiequ nħeġġu kittieba oħra, biex jitħajru jagħmlu t-tiftix għal dak kollu li fir-ritwal ta' ħajjitna qed jinbidel u qiegħed fir-riskju li jintesa, u jiktbu fuqu, jekk jista' jkun bil-Malti, u aħna nieħdu gost nippubblikawh.

© BDL Publishing • www.bdlbooks.com

Disinn tal-qoxra u tal-magazin © Book Distributors Limited
L-istampa tal-qoxra mill-kollezzjoni ta' Albert Ganado.

© tal-artikli: awturi

**L-Għaqda Maltija tal-Folklor:**

**Il-Kumitat għas-sena 2015:**

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-Sur Anton Attard; Viċi President: vakanti; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju; Is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: Is-Sur Angelo Dougall; is-Sur Joseph Fenech; u s-Sur John Zammit.

ISSN: 2409-1758

Bullettin tal-Għaqda Maltija tal-Folklor.
Joħroġ darba fis-sena.

L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk tal-Għaqda, tal-pubblikatur jew tal-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur:
Is-Sur Ġużi Gatt, 7C '*Perry Courts*',
Triq B'Kara, San Ġiljan. STJ 1307.
ggatt77@hotmail.com.

# IL-VERSI TA' RICHARD TAYLOR FUQ L-INĊIDENT TAL-KARNIVAL TAL-1846

Albert Ganado

**Fit-13 ta' Lulju 1843 Sir Patrick Stuart (1777–1855), li kien ġeneral tal-armata Ingliża, sar Gvernatur ta' Malta.[1] Meta wasal il-Karnival tal-1846, intalab bħas-soltu l-permess biex dan isir fl-erbat ijiem ta' qabel Ras ir-Randan, u biex f'dawk il-ġranet setgħu jintlibsu l-maskri. Fis-sena 1846 Stuart ordna li fil-jum tal-Ħadd ma setgħux jintlibsu l-maskri. B'hekk, il-Karnival tal-Ħadd ma setax isir, bi ksur ta' tradizzjoni popolari li kienet ilha ġejja minn żmien qadim.**

Il-poplu obda, iżda ma baxxiex rasu għal din in-novità. Beda jdur mat-toroq u jippassiġġa fil-pjazza ta' quddiem il-Palazz tal-Gvernatur b'ħafna annimali, fosthom ħmir u klieb, b'kostumi karnivaleski. Fl-istess pjazza kien hemm iduru nies bil-libsa ta' qassisin Protestanti, u bi ktieb oħxon f'idejhom bil-bixra ta' Bibbja. Xi wħud imbagħad niżlu ħdejn il-knisja tal-Ingliżi jagħmlu ħafna storbju waqt li kien hemm funzjoni reliġjuża. Kulħadd kien jaf li l-kap ta' dik il-knisja kien l-Isqof ta' Ġibiltà, ir-Reverendu George Tomlinson, li wara kien iżżewwġ ma' waħda mill-bniet tal-Gvernatur.

## IL-POEŻIJA TA' RICAHRD TAYLOR

Il-protestanti Ingliżi kienu *strict Sabbatarians*, u għalihom il-Ħadd kienet ġurnata ta' mistrieħ. L-Isqof u l-Gvernatur kienu għalhekk ta' stoffa waħda, u bilfors li kellu kulħadd jaħseb li l-Isqof kien imdaħħal sew fl-ordni tal-Gvernatur. Aktar u aktar, kienet ħaġa kurjuża li Stuart ma' kien għamel xejn għal sentejn sħaħ – 1844 u 1845. Difatti, Richard Taylor, fil-librett li se niddeskrivu kiteb hekk:





*Min tac l' ordni o Patrick Stuart*
*Li tneħħilna dal costum?*
*X'int biex tichser it-trattati?*
*Chif tneħħilna trid dal jum?*

Taylor kien jaf li f'Malta kollha ma kien hemm ħadd aqwa mill-Gvernatur. Mela l-insinwazzjoni tiegħu setgħet tirreferi biss għall-Isqof Tomlinson.

Dejjem dakinhar tal-Ħadd, saret filgħaxija ritirata ta' reġiment Brittaniku fil-Pjazza tal-Palazz. Meta l-banda spiċċat iddoqq, gruppi ta' żgħażagħ għamlu għal xi suldati, u kissrulhom xi strumenti mużikali. Il-Gvernatur kien qed jara kollox mill-Palazz, u fis sejjaħ il-Pulizija li kienet taħt il-kmand ta' Frederick Sedley,[2] li kellu uffiċjalment it-titolu ta' Inspector of the Executive Police. Issejħu wkoll żewġ reġimenti bħala rinforz.

Xi għoxrin ruħ ġew arrestati u wara lejl fil-ħabs nġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja (Sedi Kriminali), li kienet għadha taħdem fl-hekk imsejħa *Castellania* fi Strada Merkanti. Is-seduta kienet ippreseduta minn żewġ Maġistrati: l-Ingliż Charles Harper, u l-Malti Dottor Antonio Zammit.[3]

Ma setax jonqos li fuq dak li ġara jinkitbu ħafna versi satiriċi minn Richard Taylor, wieħed mill-aqwa kittieba Maltin tas-seklu dsatax, kontemporanju tar-rinomat Ġan Anton Vassallo (1817–1868). Mingħajr telf ta' żmien, Taylor kiteb u ppubblika librett (150 x 100mm) bit-titolu:

**'IL-CARNIVAL TA' MALTA TAT-TNEIN U GHOXRIN TA' FRAR elf tmien mia u sitta u erbghin'**

Il-librett ġie stampat fl-ANGLU-MALTIA fis-sena 1846. Fih 33 paġna u jinsab illustrat b'erba' stampi[4] li fihom juru n-nies imsawtin mill-pulizija, u l-proċess fil-Qorti tal-Maġistrati. Il-versi huma mqassmin f'erba' partijiet li huma dawn:

*L'AVVIS TAL CARNIVAL*
*IL MASCRI TA NHAR IL HAD*
*IS-SUAT U IL CHEFRIA TAL CONTESTABILI*
*IL KORTI TAL MAGISTRATI*

Kif qal fl-introduzzjoni hu ħass, ta' patrijott li kien, li din kienet ġrajja ta' importanza nazzjonali u kien xieraq li tinkiteb bl-ilsien Malti. Biex tinqara sewwa u ma tgħajjix lil min jaqra, hu ħaseb li jiktibha bħala poeżija u jaħrab kemm jista' jkun dawk il-kelmiet tqal bil-Malti li ftit huma dawk li jafuhom. Lezzjoni interessanti!

Mill-120 strofa li fih il-librett ħsibt li għandi nirriproduċi dawn l-istrofi:

*T' iskfijiet tal protestanti*
*Libsu ħafna u barra iddur :*
*Iħor libbes ħmar fuk carru*
*Biex jarah il gvernatur....*

*Izda f' għib ix-xemx seu seuua*
*Geu it-tnabar għala it-tìr,*
*Maħħom geu ic-cirimelli*
*Chif fil piazza dari jsìr*

*Collha f' dakka kattania*
*Bhala tigri 'l coll bil giuħ...*
*B' dauc il bsaten chiefra taħħom*
*B' herra ħabtu fuk cull ruħ !*

*Bħala liuni vittma għamlu*
*Coll mìn giebu taħt ideihom ...*
*U ghiddmuhom u sautuhom ! !*
*Sa tefgħuhom taħt rigleihom.*

*Fis għal geuua 'l Chistillana*
*Marru imcarcra mal bojjet :*
*Sa biex hem il leil jgħaddu*
*Kalb il chsiħ u id-dlamijiet.*

*Izda fl'aħħar l'Inghilterra*
*Nittamau illi tismagħna ;*
*U Vittoria il Gran Sultana*
*Tibka dejjem tiekaf magħna.*

*U tneħħilna minn giò 'l Gzira*
*Lil dal chiefer gvernatur :*
*Għax jech jibka zmien tuil magħna*
*Collħad minnu jcun maħkur.*

Il-poeżija ta' Taylor hi kritika prinċipalment għall-aġir tal-Gvernatur Stuart, li jissemma ħafna drabi b'ismu. Iżda hemm referenzi għal nies oħra li jridu jiġu identifikati. Fosthom hemm l-ispettur riesaq b'żewġ ġendarmi. Dan ma kienx sempliċi spettur, iżda l-Kap tal-Korp tal-Pulizija, li kif għidna qabel kien jismu Frederick Sedley. Dan kien magħruf bħala "Malcu", kif jidher minn dawn iż-żewġ versi fil-Qorti:

*Kabes Malcu, cap li sbirri*
*Kallu daun ribelli ucoll ! !*

Fix-xena tal-Pjazza tal-Palazz jidħol ukoll l-ajjutant tal-pulizija, li milli jidher kien Oliver W. St. John, li kellu l-kariga ta' First Adjutant:

*Akbdu 'l dac il uiċċ ta ...*
*Beda jgħajjat bħal disprat*
*L'ajutant tal pulizia :*
*Akbduh fis, ħuduh calzrat ! !*

Jissemmew ukoll il-Kurunell, li kien aktarx dak iż-żmien il-Markiż Giuseppe De Piro:

*Il ftit nies li chien hem fadal*
*Chienu jgħassu il Curunel*

u l-maġistrati li quddiemhom tressqu l-arrestati:

*L' aħħar xena ucoll nuricom*
*Bla ma nitlef zmien ta xein ;*
*Tas-sur Harper u is-sur Vella,*
*Zeuġ bniedmìn ma tliet għainein.*

Fost l-arrestati kien hemm il-liberali editur tal-*Malta Mail and United Service Journal*[5]

*Ħadu ucoll bla l'ebda ħniena*
*L'editur tal Malta Mail ;*
*Kalb is-suat u kalb id-dagħa*
*Chellu jgħaddi f' habs il-leil.*

Taylor faħħar lil-Lieutenant Colonel Henry Balneavis[6] li seta' kien bis-saħħa tiegħu li ma nxteridx id-demm:

*F' dac il uakt kalb in-nies deher,*
*Il Maggiur tal piazza ucoll :*
*L'huua 'l curunel Balneavis*
*Biex jsicchet fis lil coll.*

*Fein kalilhom, illi Stuart*
*Ried jgìb l' it-truppi f' hìn,*
*Biex mil piazza bl'azzarini*
*Bilġri jchecci lil Maltìn.*

*Izda hu kadim uisk f' Malta,*
*U il Maltìn hu jafhom seuua :*
*Raggia 'l ħsieb ta Stuart l'ura,*
*U il Main Guard fis daħħal geuua.*

*F' dac il uakt il poplu collu*
*Agħiat għajjat bhalu kad :*
*Viva il Curunel Balneavis !*
*Dan missierna u ghairu had ! !*

*Viva 'l Curunel Balneavis,*
*Viva l'Inghilterra ucoll ! !*
*Għaitu l'aħua għaitu viva :*
*Leħen uiħed viva il coll ! !*

B'dawn il-ħames strofi spiċċat it-tieni taqsima.

## POEZIJA KONTRA L-ARĊIDJAKNU LANZON

Fl-istess sena Taylor ippubblika poeżija oħra ta' 39 strofa fi 12-il paġna bit-titolu "**Id-dispotizmu u l'ingiustizzj fuk Malta imghottijin fil-Parlament bil ħjena.**" Fil-paġna ta' qabel dik tat-titolu kien hemm vinjetta bil-litografija (14 x 12.5 cm) li turi lill-Vigarju Ġenerali Lanzon fuq pultruna lest biex jikteb fuq il-mejda li għandu quddiemu.[7] Fuq il-lemin hemm karikatura ta' raġel li tirrappreżenta lill-Gvernatur Stuart qed jordna lil Lanzon biex jikteb:

*Icteb, u igdeb tant chem tiflah*
*Kal sir Travu lil Mazzun :*

Evidentement "Sir Travu"[8] huwa Stuart, u l-"Mazzun" hu Lanzon, li għandu salib imdendel fuq sidru biex jidher li hu ekkleżjastiku.

Fuq ix-xellug hemm persunaġġ ieħor li donnu għandu ktieb jew kaxxa b'salib fuqha li turi l-Bibbja f'id waħda u baklu f'idu l-leminija. Dan juri li dan hu Isqof, imsejjaħ "Simpel":

*Dan hu 'l premiu kabes Simpel :*
*Icteb fisa, jcun li jcun.......*

Aktarx mela li dan il-persunaġġ hu George Tomlinson, Isqof ta' Ġibiltà. Il-premju li kien jistenna Lanzon kien li jsir Isqof ta' Malta:



*U mìn hu dan l' arcidiacnu !*
*Dac li Hankey skih it-tè :*

*Dac li temghu Greig coll hin!!*
*U li uieghdu ucoll il mitra*
*Minn ta iskof tal Maltin ! ! !...*[9]

Hemm miktub taħt it-titolu tal-opuskolu li "Din hi it-tieni edizioni, miktub sabiex ioħroġ il-Gvern ta' giddieb u jekk "Lanzun" ma jgiddbux lill-Gvern bħalu "Nistampawh fit-tielet ctieb". Aktarx li meta Taylor qal "it-tieni edizzjoni", kien qed jirreferi għall-ktejjeb tal-Karnival bħala l-ewwel edizzjoni, u mhux li dak ta' Lanzon ħareġ darbtejn. Filwaqt li dak tal-Karnival ġie stampat mill-Anglo Maltese Press, dan il-ktejjeb ta' Lanzon ma fih ebda isem ta' stampatur fil-paġna tat-titolu.[10]

Il-gideb tal-Gvern li semma Taylor jiġbor fih dak li qal Stuart, kif ukoll dak li ntqal fil-Parlament Ingliż f'Awwissu 1846:[11]

*"X' għamel Stuart ( ragel ħajjen )*
*Biex jgħatti id-dnub fil ħìn !*
*Kal li għamel mux minn zniedu,*
*Bil cunsens tal kassisìn.*

*Geuua 'l camra minn tal membri*
*Tau seu l'aħħar pinzellata :*
*Seu fit-tlieta minn ta Auuissu*
*Fukna ħleu dich il giurnata.*

Kienu biss ftit mill-membri tal-Parlament Ingliż, fosthom prinċipalment Joseph Hume (1777–1855), li ddefendew lill-Maltin:

*Chif dal gvern ( hem Hume kalilhom )*
*Jichser jigi 'l pattijiet ?*
*Fein dil Gzira mal Brettania*
*B' giurament chellha 'l ueghdiet ! !*

Taylor spiċċa biex qal li kien meħtieġ li l-Maltin kollha jagħmlu petizzjoni li fiha jingħadu l-wegħdiet li kienu ġew imwiegħda, barra li turi b'liema mod il-Gvernaturi kienu jaħqru lill-Maltin.

## KARIKATURA KONTRA STUART U SĦABU

Minbarra żewġ poeżiji ta' Richard Taylor, il-projbizzjoni tal-Gvernatur Stuart tat lok ukoll għall-pubblikazzjoni ta' litografija mdaqqsa (25 x 33cm) li twaqqa' għaċ-ċajt lil Stuart u l-kompliċi tiegħu u fl-istess ħin tagħti l-messaġġ popolari u patrijottiku kontra l-imġiba tagħhom. It-titolu ta' din il-litografija hu T-TIENI JUM TAL CARNIVAL, u matul il-qiegħ tal-folja hemm dawn il-versi:

*Min kad ra carru b'ritratt ta Travu!*
*Lein il hmar harsu, ghaitu fis bravu!!*
*X'jixbhu minn collox, xi nhu ras cbira,*
*X'uidinein gentili igibulech ghira!!!...*
*It-tliet anziani jgholluh seuua,*
*Harsu x'figura ajma xi hleuua!!!*

*Is-signur SEMPEL u il Karghi l cbir*
*Uis-signur EMME l'acbar tliet hmir!!..*
*Ajma dix-xena xinhi Sabiha!*
*Dal hmar ghal Gzira jibka bir-riha....*
*Mela ghal SEMPEL ghal KARGHA ucoll,*
*Flimchien mal'EMME ghaitu ghè 'lcoll!!!*




Bla dubju ta' xejn dawn il-versi kitibhom Taylor u aktarx li l-karikatura ġiet ispirata minnu. Iżda l-istampa mhijiex iffirmata u għalhekk ma nafux min kien il-litografu li għamilha. Il-litografi magħrufa li kienu attivi fl-1846 kienu *Pietro Paolo Caruana (1793–1852), ibnu Raffaele (1820–1886), Michele Bellanti (1807–1883), Tommaso Madiona (1803–1861) Giovanni Schranz (1794–1882), il-familja Brocktorff, u Giovanni Farrugia (1797–1861) li tiegħu nafu biss xi żewġ litografiji.*[12]

Ix-xena hi fi Strada Reale, il-Belt Valletta, ħdejn Piazza Tesoreria, quddiem il-Clarence Hotel li kienet fin-numru 249 Strada Reale (ħdejn il-Casino Maltese).[13] Fuq il-lemin, il-karikatura turi lil Stuart merfugħ fil-għoli, iħares lejn dak li qed jiġri b'teleskopju. Qed iżommuh tliet persuni, 'l-akbar tliet hmir', jiġifieri SEMPEL (l-Isqof Tomlinson), KARGHA (l-Arċidjaknu Lanzon), u EMME (Frederick Sedley),[14] imdawwar b'ħafna pulizjotti li hu kien jikkmanda. L-ewwel tnejn jistgħu jiġu identifikati mill-kliem ta' Taylor stess, iżda l-laqam ta' Sedley ma jidher imkien għalkemm hemm ħafna kundanni tiegħu fil-versi ta' Taylor bħala Kmandant tal-Pulizija.

Il-ħarsa ta' Stuart hi diretta preċiż lejn ir-ras tal-ħmar li qiegħda fil-karru, li skont l-ewwel vers tal-



ewwel strofa hi ritratt ta' Stuart, imlaqqam "Travu". Il-karru hu mmexxi minn żiemel, u barra mill-kuċċier hemm żewġ persuni ħdejn ir-ras ta' ħmar b'kopja tal-ġurnal Malti *L'UNIONE*. Forsi wieħed minnhom hu Taylor stess li fil-versi tiegħu tant saħaq fuq l-għaqda tal-Maltin kontra l-moħqrija. Ħdejn il-karru hemm tliet Maltin juru *LA VOCE DEL POPOLO* u *IL MEDITERRANEO*.[15] Quddiem il-karru hemm parodija tal-bandisti tar-reġiment li daqqew fil-pjazza, bl-istrumenti f'idejhom li ġew imkissrin mill-Maltin. Qed jidderiġihom tifel Malti. Dan kollu apparti dettalji oħra żgħar bħall-ħanut ta' SAIT (sic) ħdejn il-lukanda.

## RICHARD TAYLOR

Ġużè Cassar Pullicino kien kiteb bijografija fuq Taylor u x-xogħlijiet tiegħu.[16] Hu semma t-tliet libretti ta' Taylor fuq il-Karnival tal-1846, jiġifieri ż-żewġ libretti li semmejna hawn fuq u t-tielet wieħed "Il-Mitra jew il-Lixka ta' l-Imzazen". Minn din tal-aħħar hu għażel tliet strofi biex juri kemm Taylor kien iħobb lil pajjiżu u lill-Maltin. Difatti, Taylor ikkundanna bl-aħrax il-ksur tal-wegħdiet li kienu saru mill-Ingliżi lill-Maltin, li beda mill-bidu nett meta Sir Alexander Ball, li Taylor isejjaħlu "traditur", qered il-kunsill, jiġifieri l-*Consiglio Popolare*, li tiegħu l-Maltin kienu poġġew bħala President lill-istess Ball fl-imblokk kontra l-Franċiżi.[17]

Cassar Pullicino spiċċa biex qal fuq Taylor li, meta tgħid li għandek tgħid fuqu, issib li jifdal fih qalb taħraq bl-imħabba lejn Malta art twelidu li fuqha ħaseb, dwarha kiteb, u lilha ħolom sabiħa fid-dawl ġdid ta' żmien fil-bogħod li għadu ma żernaqx.

Min kien Taylor? Twieled f'Bormla fil-25 ta' Marzu 1818. Missieru kien Joseph (jew Riccardo)[18] u ommu Giovanna Farrugia. Beda t-tagħlim meta kellu disa' snin għax qabel ma ried jaf b'xejn. Daħal is-Seminarju, iżda ma kompliex. Beda jsiefer, imbagħad ġie lura Malta u tħajjar jibda jikteb xi taqbil u xi kurunelli bil-Malti. Għalhekk intefa' għall-ġurnaliżmu u ppubblika ħafna ġurnali. Wara ħafna avventuri amorużi fl-Eġittu, ġie lura Malta u żżewweġ lil Carmela Triganza. Kien jagħti l-lezzjonijiet tat-Taljan, l-Ingliż, il-Franċiż, u l-Latin.[19] Kien iħoss għall-fqir u għaż-żgħir u kien iħobb l-annimali. Sar magħruf ħafna bħala kittieb tal-Malti. Kien patrijott bla biża' u ħadha l-aktar kontra l-qarrieqa u infami "Kamarilla" ta' dawk li kienu jduru dejjem ma' kull Gvernatur. Kien baqa' ddiżappuntat ukoll mill-Maltin infushom:

*Inħabbel rasi*
*Noħroġ mill-but*
*Patrijott nibqa'*
*U nikteb sa mmut.*

Miet ta' madwar ħamsin sena.



*Endnotes*

1. Patrick Stuart twieled fl-1777, it-tieni tifel ta' Lord Blantyre. Daħal fl-armata fl-1793 u laħaq Kurunell. Sar Ġeneral fl-1851, tliet snin wara li spiċċa minn Gvernatur ta' Malta. Hu kien Skoċċiż. Fl-1810 żżewweġ lil Catherine Henrietta Rodney u kellhom sitt subien u sitt ibniet.

2. Sedley ġie maħtur f'din il-kariga fl-4 ta' Novembru 1844 u spiċċa fil-31 ta' Diċembru 1849. Kien joqgħod fin-numru 10 Strada Stretta, il-Belt Valletta. Meta kien għadu Acting Inspector, iżda fl-1848 kellu residenza fin-numru 10 Strada Mezzodi'. Fl-1 ta' Jannar 1850 it-titolu tiegħu sar ta' Superintendent minflok Inspector. Il-Gvernatur Le Marchant tah il-pensjoni fil-31 ta' Diċembru 1858 għaliex kien sar imdejjen ġmielu.

3. Charles Harper ma kellux lawrja iżda gawda diversi karigi governattivi. Fl-1 t'Awwissu 1826 sar supretendent tal-istamperija tal-Gvern, u kien ukoll editur tal-Gazzetta tal-Gvern. Sar Maġistrat fl-1 ta' Lulju 1839, irtira fid-9 ta' Ġunju 1865 u kkommetta suwiċidju fl-24 ta' Novembru 1874. Ħafna kritika kienet waqgħet fuq is-sentenzi tiegħu. Hu kien imwieled fil-15 t'Awwissu 1790.
Dr Antonio Zammit twieled fis-27 t'April 1793, sar LL.D. fl-1818 u ħa l-ġurament ta' avukat fil-11 ta' Jannar 1819. Sar Maġistrat fl-1 ta' Jannar 1829 u miet fit-2 ta' Jannar 1872. Meta ġew l-Ingliżi, il-Qrati kollha kellhom is-sedi tagħhom fil-*Castellania*. Il-Qrati Ċivili kienu ttieħdu fl-Auberge d'Auvergne fi Strada Reale wara li Sir Thomas Maitland kien għamel ħafna riformi, iżda l-Qrati Kriminali marru hemm biss fl-1853 (ara Albert Ganado, *Law Courts in Valletta, Times of Malta, 28 March 1966, Special Number, pp 39-40*)

4. Dawn l-istampi juru: 1) il-ġemgħa ta' nies quddiem il-ħajt li miegħu kienet twaħħlet l-ordni ta' Stuart; 2) Il-protesta tal-Maltin fil-Pjazza tal-Palazz kontra dik l-ordni, bir-reġimenti armati ħdejn il-Main Guard; 3) Il-pulizija qed jisfrattaw, isawtu, u jarrestaw il-Maltin bir-reġiment iħares fin-naħa tax-xellug; 4) Ix-xena fl-awla tal-Qorti tal-Maġistrati fejn qed issir il-kawża kontra l-arrestati.

5. Il-*Malta Mail* bdiet toħroġ fl-1842 u waslet sal-1856, b'kollox numri 1 – 156. Kien jistampaha u joħroġha Edward Goodenough, 301-302 Strada San Paolo, il-Belt Valletta. Kritika satirika tal-*Malta Mail* tinsab fil-paġni 29-36 tal-librett *A poetical satire on the Journals of Malta: by TYRO,* Malta, 1847.

6. Lt. Col. Henry Balneavis sar *aide-de-camp* tal-Major General Sir Manley Power (Acting Governor) fil-25 t'Ottubru 1820. Fl-1922 l-uffiċċju tal-Inspector General of Police ġie abolit u fil-15 ta' Novembru 1822 Balneavis ġie maħtur fil-post il-ġdid ta' Deputy Inspector General of Police. Fl-1 ta' Frar 1832 hu rtira, l-uffiċċju tiegħu ġie abolit, u floku sar l-uffiċċju ta' Maġistrat tal-Pulizija Eżekuttiva. Iżda bejn it-12 ta' Novembru 1831 u t-22 ta' Mejju 1835 kien assistent temporanju tal-Gvernatur. Fil-15 ta' Diċembru 1846 sar Major General.

7. L-Arċidjaknu Lanzon kien joqgħod fin-numru 5 Strada Vescovo, il-Belt Valletta, flimkien ma' Don Giuseppe, u Francesco Lanzon. Hu kien imexxi d-Djoċesi ta' Malta fl-

aħħar snin tal-Isqof Francesco Saverio Caruana li kien marid. Jirriżulta minn dokumenti uffiċjali li l-ordni ta' Stuart kienet ħarġet bl-approvazzjoni tiegħu. Għalhekk l-attakki ta' Taylor kontra tiegħu. Meta kellu 82 sena, marid u fqir, il-Gvernatur Richard More O'Ferrall (1847–1851) irrakkomanda li tingħatalu pensjoni bħala rikompensa (R. Mifsud Bonnici, *Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali*, Malta, 1960, p.307).

8. Aktarx Taylor ta dan il-laqam lil Stuart mill-proverbju: Kulħadd jaħbi t-travu tiegħu u jara t-traba f'għajn ħaddieħor.

9. Sir Frederick Hankey, G.C.M.G., twieled fl-1784 u miet fit-12 ta' Marzu 1865. Kien is-Segretarju Privat tal-Gvernatur Sir Thomas Maitland, u meta f'Corfù fit-18 ta' Novembru 1818 saret l-ewwel investitura tal-Order of St. Michael and St. George, Hankey mill-ewwel sar membru, kif ukoll Segretarju tal-Ordni, li tagħha spiċċa biex sar Grand Cross. Maitland kien jgħaddi iktar żmien f'Corfù milli f'Malta, u Hankey kien qisu Gvernatur *de facto* ta' Malta. Sar Chief Secretary to Government fit-12 t'April 1824 wara l-mewt ta' Maitland fis-17 ta' Jannar. Ma kien xejn popolari u, fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Rjali tal-1836, kellu jirtira fit-2 t'Ottubru 1837. Hu kellu salarju ta' £1,500 fis-sena!
Sir Hector Greig, K.C.M.G., sar Chief Secretary minflok Hankey fit-23 t'Ottubru 1837. Wara li kien okkupa diversi karigi oħra. Spiċċa fl-1 ta' Settembru 1846, kważi seba' xhur wara l-inċidenti tal-Karnival. (ara *Judge Robert Ganado – A history of the Government Departments from 1815 and lawyers from 1666*)

10. The Anglo-Maltese Press kienet diġà teżisti u taħdem fl-indirizz 24 Strada Reale, il-Belt Valletta, fl-1843. F'dik l-istess sena marret 106 Strada Vescovo. Kienet tippubblika l-ġurnal *Osservatore Maltese* (1842–1846) ta' Camillo Mapei, u warajh D. Giuseppe Zammit. Fl-1876 kienet taħdem fin-numru 209 Sda Reale, Valletta.

11. Hansard – Commons Sitting 3 ta' Awwissu 1846.

12. A. Ganado, *Pietro Paolo Caruana: The first lithographs produced in Malta*, M. Buhagiar (ed.) *Proceedings of History Week* 1981, Malta, 1892, pp. 49-60. A Ganado, *From Engraving to Lithography: Zimelli, Farrugia, Bellanti,* M. Camilleri and T. Vella (eds), *Celebratio Amicitiae – Essays in Honour of Giovanni Bonello*, Malta, 2006, pp. 305-326. A. Ganado, J. Schiro', C. Micallef Attard, *The Brocktorff Mapmakers*, Malta, 2012.

13. Il-Clarence Hotel kienet ta' Madame Goubau, lukanda magħrufa sa madwar l-1825. Kellha prezzijiet fissi għall-pranzu u għaċ-ċena, b'ħafna nbejjed tajbin. Kien hemm banjijiet kesħin u sħan il-ħinijiet kollha. Ftit qabel l-1849 saret Dunsford's Hotel.

14. Naħseb li Taylor issellef mill-kelma *simple* bl-Ingliż biex laqqam lil Tomlinson 'Sempel'. Lil Lanzon sejjaħlu 'Kargha' (illum qargħa) fis-sens ta' bniedem injorant. Lil Sedley laqqmu 'Emme' mill-ewwel ittra tal-kelma mdejjen.

15. *La Voce del Popolo* aktarx li ma kinitx gazzetta, iżda forsi xi manifest. *Il Mediterraneo* kien ġurnal fondat fl-1838 minn Carlo Cicognani Cappelli u Tommaso Zauli Sajani, u dam joħroġ sal-1871. Tal-*Unione* ħarġu 133 ħarġa fis-snin 1845 u 1846.

16. Ġ. Cassar Pullicino, op. cit, pp. 114-159.

17. Fl-artiklu tiegħu Cassar Pullicino kien stampa (p. 148) waħda mill-illustrazzjonijiet tal-ktejjeb fuq il-Karnival hawn fuq imsemmi.

18. Skont Ġużè Cassar Pullicino (Kitba u Kittieba tal-Malti, 1964, p.114) isem missieru fil-fidi batteżimali tniżżel bħala Josephus, iżda fl-Att tal-Mewt numru 560/1868 tar-Reġistru Pubbliku missieru ġie rreġistrat bħala l-mejjet Riccardo Taylor (Estratt uffiċjali maħruġ fl-20 ta' Marzu 2002).

19. Ftit snin wara li daħal f'Malta l-ġuri kriminali, ħareġ ktieb fuq dan bl-isem ta' *Il giurato istruito*. Min kien l-awtur ma fihx. Seta' kitbu Dr (wara Sir) Ignazio Gavino Bonavita. Fih data tal-1832. Iżda interessanti ħafna l-isem ta' min stampah: *LONDRA: dai Torchi di RICCARDO TAYLOR, Red Lion Court, Fleet Street.* Dan kien missier Richard Taylor? Il-ktieb kien bit-Taljan u isem l-istamperija bit-Taljan. Ġie stampat Londra għaliex ma kienx għad hawn il-liġi tal-istampa libera? Allura missier Richard kien stampatur f'Londra?

Nota: L-illustrazzjonijiet huma kollha mill-kollezzjoni ta' Albert Ganado.

# MINN FOMM ORLANDO MAGRO
## EROJ MALTI MATUL L-ASSEDJU

William Zammit

Ġrajjiet, kif ukoll persunaġġi ewlenin fl-istorja ta' poplu għandhom ħabta kif ixettlu magħhom għadd ta' miti, leġġendi u tifkiriet oħra illi – filwaqt li ma jkunux ibbażati fuq fatti li jistgħu jkunu konfermati storikament – xorta waħda jassumu rwol fundamentali fil-kuntest tal-iżvilupp kulturali nazzjonali fis-sens wiesa' tal-kelma. Prattikament kull nazzjon joħloq dawn ir-rakkonti, kultant mix-xejn, iżda kultant minn veritajiet storiċi pjuttost xotti iżda li maż-żmien jiġu ttrasformati f'miti u leġġendi. Ir-raġunijiet għala dan iseħħ huma diversi: għaliex ċerti ġrajjiet ta' importanza nazzjonali kważi jintesew għalkollox, filwaqt li oħrajn jiksbu rikonoxximent, interess u rispett b'tali mod li jintgħaġnu ħaġa waħda mal-identità ta' nazzjon?

Fost l-avvenimenti ewlenin fil-kuntest storiku Malti fejn wieħed jista' jara dan il-proċess huwa appuntu l-Assedju l-Kbir tal-1565. L-Assedju u r-rebħa kontra forza ferm akbar bla dubju tikkostitwixxi ġrajja ewlenija fl-istorja ta' nazzjon żgħir maħkum u għatxan huwa wkoll għal mumenti ta' glorja fl-istorja tiegħu. Fuq livell purament storiku, l-Assedju huwa dokumentat b'mod pjuttost dettaljat: ir-rakkonti kontemporanji kif ukoll l-evidenza viżiva fil-forma ta' mapep tal-perjodu mhumiex nieqsa.

Li dejjem kien nieqes, iżda, kien dak it-tagħrif, dawk l-istejjer ta' kuraġġ, dawk l-għemejjel qalbiena tal-Maltin li, għalkemm ftit li xejn ġew dokumentati storikament, żgur li seħħew b'mod jew b'ieħor. Eluf ta' Maltin imsakkra wara l-fortifikazzjonijiet għal kważi erba' xhur b'għadu determinat li jkisser u jaħkem lil pajjiżhom żgur li wassal għal atti erojċi, kemm fuq livell tal-massa kif ukoll fuq dak individwali.



Iġsma mutilati tal-eroj ta' Sant'Iermu. Disinn ta' Robert Caruana Dingli mill-ktieb ta' Salvatore Laspina, *Outlines of Maltese History*. Dan id-disinn hu partikolarment interessanti peress li deher fl-ewwel edizzjonijiet tal-ktieb ta' Laspina. L-aħħar li deher kien fil-ħames edizzjoni, dik pubblikata fl-1950. Fl-edizzjonijiet ta' wara dan id-disinn ma jidher qatt, minħabba li kien meqjuż bħala grafiku wisq għal udjenza żagħżugħa

Hawn jidħlu l-kittieba Maltin, nies bħal Ġan Anton Vassallo, Ġużè Muscat Azzopardi u tant u tant oħrajn li, minn laqxiet storiċi li kemm kemm isemmu l-kuraġġ tal-Maltin matul l-Assedju, ħolqu poeżiji, rumanzi, drammi u kitbiet oħra li permezz tagħhom taw lill-poplu mudelli nazzjonali fi żmien meta l-ispirtu tan-nazzjonaliżmu kien fl-eqqel tiegħu. Hekk insibu karattri bħal dak ta' Ċejlu Tonna, Toni Bajada u oħrajn li tlaħħmu u kisbu popolarità immensa matul is-seklu dsatax. Rumanzi popolari bil-Malti, imma anki letteratura tat-triq fil-forma ta' tqabbil stampat, u li bosta drabi kien ukoll jinkludi stampi tal-karattru jew tal-avveniment, xerrdu dawn il-miti u għenuhom irabbu għeruq fondi fil-memorja nazzjonali kollettiva. Żgur li għenu sabiex il-poplu kiseb sens ta' identità u fiduċja fih innifsu.

Eżempju interessanti ta' din it-taħlita bejn folklor u realtà kkonfermata storikament huwa l-karattru ta' Orlando Magro. Filwaqt li Magro ma kienx fost dawk il-karattri li l-kittieba Maltin għollew għal status ta' eroj, storikament Magro appuntu kien ftit jew wisq dak kollu li wieħed jistenna minn eroj tal-Assedju Malti: kuraġġuż, kapaċi, determinat u lest isofri għal pajjiżu assedjat.

Mhux talli Magro kien protagonist ewlieni matul l-Assedju, iżda l-ħidma tiegħu tinsab dokumentata f'kitba oriġinali li tmur lura appuntu għal Ġunju tal-1565. Xogħlu kien primarjament li jwassal l-ittri tal-Gran Mastru de Valette barra minn xtutna ... biċċa xogħol tassew delikata u perikoluża meta wieħed jiftakar illi l-kampanja Maltija barra s-swar kienet kollha f'idejn it-Torok u li l-istrett ta' baħar bejn il-gżejjer Maltin u Sqallija kien mgħasses minn skwadra ta' xwieni Torok ...

Magro ġie mqabbad mill-Gran Mastru de Valette sabiex, fost l-oħrajn, iwassallu ittra li kien ħejja għal Don Garcia de Toledo, il-Viċi Re ta' Sqallija u li kien l-uniku għajn ta' tama li tasal Malta forza qawwija biżżejjed sabiex jiġi mxejjen l-Assedju fuq



Il-waqgħa tal-Forti Sant'Iermu. Disinn ta' Robert Caruana Dingli mill-ktieb ta' Salvatore Laspina, *Outlines of Maltese History*

il-gżejjer Maltin. Magro ħalla Malta nhar is-17 ta' Ġunju bl-ittra tal-Gran Mastru li fiha ddeskriva s-sitwazzjoni f'Malta bejn il-15 u s-17 tax-xahar. L-ittra ta' de Valette – grazzi għall-kuraġġ ta' Magro u sħabu – waslet għand Don Garcia. Ġimgħat wara din kienet tradotta bil-Franċiż u wara bl-Ingliż. It-traduzzjoni Ingliża ġiet ippubblikata f'forma ta' ktejjeb fil-belt ta' Ghent nhar is-27 t'Awwissu 1565. Dan il-ktejjeb bl-Ingliż, li fih biss tmien paġni u huwa rari ferm, jinkludi wkoll rakkont qasir minn fomm Orlando Magro nnifsu. Dan huwa l-uniku rakkont pubblikat li nafu bih minn Malti matul l-Assedju, u dak li jgħid il-Malti hu kkonfermat minn oħrajn – fosthom il-magħruf Francesco Balbi di Correggio – illi wkoll għexu l-Assedju u ħallewlna deskrizzjonijiet ta' dak li seħħ matulu.

Ir-rakkont ta' Orlando Magro, tradott mill-Ingliż jgħid hekk ...

Deskrizzjoni magħmula minn Orlando Magro, pilota tal-galera ewlenija tal-Gran Mastru ta' Rodi, issa ta' Malta, u li wasal fil-belt ta' Messina fis-27 ta' Ġunju tal-1565. Magro rrakkonta hekk ...

*Irħejt xtut pajjiżi nhar il-Ħadd, 17 ta' Ġunju 1565 madwar nofs siegħa wara nżul ix-xemx. Kelli miegħi erbgħa oħra u baħħarna fuq qoxra żgħira b'erba' mqadef. Xogħolna kien li nwasslu l-ittri tal-Gran Mastru de Valette lil Don Garcia, Viċi Re ta' Sqallija. Kellna ngħidu lil Don Garcia dak li aħna stess nafu, jiġifieri li t-Torok ilhom tmintax-il jum jassaltaw il-fortizza ta' Sant'Iermu u jibbumbardjawha b'xejn anqas minn erbgħa u għoxrin kanun kbir. Diversi drabi ppruvaw jieħdu l-fortizza f'idejhom.*

*Fl-ewwel attakk tagħhom huma rnexxielhom jieħdu taħt idejhom il-parti ta' barra tal-forti, imsejħa r-ravellin. It-tieni darba attakkaw b'elfejn suldat, armati bi slielem sabiex jidħlu fil-forti. Attakk qawwi tagħhom seħħ nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Ġunju. Matul dan l-assalt it-Torok bnew speċi ta' pont magħmul mill-arbli u l-injam tal-gverta ta' erba' bastimenti minn tagħhom. B'dak l-armar kollu l-għadu ħaseb li seta' jinfed id-difiża tal-forti u jidħol fiha faċilment. Iżda t-Torok tqarrqu bil-kbir għax l-Insara ddefendew il-fortizza b'qilla liema bħalha. Huma ħarqu l-pont mibni mit-Torok permezz tal-porvli u nirien oħra qawwija. Tmien mitt Tork sfaw maqtula u sitt mija oħra*




Tqabbila popolari illustrata dwar Cejlu Tonna, eroj Malti tal-Assedju l-Kbir

*feruti. Niesna rnexxielhom jeqirdu żewġ magni tal-gwerra użati mit-Torok. Waħda minn dawn kienet tal-Kaptan Pjali, filwaqt li l-oħra kienet ta' Dragut. Matul dak l-attakk it-Torok użaw ukoll stakkament ta' kavallerija magħmula minn tletin żiemel. Kif down esponew ruħhom fil-parti l-għolja tat-taqbid, il-kanuni tal-forti Sant'Anġlu fuq in-naħa l-oħra tal-port fetħu nar qawwi fuqhom. It-tletin kollha sfaw maqtula, u fosthom kien hemm sitta mill-familja tar-Rajjes Dragut u wieħed, jismu Portuch Hali kien il-kaptan ġenerali ta' Rodi. Intlaqat ukoll Dragut li safa ferut.*

*Dan l-attakk dam sejjer ħames sigħat, iżda fl-aħħar it-Torok kellhom kontra qalbhom jirtiraw. Aħna tlifna mitejn mejta u mija u ħamsin feruti, iżda t-Torok kellhom elfejn mejta u daqstant ieħor feruti. Ħafna minn dawn tħallew fit-trunċieri u l-fossijiet ta' madwar Sant'Iermu.*

*Nhar il-Ħadd, 17 tax-xahar, jiġifieri dakinhar li ħallejna Malta, in-nies ta' Dragut qabbdu nar taħt is-sur tal-fortizza, maġenb fejn kellhom erba' biċċiet kbar tal-artillerija. Matul il-lejl ta' wara l-aħħar assalt, il-biċċa l-kbira tat-truppi Torok irritornaw fuq ix-xwieni tagħhom. Huma ħallew biss madwar tlitt elef suldat biex jgħassu l-artillerija. Issa qed jisparaw biss sitt kanuni, iżda sa issa sparaw madwar 13,000 darba fuq Sant'Iermu. Jumejn qabel l-aħħar attakk, it-Torok irtiraw il-flotta tagħhom mill-Port ta' Marsaxlokk u ħarqu l-fortizza li huma kienu bnew hemmhekk, filwaqt li l-flotta baħħret lejn ix-xaqliba tal-bajja ta' San Pawl.*

*Xi Nsara maqbuda mit-Torok u li rnexxielhom jaħarbu u stqarrew magħna li huma kienu qalu lit-Torok waqt li kienu priġunieri illi Don Garcia kellu mija u tmenin bastiment miġbura, armati u lesti sabiex jiġu Malta. Meta semgħu dan, it-Torok tbeżżgħu u tħassbu u bdew jirtiraw fuq il-bastimenti tagħhom matul il-lejl.*

*Fost l-oħrajn, il-Gran Mastru informa lil Don Garcia li kienet instabet għajn ta' ilma frisk fil-Birgu u illi kulħadd beda jqis din is-sejba bħala waħda mirakoluża.*

*Il-kap tal-posta fil-belt ta' Messina kiteb li l-galeri tal-kmandant Mislem Portuch Hali, li nqatel fl-aħħar assalt fuq Sant'Iermu, ġew mgħarrqa mill-artillerija tagħna. Il-Baxà li kien iżomm l-akkont tat-truppi u tal-baħrin Torok sab li erba' xwieni kienu nieqsa.*

*Minn ittri oħra mibgħuta mill-forti Sant'Iermu nafu li meta l-għadu mar sabiex iqiegħed il-pont li kien bena f'postu sabiex ilestih għall-attakk, in-nies tagħna tħassbu u beżgħu tant li kienu qed jikkunsidraw li jċedu l-forti. Iżda, bis-saħħa ta' ispirazzjoni divina u anki bil-kuraġġ li wera ċertu kavallier, mitejn ġellied minn tagħna stqarrew id-determinazzjoni tagħhom li jmutu għall-Fidi Kristjana. Dawn imlew lill-ġellieda l-oħra b'tant kuraġġ illi spiċċaw biex ħarġu rebbieħa. Il-mewt tal-Kaptan Miranda matul dik it-taqbida ssarrfet f'dispjaċir kbir għall-Gran Mastru.*

Orlando Magro spiċċa biex inqabad mit-Torok matul il-lejl tat-23 ta' Lulju 1565, waqt attentat kuraġġuż ieħor sabiex iwassal l-ittri tal-Gran Mastru fi Sqallija, meta d-dgħajsa tiegħu nqabdet mit-Torok fil-fliegu ta' bejn Malta u Għawdex. Huwa ttieħed bħala priġunier fil-ktajjen quddiem is-swar tal-Birgu b'messaġġ minn Pjalì Pasha, iħeġġeġ lill-kavallieri sabiex iċedu l-gżejjer Maltin. Magro jidher li reġa' kiseb il-ħelsien tiegħu għaliex fl-1570, ħames snin wara tmiem l-Assedju, huwa kien qed ibaħħar meta nqabad mill-kursar Mislem Occhiali. Għal darb'oħra Magro rnexxielu jeħles. Nafu, iżda, li hu tressaq akkużat f'Malta li abbanduna l-bastiment tiegħu u ta' hekk ġie kkundannat għall-mewt … tmiem tabilħaqq traġiku għal wieħed mill-eroj Maltin veri u kważi minsija għalkollox.

# L-APPARIZZJONI TA' ANTONIO AZZOPARDI (NINU XKORA)

## MISTERU JEW LEĠĠENDA?

Eddie Attard

**Fid-19 ta' Ottubru 1908, Antonio Azzopardi, magħruf bħala Ninu Xkora, kien ikkundannat għall-mewt wara li nstab ħati tal-qtil tal-maħbub ta' bintu, Ġużeppi Camenzuli, delitt li sar il-Ħamrun fis-6 ta' Diċembru 1907. Ġimgħa wara l-kundanna Azzopardi kien ingħata l-forka fil-ħabs ta' Kordin u, kif kienet titlob il-liġi f'dak iż-żmien, id-dfin sar fi żmien siegħa mill-mewt.**

Qabel id-difna, saret is-soltu proċedura u Azzopardi kien eżaminat minn tliet tobba li ċċertifikaw il-mewt tiegħu. Iżda wara, xi ħadd minn dawk preżenti waqt l-eżekuzzjoni ħareġ l-informazzjoni li l-mod ta' kif sar it-tgħalliq kien iqajjem is-suspetti li l-ikkundannat seta' baqa' ħaj, u għalhekk ġie midfun meta kien għadu ħaj. Kien hemm min allega li kien membru tar-Rużarjanti preżenti waqt it-tgħalliq li ta din l-informazzjoni. Madankollu l-konfraternità kienet ċaħdet din l-allegazzjoni u l-istqarrija tar-Rużarjanti ġiet ippubblikata fil-gazzetta *Il-Malta*.

Fl-eżekuzzjoni tal-forka kien hemm ċerta proċedura li kellha tkun użata, waħda minnhom kienet dwar it-tul ta' ħabel għax dan kien ivarja skont il-piż u l-istatura tal-ikkundannat. Jista' jagħti l-każ li l-ħabel ta' inqas minn ħames piedi tul, kif intuża f'dan il-każ, ma kienx twil biżżejjed għax il-waqgħa għal taħt il-patibolu ma kinitx qawwija biżżejjed biex tikkaġuna l-mewt.

Skont dokumenti tal-ħabs, fl-eżekuzzjoni ta' Antonio Azzopardi, il-ħabel kien twil erba' piedi u għaxar pulzieri, jiġifieri l-waqgħa taħt il-patibolu kienet ta' dan it-tul. Hawn irid jingħad li fl-eżekuzzjonijiet ta' qabel dik ta' Azzopardi, kien intuża l-istess tul ta' ħabel u, f'xi okkażjonijiet oħra, it-tul kien inqas. Fl-1894 fl-eżekuzzjoni ta' Rużar Mizzi, pereżempju, it-tul tal-ħabel kien ta' erba' piedi biss. Iżda fl-eżekuzzjoni ta' wara Antonio Azzopardi, meta kienu għaddew ftit aktar minn erba' snin, f'dik ta' Giovanni Borg, it-tul tal-ħabel kien ta' sitt piedi u ħames pulzieri. Il-bojja kien l-istess wieħed, Wenzu Galea. Imbagħad fl-eżekuzzjonijiet ta' wara Giovanni Borg, il-ħabel kellu tul ta' seba' piedi u pulzier.

Azzopardi kien raġel ta' ċerta statura u saħħa u għalhekk komplew żdiedu l-ispekulazzjonijiet u tqanqlet għagħa kbira fost il-poplu. L-għagħa kompliet tikber meta l-editur tal-gazzetta *Risorgimento*, it-Tabib Pietru Pawl Agius, qajjem din il-kwistjoni fil-gazzetta tiegħu. Wara t-Tabib Agius, kompla bl-istess allegazzjoni l-editur ta' *In-Naħla*, Agostino Levanzin, u ma' dawn iż-żewġ edituri ngħaqad ukoll Dott. Ġużeppi Mizzi, l-editur tal-



Antonio Azzopardi



Il-forka

gazzetta *Malta*. Imma wara dawn l-allegazzjonijiet, it-tobba li kienu ċċertifikaw il-mewt ta' Azzopardi, jiġifieri t-Tabib Ewlieni tal-Gvern, Dott. Caruana Scicluna, it-Tabib tal-Ħabs, Dott. Baldacchino, u t-Tabib Said tad-Distrett, għamlu kawża ta' libell lit-tliet edituri u l-każ kellu jinstema' quddiem ġuri.

Bit-tgħalliq tinkiser dik il-parti tal-għonq, magħrufa bħala *atlas vertebrae*, u huwa l-ksur ta' dan ir-rukkell fil-parti ta' fuq tas-sinsla tad-dahar li jikkaġuna l-mewt. Wara l-ksur ta' din il-parti, ir-ras tkun tista' tiddawwar f'angolu akbar minn qabel. Għalhekk, meta t-tobba kienu jdawru ras l-iġġustizzjat u din kienet iddur f'angolu ikbar, kienu jaslu għall-konklużjoni li l-persuna tkun mejta u dan kien biżżejjed biex jiċċertifikaw il-mewt.

Iżda waqt din il-kawża ta' libell, l-Avukat Arturo Mercieca, li ddefenda lit-Tabib Agius, ġab xhieda fejn intqal li għalkemm ir-ras iddur f'angolu ikbar min-normal, l-*atlas vertebrae* tista' ma tkunx miksura. Dwar dan kien tela' jixhed it-Tabib Ġużeppi Galizia u dan ix-xhud semma każ ta' tifla li kienet waqgħet minn ċertu għoli u minkejja li ġiet għal rasha u mietet, l-*atlas vertebrae* ma nkisritx. Ix-xhud kompla qal li minkejja li ma kienx hemm il-ksur ta' dan ir-rukkell, ras it-tifla setgħet tiddawwar ħafna aktar min-normal.

Din l-evidenza, minbarra li ħelset lill-akkużati minn xi ħtija, kompliet tkabbar id-dubju dwar l-eżekuzzjoni ta' Azzopardi. Dan kompla jżid il-għagħa li kienet saret u xi nies bdew iqisu lil Ninu Xkora bħala raġel qaddis u saħansitra saru xi santi tiegħu. Barra minn dan, xi wħud kienu bdew imorru jpoġġu t-tazzi biż-żejt fuq il-qabar tiegħu fiċ-ċimiterju tal-ħabs.

Wara din il-ġrajja nħolqot ukoll l-istorja li Ninu Xkora kien beda jidher fl-inħawi tal-ħabs. Beda jingħad li ċerta mara kienet marret tieħu ż-żejt biex tpoġġih fuq il-qabar ta' Ninu Xkora. Din irrakkuntat li meta sabet il-bieb taċ-ċimiterju magħluq kienet ċemplet il-bieb tal-ħabs u r-raġel li fetħilha kien ħadilha ż-żejt u wegħedha li kien se jpoġġih fuq il-qabar hu. Xi żmien wara, meta l-istess mara kienet reġgħet marret tpoġġi aktar żejt fuq il-qabar ta' Azzopardi, l-ebda gwardjan ma ried jieħdu minkejja l-insistenza ta' din il-mara li wieħed minnhom kien poġġa ż-żejt fejn kien mitlub. L-istorja tkompli li, peress li diġà kien hemm xi għajdut li kien qed jidher l-ispirtu ta' dan l-iġġustizzjat, il-gwardjani wrewha r-ritratt ta' Azzopardi, u din ikkonfermat li kienet tat iż-żejt lir-raġel li kien hemm fir-ritratt.

Għal ħafna snin il-ġrajja ta' Antonio Azzopardi baqgħet fuq fomm kulħadd u, bħalma jiġri dejjem, ikun hemm min jogħġbu jżidilha biċċa jew jagħtiha bixra ferm differenti. Illum għadek tisma' nies li jgħidu li Azzopardi kien ingħata l-mewt mingħajr ħtija, minkejja li dan ma kienx il-każ għax Azzopardi wettaq omiċidju quddiem diversi nies li



Il-kamra tal-forka

wara xehdu kontrih. Jista', madankollu, wieħed jasal għall-konklużjoni li l-kundanna tal-mewt ma kellhiex tingħata f'dan il-każ għax kien hemm provokazzjoni mill-vittma. Tajjeb li jingħad ukoll li fid-dokumenti tal-ħabs ma hemm xejn dwar l-imsejħa apparizzjonijiet ta' Antonio Azzopardi, għalkemm kienet verità din il-ġrajja tad-dfin mgħaġġel ta' Azzopardi wieħed ma jistax jgħid b'ċertezza. Li hu żgur, madankollu, huwa l-fatt li wara dan il-każ l-awtoritajiet ħadu aktar prekawzjonijiet biex fl-eżekuzzjonijiet li kellhom isiru ma jkun hemm l-ebda kontroversji. Għalhekk, wara l-eżekuzzjoni tal-forka bdew jitqabbdu l-aħjar kirurgi tal-pajjiż biex jiċċertifikaw il-mewt tal-iġġustizzjati. Barra minn dan, id-dfin tal-ikkundannat ma baqax isir fi żmien siegħa bħalma kien isir qabel.



Iċ-ċimiterju tal-ħabs ta' Kordin

# SEDJI TAL-UNUR
## U L-BAĊILI/TRIJONFI FIL-KNISJA TA' SAN LAWRENZ TAL-BIRGU

Lorenzo Zahra

Il-Knisja Parrokkjali tal-Birgu, iddedikata lil San Lawrenz, barra li kienet l-ewwel parroċċa f'Malta kienet ukoll magħżula biex isservi bħala l-ewwel knisja tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, u b'hekk ħadet it-titlu ta' Konventwali tal-Ordni. Il-prijur li kien imexxiha dak iż-żmien kien igawdi privileġġi bħal tal-isqfijiet. Billi l-isqof f'dik il-ħabta kien ikun magħżul minn ħdan l-Ordni, u billi kien ukoll waqqaf il-palazz tiegħu fil-Birgu, l-isqof kien jagħmel użu mill-istess knisja bħala s-sede tal-isqof fejn kellu s-sedja tiegħu. Meta l-Ordni ġarret lejn il-Belt Valletta, u fil-Birgu twaqqaf is-Sant'Uffizzju (dak li nsejħulu l-Inkwiżitur), dan ukoll ried li f'xi ċirkustanzi jieħu sehem fil-funzjonijiet fl-istess knisja, u billi kien jgħin lill-knisja għax kien iħallas xi servizzi, kellu wkoll is-sedja tiegħu fl-istess knisja.

L-Università tal-Maltin, ċoè l-ġurati, kif kienu msejħa dak iż-żmien id-deputati flimkien mal-Ħakem jew Sindku tagħhom, ukoll kellhom is-sedja tagħhom fuq it-tieni presbiterju tal-knisja, biex hekk kellhom post distint fil-festi prinċipali għax dawn kienu jieħdu sehem uffiċjalment. L-Università kienet tħallas lill-organista, u tħallas ukoll għal xi servizzi oħra, u allura kellha ċerti drittijiet fl-istess knisja. Billi l-Università kienet tħallas ukoll għall-predikaturi tal-Kwareżima (ta' żmien ir-Randan u l-Avvent), il-ġurati kienu obbligati li jattendu u jisimgħu dawn il-prietki. Iżda kien inqala' ħafna inkwiet meta l-Isqof Cagliares, fl-1626, kien ried li l-predikatur jagħżlu hu. F'dil-biċċa kien indaħal ukoll l-istess Gran Mastru, u l-Kappillan ta' San Lawrenz sab ruħu f'ħafna inkwiet. Fl-Arkivju tal-knisja ta' San Lawrenz, fil-Volum Cartolaro Vol. 1, parti 2, hemm rapport ta' dak li ġara f'din l-okkażjoni, u l-Kan. Dun Anton Zammit Gabaretta kien tana rendikont ta' dak li ġara fil-ħarġa tal-*Pronostku* tal-1979.

Pretensjoni oħra kienet dik tal-Gvernatur tal-Birgu, li fil-purċissjoni ta' Korpus Christi, li fil-Birgu kienet mill-qedem tkun iċċelebrata b'solennità kbira, kien ried li jżomm lasta tal-baldakkin. Il-problema kienet li l-baldakkin kellu erba' lasti, u dawn kienu jerfgħuhom erba' ġurati tal-Università. Għalhekk, b'ordni tal-Isqof, il-baldakkin tal-Birgu kienet żdiditlu lasta oħra fuq wara, biex din iżommha l-Gvernatur tal-Birgu u b'hekk jiġi evitat l-inkwiet.

Fis-sena 1629 kien inqala' inkwiet ieħor għall-kappillan ta' San Lawrenz, Dun Ġużepp Fiteni. Din id-darba għaliex il-kaptan tal-Birgu – il-Kavallier Barras tal-Lingwa tal-Avernja – ried li jkollu sedja fuq it-tieni presbite tal-knisja, bħalma kellhom il-ġurati tal-Università. Skont ir-rapport li kiteb il-kappillan fis-27 ta' Ġunju 1629, l-użanza tas-sedji kienet biss għall-Gran Mastru, għall-Isqof, għall-Inkwiżitur, għall-Vigarju Ġenerali, għall-Gran Kroċi, kif ukoll għall-ġurati tal-Università, u li qatt il-kaptani tal-Birgu ma kellhom is-sedja tagħhom. Allura Dun Ġużepp Fiteni mar għand l-Isqof biex jieħu l-ordni dwar x'kellu jagħmel minħabba l-insistenza tal-Kaptan. L-Isqof qal lill-kappillan biex possibbilment ikabbar is-sedja tal-ġurati biex il-kaptan ikun jista' joqgħod magħhom. Wara li tkellem mal-ġurati, għall-bidu aċċetta, iżda ma damx għax għamel sedja ġdida biex iqegħedha fil-knisja.

Il-Kavallier Barras milli jidher kien iħobb jaqla' l-inkwiet u jkabbar l-affarijiet għax huwa kiteb ukoll lill-Gran Mastru ittra li bagħatlu fil-Palazz ta' Sant'Anton mal-Prijur tal-Lingwa ta' Leon. Sar proċess quddiem l-Isqof, u ġie msejjaħ ukoll Dun Krispin DeCaro, li kien kappilan ta' San Lawrenz qabel Dun Ġużepp. Dan stqarr li xi 35 sena qabel, meta hu kien kappillan, qatt ma kienet li l-Kaptan ikollu sedja għalih fil-knisja. Hekk kompla jgħid ukoll il-Kanonku GioMaria Abela, li kien Vigarju, kif ukoll Dun Mikiel Cap, kappillan ta' Bormla li qabel kien serva ta' kjeriku fil-knisja ta' San Lawrenz. Mill-proċess jidher li dan il-Kavallier Barras ma kienx benvist mal-kappillan. Jidher minn xhieda oħra bħal dik ta' Andrea Tonna, ta' Alojsia La Rocha, u ta' Petru Jacobo li qal li kellu inċident meta kien jilgħab il-Brigli ma' ċertu Antonio Mustaccia fil-pjazzetta tal-Birgu u dan mar iġib ix-xabla għalih.

Jidher li mhux lakemm wieħed kien jippretendi s-sedja f'din il-knisja, il-għaliex il-knisja ta' San Lawrenz kienet il-knisja uffiċjali għall-użu ta' ċerti dinjitarji għal bosta snin.

## IL-FRATELLANZA TAL-MADONNA TAL-KARITÀ FIL-BIRGU.

It-titlu tal-Madonna tal-Karità daħal fostna l-ewwel fil-belt il-qadima ta' Malta – il-Birgu. L-Għaqda f'isem il-Madonna biex tgħin lill-foqra bdiet fil-parroċċa tal-Birgu meta din kienet stabbilita fil-knisja tal-Patrijiet Dumnikani, billi l-knisja ta' San Lawrenz kienet tinsab f'idejn l-Ordni tal-Kavallieri. Il-Fratellanza bdiet fl-1544, iżda fl-1580 meta din marret fil-knisja ta' San Lawrenz, l-Isqof Gargallo kien ħareġ digriet biex jikkonfermaha. Fil-knisja tad-Dumnikani riedu li jibqa' jkollhom fratellanza bħalha. Allura twaqqfet oħra iżda bl-isem ta' Fratellanza tar-Rużarju.

Ix-xogħol ta' dawn il-fratelli kien li jgħinu l-foqra u jidfnu l-mejtin. Kienu għalhekk jiġbru l-flus għall-karità u jqassmu l-ħobż lil min kien bżonnu. Fl-1605 l-Isqof kien ġabilhom diversi indulġenzi speċjali, u fl-1615 il-Fratellanza kienet ingħaqdet ma' dik tal-knisja ta' San Ġilormu ta' Ruma. Kienu akkwistaw statut fl-1659 u ħames snin wara bdew jidħlu mal-piki bejnhom u bejn ir-Rużarjanti dwar min kellu preċedenza minnhom.

**Ix-xogħol soċjali li kienu jagħmlu l-Fratellanzi kien meħtieġ ukoll fi bliet u rħula oħra ta' Malta, hekk li bdew jitwaqqfu Fratellanzi bħalhom 'l hawn u 'l hinn. Hekk fl-1589 twaqqfet waħda fiż-Żejtun, fl-1610 fil-Belt Valletta, fl-1655 ġewwa Ħal Għaxaq, fl-1695 f'Ħaż-Żebbuġ, fl-1715 fil-Belt tal-Isla, fl-1758 fir-Rabat tal-Imdina, u fl-1781 ġewwa Birkirkara.**

Il-Fratellanza tal-Birgu kienet oriġinat mill-fundatur tagħha tal-familja Testaferrata; familja nobbli li kienet toqgħod il-Birgu. Fil-Fratellanza kellu jkun hemm sittax-il fratell u Rettur, u dawn ma kellhom iħallsu l-ebda annwalità billi l-Fratellanza kien waqqafha l-fundatur. Is-servizz tagħhom lejn il-fqajrin kien meqjus biżżejjed. Il-Fratellanza Vittorjożana kienet mhux biss ta' għajnuna għall-fqar, imma kienet ukoll speċjali għax fil-purċissjoni l-fratelli kienu jġorru l-**baċili** li minnhom kienu jqassmu l-ħobż. Dawn il-baċili – li fl-imgħoddi kienu jissejħu "Trijonfi" – kienu bħal *trays* imżejna bi statwi qaddisa mdawra bi ħbejżiet żgħar kull fejn tara. Id-drawwa bdiet billi l-fratelli kienu joħorġu spiss bi *trays* bħal dawn iqassmu l-ħobż, imma nhar il-festa, it-*trays* kienu jkunu mżejna bl-istatwetti u dekorazzjoni oħra, u l-ħobż kien jitqassam wara.



Il-baldakkin kellu biss erba' lasti. Allura, b'ordni tal-Isqof żdiditlu lasta oħra

Il-fratelli kienu bl-imħatra min iżejjen il-baċil tiegħu l-isbaħ. Waqt il-purċissjoni, il-fratell kien iżomm it-torċa f'idu, u persuna oħra quddiemu bil-kunfratija żżomm it-trijonf tiegħu. Il-libsa tal-fratelli kienet għall-bidu kunfratija bajda, iżda fl-1797 kienu ngħataw permess biex jilbsu muzzetta krema, bl-insinji tal-karità fuqha, billi dik il-ħabta ħafna fratellanzi oħra bdew jilbsu l-muzzetta wkoll.

Il-purċissjoni kienet issir fit-tielet Ħadd ta' Mejju. L-istatwa l-qadima, li kienet ukoll imlibbsa, kienet ġiet issostitwita, imma wieħed għadu jista' jara r-ras tagħha fil-Mużew tal-Birgu. Il-vara l-ġdida saret minn Darmanin, iżda l-festa ma saret qatt aktar minn wara l-Gwerra 'l hawn, u l-fratellanza ġiet meqruda. Lejlet il-festa, il-baċili kienu jittieħdu kollha fil-knisja tat-Trinità li kienet fi *Strada San Lorenzo*, u l-Banda *Duke of Edinburgh* kienet tmur għailhom – tgħaddi mill-Pjazzetta, mit-Triq tal-Labatija, u jduru lejn il-Parroċċa. L-għada, nhar il-festa, dawk

it-trijonfi sbieħ kien ikun fihom għaxqa, mexjin f'dik il-purċissjoni unika f'Malta. Kienu jinġabru ħafna nies biex jarawhom għaddejjin, f'purċissjoni akkumpanjata mill-banda. Għadni niftakar xi wħud mill-fratelli li kellhom minn dawn il-baċili. Uħud nafhom b'isimhom, u oħrajn nafhom biss bil-laqam. Qed insemmihom hawn f'ġieħ l-istorja: Benjamin, ta' Wenzu Dalmas, ta' Barbara, ta' Renzu Cacciattolo, Ruffini l-Iskultur, Bartelmin, Rafel il-Pejxu, tal-Ħall, u ta' Saburas. Naturalment ir-Rettur kien jakkumpanja fin-nofs, bid-distintiva tal-fidda fuq sidru, waqt li fil-purċissjoni kien ikun hemm fratell bis-suġġetta f'idu, ħalli jmexxi l-purċissjoni huwa.

Min irid jara l-uniku wieħed minn dawn it-trijonfi jew baċili li għad baqa' għall-wiri, jista' jżur il-Mużew fl-Oratorju ta' San Ġużepp, il-Birgu.

## MANIKINI MLIBBSIN

Waħda mill-karatteristiċi li baqgħet konservata fil-Belt Vittoriosa hija t-tradizzjoni li l-vari huma manikini mlibbsin. Fil-fatt għandna l-vari ta' San Lawrenz, San Ġużepp, u l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Din hija użanza li nġiebet mill-baħħara Maltin tal-imgħoddi li kienu jivvjaġġaw f'artijiet taħt il-ħakma ta' Spanja. Nifhmu għalhekk li nġiebu minn barra partijiet biex setgħu jsiru l-manikini lokali. Statwi ta' dan it-tip bdew jidhru fostna lejn il-bidu tas-seklu XVII, billi l-Konċilju ta' Trentu (1545–63) kien impedixxa l-użu ta' statwi manikini.

L-ewwel vara f'Malta li tissemma f'purċissjoni mill-Visti Pastorali kienet dik ta' Santu Rokku fil-knisja ta' San Lawrenz il-Birgu. Din ma kenitx manikin; kienet vara tal-injam li niftakar tajjeb kienet tintrefa' fit-taraġ lejn l-Awla Kapitulari (jiġifieri l-awla fejn jiltaqa' l-Kapitlu) qabel it-tiġrif tal-Gwerra.

L-ewwel darba li vara ta' San Lawrenz tissemma f'dokument hu fis-sena 1621. L-istoriku Gianmarì Farrugia kien għarrafna b'karikatura li kellu Dun Anton Pace li turi l-purċissjoni ta' San Lawrenz bl-istatwa kif kienet toħroġ fi żmien l-Ordni. Nifhmu li din hija tat-tieni nofs tas-seklu XVIII. Għad għandna kopja tagħha fil-mużew.

Il-vara ta' San Lawrenz, minn sena għal oħra kienet tiżżarma wara l-festa u tintrefa'. Hekk ġara fis-sena 1880 meta saru ż-żewġ niċeċ, dik ta' San Lawrenz u dik ta' Santa Katerina. Xi erbgħin sena qabel kienet saret suttana ġdida ħamra, li qamet 50 skut, biex titlibbes lill-vara (ara: AAM Sup.AF 1844 – Vol 89/p.44). Fl-1851 il-vara ta' San Lawrenz fil-festa kellha diġà f'idejha gradilja tal-fidda (ara: djarju tal-viżitatur barrani Badger). Fl-1886 iI-vara bdiet tiġi mżejna b'erba' vażetti tal-fidda bil-fjuri li kienu saru mis-sorijiet ta' Santa Katerina, il-Belt. Dawn għadna ngawduhom sal-lum.

Gianmarì Farrugia kien jgħid li l-vara ntmesset bil-pinzell minn Dun Lawrenz Calleja (1846–95), saċerdot u artist. Minn dak iż-żmien, meta saru l-bradella u l-pedestall fl-1903, il-manikin ġie mtawwal, biex l-ilbies joqgħod aħjar. Dan ix-xogħol kien sar minn Abram Gatt ta' Bormla.

Il-bradella saret fl-1903 mill-injam tal-ġewż, tal-larinġ, bux, u ebbanu. Fiha xogħol ta' skultura u ta' intarzjar, u dekorazzjoni bil-madreperla u bil-fidda. Id-disinn hu ta' Alfonsu Pace, u ħadmuha Lorenzo Ruffii u Franġisku Azzopardi. Mal-faċċati wieħed jista' jara l-armi tal-Gran Mastru L'Isle Adam, ta' La Vallette, tal-Konti Ruġġieru, u tal-Papa Urbanu II. Ma' kull faċċata hemm anġli tal-fidda ta' Sażiliski u Katidrali Lawrenzjani: Ruma, Alba, Clairemonte, Firenze, Ġenova, Viterbo, Eskurial, San Damaso, Ruma. Sfortunatament il-bradella sfat imfarrka fil-Gwerra, u ttieħdet fil-Kunvent ta' San Mark, ir-Rabat. Fl-1947 ġiet irrestawrata b'ħila minn Lorenzo Zammitellu u illustrata minn Lorenzo Naro. Il-kumitat tal-festa dik il-ħabta kien magħmul mill-Arċipriet, P. Galea, B. Dalmas, G. Calleja, L. Grech, P. Gellel, u T. Cacciattolo.

Fl-1953, Salvu Cardona kien ħadem bradella u pedestall għall-jiem tan-novena għax il-vara kienet tintrama nhar l-Antiviġilja.

# RWOL IL-MAJJISTRI BEJN L-1900 U L-1990

Fiona Vella

**"Bħala ners li naħdem fid-Dipartiment tal-Emerġenza, waqt li darba minnhom kont xogħol f'ambulanza, sibt ruħi qed nassisti mara biex twelled lit-tarbija tagħha," bdiet tispjega Janice Cassar. "Din l-esperjenza nisslet f'moħħi diversi mistoqsijiet dwar x'kien isir fil-passat waqt mumenti bħal dawn, fejn il-majjistri kellhom jimprovizzaw skont is-sitwazzjoni u l-ambjent li jsibu ruħhom fih, billi jagħmlu użu mill-għerf u l-kapaċità li kellhom, aktar milli billi jserrħu fuq l-għodda tagħhom."**

Dawn il-ħsibijiet ħeġġewha biex tibda tagħmel riċerka għall-interess tagħha personali. Madanakollu, hi tant daħlet fil-profond ta' dan it-tiftix, li spiċċat biex sabet ruħha għal għonq it-triq ta' vjaġġ interessanti ta' skoperta li ħadha lura lejn il-perjodu li jkopri s-snin bejn l-1900 u l-1990.

## METODOLOĠIJA

"Id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni rigward il-majjistri u t-twelid fid-djar f'dik l-epoka huma skarsi ħafna. Infatti, ma ssib l-ebda dettalji ta' x'kien isir fil-kamra tal-ħlas waqt it-twelid ta' tarbija f'dawk is-snin," spjegat Janice.

"Kien għalhekk li ddeċidejt li nibda nesplora l-perċezzjonijiet tal-ommijiet u tal-majjistri dwar il-ħlas li kien isir fid-djar bejn dan il-perjodu. L-għan prinċipali tiegħi kien li nsir naf aħjar x'kien ir-rwol tal-majjistra matul it-tqala, waqt il-ħlas, u kif ukoll wara t-twelid. Dan xtaqt nagħmlu billi nfittex l-istejjer u l-memorji personali tan-nies li għaddew minn dawn l-esperjenzi waqt dan iż-żmien partikolari."

B'kollox, Janice intervistat 24 omm (23 minn Malta u waħda minn Għawdex) li bejniethom welldu 95 tarbija fid-djar tagħhom. Kollha kienu miżżewġa għax dari kien tabù li mara jkollha tarbija jekk ma tkunx ħadet l-istat tagħha. Fost dan it-twelid kien hemm: par tewmin, żewġ ħlasijiet mingħajr assistenza, tliet korrimenti, tliet trabi li twieldu mejtin, u każ fejn mietet l-omm. L-età medja tan-nisa intervistati kienet ta' 78, fejn l-iżgħar kellha 60 sena u l-akbar 99 sena.

Għal dan l-istħarriġ, hi tkellmet ukoll ma' erba' nisa li fi żmienhom kienu jaħdmu bħala majjistri, filwaqt li ltaqgħet ukoll ma' xi qraba ta' tliet majjistri oħra li llum m'għadhomx magħna.

## STĦARRIĠ

"Qabel l-1959, il-kwalifiki meħtieġa biex issir majjistra kienu li mara tkun taf tikteb u taqra bl-Ingliż u l-Malti, ikollha għarfien bażiku fis-somom, sentejn apprendistat is-Central Hospital, tkun assistiet mhux inqas minn 40 twelid, tilħaq il-kriterji kollha tal-*medical board* tal-gvern ta' dak iż-żmien, tgħaddi mill-eżamijiet u jkollha diploma ta' ners u majjistra, tħallas il-miżati, u tkun ta' karattru u morali tajba," skopriet Janice.

"Kull ħlas għandu tliet stadji u l-majjistra kienet mistennija tassisti matulhom. L-ewwel stadju ġeneralment ikopri diversi sigħat fejn l-utru jirqaq, jitwal, jitwessa', u jinfetaħ. Il-mara tibda tħoss uġigħ taħt id-dahar u fiż-żaqq."

"Meta jibda dan l-uġigħ, xi membru tal-familja li ma kienx ser ikun qed jassisti l-omm waqt it-twelid, kien imur isejjaħ lill-majjistra. Ħafna mill-majjistri kienu jidentifikaw ruħhom billi jwaħħlu plakka biswit il-bieb ta' barra ta' darhom li fuqha kien ikollha miktub l-isem u s-servizzi li joffru. Għal filgħaxija, kien hemm min ikollu wkoll lampa b'salib fuqha wara l-bieb biex in-nies isibu l-post malajr."

"Jekk ma tkunx qed taqdi lil ħaddieħor, malli xi ħadd kien isejħilha, il-majjistra kienet toħroġ taqdih. Kif tasal, hija kienet tiċċekkja fiex waslet l-omm, fosthom:




Plakka li kienet tindika r-residenza tal-majjistra (Janice Cassar)



L-għodda tal-majjistra (Janice Cassar)



Il-basket tal-majjistra (Janice Cassar)

kemm infetħet, l-ilma, kemm qed ikun frekwenti l-uġigħ, il-pożizzjoni u l-qalb tat-tarbija, u l-istorja tal-omm waqt it-tqala tagħha. Waqt din l-eżaminazzjoni, hija kienet tevalwa wkoll jekk hux ser ikun hemm il-bżonn ta' xi mediċini jew l-għajnuna tat-tabib."

"Imbagħad, skont f'liema stat tkun sabet lill-omm u jekk tkun il-prassi tagħha, il-majjistra kienet tneħħi xi pil tal-mara jew tagħtiha xi porga jew levattiv. Jekk l-omm tkun għadha fil-bidu wisq tal-ħlas, il-majjistra ġieli kienet titlaq tassisti lil ħaddieħor u mbagħad tirritorna."

"Meta l-majjistra ma tkunx mill-istess raħal jew belt, kien hemm sistema twila kif din tintlaħaq. Infatti, hekk kif kien jibda l-uġigħ, xi membru tal-familja kien jiġri lejn l-għassa tal-post sabiex jitlob lill-pulizija jċemplu lill-għassa tal-inħawi fejn toqgħod il-majjistra. Kif jasal il-messaġġ, pulizija kien joħroġ mill-għassa sabiex imur ifittex lill-majjistra ħalli jagħtiha d-dettalji ta' dawk li jirrikjedu l-għajnuna tagħha. Minn hemm, il-majjistra kienet issib mezz kif tasal għand il-mara. Mhux darba u tnejn li kien hemm każi fejn il-majjistri ma laħqux waslu fil-ħin."

"Fl-ewwel stadju, l-omm kienet tkun akkumpanjata biss mill-qraba; ġeneralment mill-omm u mill-kunjata. Kienu jkunu l-qraba li jagħmlu l-preparamenti għall-ħlas, fosthom jgħallu l-misħun, ilestu x-xugamani, jitfgħu inċirata, lożor ħżiena u xi ftit xugamani fuq is-saqqu peress li dan kien magħmul mill-ħaxix u wara riedu jorqdu fuqu, jipprovdu dawl tal-lampa u xi tip ta' *heater* għas-sħana."

"Fit-tieni stadju, l-utru jirqaq u jitwessa', jiżdied l-uġigħ u tkun meħtieġa l-assistenza tal-majjistra. Jibda jiżdied it-tqanżiħ, it-tarbija tibda nieżla u finalment tkun waslet biex titwieled. Wara li titwieled it-tarbija, il-kurdun kien jinqata' b'żewġ metodi: bil-ħajt jew bl-għodda."

"Qabel is-sittinijiet, ma kinux jippermettu lill-omm li toqgħod f'ċerti pożizzjonijiet. Mir-riċerka



Għorfa fiż-Żejtun fejn twieldu aktar minn 5 trabi (Janice Cassar)

tiegħi 71% welldu fuq daharhom jew fuq il-ġenb. Ma setgħux joqogħdu kokka jew iserrħu imma riedu bilfors jimteddu fuq is-saqqu. Dan inbidel mill-1960 'l hawn fejn il-mara bdiet tingħata l-opportunità li tagħżel f'liema pożizzjoni kienet tħossha l-aktar komda twelled."

"F'dan l-istadju, il-majjistra kienet taħsel idejha u tilbes l-ingwanti u l-fardal. Jekk tkun ġejja minn twelid ieħor, kienet titlob lil xi ħadd mill-familja biex jgħallu l-għodod li hija tpoġġi ġo kontenitur tal-*istainless steel* sabiex jiġu eliminati l-mikrobi."

"Għat-twelid, uħud mid-djar kellhom kamra msejħa alkova li kellha wisgħa ta' madwar 5 b'6 piedi. Kienet tkun fis-sular t'isfel jew ta' fuq, u l-art kienet tkun miksija bil-madum minħabba l-iġjene, filwaqt li t-twieqi ma kinux jinfetħu biex ma jidħolx riħ. Spiss, l-alkova kienet tagħti għal kamra oħra. Filwaqt li wħud mill-kmamar kienu ddekorati u relattivament sbieħ, oħrajn kienu jkunu fl-għoli u jintlaħqu bi skalapiża li l-mara tqila u muġugħa kien ikollha titla' biex twelled!"

"Kien hemm oħrajn li kienu jagħżlu li jwelldu fl-għorfa. Din kienet tkun l-istess kamra li jinnamraw fiha peress li kienet kemxejn maqtugħa mill-bqija tad-dar. Fl-għorfa, meta jasal żmien il-ħlas, kienu jressqu s-sodda mal-ġenb tal-kamra ħalli ma jkunx hemm ventilazzjoni minħabba t-tarbija."

"Dawk li kienu tqal waqt il-gwerra, mhux darba u tnejn li kellhom iwelldu f'xelter. Fix-xelters il-kbar spiss kont issib kamra apposta, bl-art miksija bil-madum u mogħnija bi ftit dawl u għamara. Din il-kamra kienet tkun il-bogħod mill-komun sabiex in-nies la jaraw u lanqas jisimgħu. Oħrajn li jinzertaw f'xelters iżgħar fejn ma jkunx hemm post għal din il-kamra, kien ikollhom iwelldu fuq tavla dejqa ġo xelter bla ebda kumdità ta' xejn."

"Fit-tielet stadju, wara aktar tqanżiħ, kienet toħroġ is-sekonda. Imbagħad il-majjistra kienet timmassaġġa l-utru u tara kienx hemmx bżonn xi punti. Wara, taħsel lit-tarbija u lill-omm. Eventwalment, il-majjistra kienet tinforma lill-omm dwar il-bżonnijiet u n-nutrizzjoni tat-tarbija, filwaqt li tfakkarha li kellha tastjeni mis-sess għal mill-inqas erbgħin ġurnata."

"Jekk it-tarbija titwieled kiesħa, kienu jgeżwruha f'xugaman u jagħmluha viċin is-sħana. Majjistra qaltli li f'dan il-każ, kienu jagħmlu taħlita ta' misħun, zokkor, u żewġ qatriet rum u jpoġġuha fuq ilsien it-tarbija. Min-naħa l-oħra, jekk it-tarbija titwieled vjola, huma kienu jogħrkuha bir-rum u jagħmlulha l-magħmudija. Jekk l-omm tibda titlef ħafna demm, kienu jsejħu lit-tabib biex jagħtiha xi injezzjonijiet u l-mara tittieħed l-isptar."

Janice kellha x-xorti li tifli mill-qrib żewġ basktijiet ta' majjistri: wieħed tas-snin tletin u l-ieħor tas-snin



Rikostruzzjoni ta' xena ta' twelid id-dar

erbgħin. Dan tal-aħħar kien għadu mimli bl-għodda u b'kollox kien jiżen madwar 5 kilos.

"L-għodda li sibt kienu jinkludu: ingwanti, fardal, pinard (strument biex tisma' l-qalb tat-tarbija), lubrikant, miżien, *artery forceps*, imqassijiet, siringi, pelvimeter (biex tkejjel il-qadd), inċirata għas-saqqu, *stetoscope*, *delivery pack*, ħajt tal-punti, u labar ta' qisien varji. Kien hemm ukoll: kontenituri tal-*istainless steel*, diżinfettant, *suction tube* (biex ikunu jistgħu jbattlu l-istonku tat-tarbija), reġistri tat-twelid, pinna, levattiv (biex tnaddaf l-imsaren minn ġewwa), ċinturini (kienu jintrabtu mas-sodda biex l-omm tagħmel forza magħhom waqt li tkun qed twelled), garżi u tajjar."

Barra minn hekk, f'dan il-basket, Janice sabet ukoll xi mediċini, fosthom dawk għal kontra l-uġigħ inkluż gass imħallat mal-ossiġnu.

"Dan kien jintuża l-aktar mill-majjistri li kienu jaħdmu mal-MMDNA għax dawk ta' qabel ma kienx ikollhom dan il-gass għad-dispożizzjoni tagħhom. Fatt interessanti huwa li dan il-gass li seta' jtaffi l-uġigħ lin-nisa waqt il-ħlas, għamel żmien ipprojbit mill-Knisja. Infatti, waqt ir-riċerka tiegħi, xi nisa stqarru li kienu ppreferew li jibqgħu jwelldu d-dar u jġarrbu t-tbatija li kien hemm bżonn minħabba li kienu jibżgħu li jagħmlu dnub jekk imorru l-isptar u jkunu offruti dan il-gass."

## KONKLUŻJONI

Ir-riċerka ta' Janice Cassar għadha għaddejja hekk kif xi nies li jsiru jafu b'dan it-tiftix tagħha, qegħdin jersqu lejha u jgħaddulha aktar informazzjoni, inkluż ukoll għadd ta' rakkonti personali, li jkomplu jagħmlu dan it-tagħrif aktar intriganti.

Infatti, hija qed tistieden lil dawk kollha li jixtiequ jaqsmu l-esperjenzi tagħhom dwar din it-tema, biex jikkuntattjawha fuq 79091700 jew janice6ft@gmail.com

# L-ERWIEĦ, L-ISPIRTI, U L-ĦARES FIL-FOLKLOR MALTI

Joseph Serracino

**Bħall-ġnus kollha tad-dinja, il-poplu Malti għandu l-folklor tiegħu magħġun f'użanzi u tradizzjonijiet antiki li waslu għandna mill-ġenerazzjonijiet ta' qabilna.**

Sa qabel it-Tieni Gwerra Dinjija konna għadna nsibu fostna drawwiet marbuta ma' ħafna superstizzjonijiet li, minħabba n-nuqqas ta' tagħlim, kienu jqanqlu ħafna beżgħat u qtigħ il-qalb fost il-poplu tagħna. Bħala eżempji nistgħu nsemmu l-baħrija s-sewda, it-tixrid taż-żejt fid-dar, il-knis filgħaxija, id-dlam ċappa, il-kulur aħdar, in-numru 13 meta jaħbat fil-jum tal-Ġimgħa, il-għajn, il-ħolm dwar id-dras, jew dwar persuni mejtin li jitolbu xi ħaġa jew jgħaddu xi messaġġ fil-ħolm, il-ftuħ ta' xi umbrella fid-dar, il-ħares li dwaru se nittrattaw din il-kitba, u ħafna oħrajn.

Nafu li dwar l-istejjer tal-iħirsa u l-ispirti nkitbu f'mijiet ta' kotba b'ilsna differenti u magħhom eluf ta' artikli interessanti oħra anke bil-Malti. Dawn ix-xogħlijiet inkitbu għaliex il-bniedem, irrispettivament mill-kulur tal-ġilda tiegħu, matul il-milja taż-żmien ġarrab jew għadda minn esperjenzi strambi (kultant tal-biża') li mhux biss ħawduh u werwruh iżda għamluh konxju għal kull ħaġa li seħħet u li kienet 'il fuq mill-intelliġenza tiegħu u minn dak kollu li hu normali. Din is-sens tas-sopranaturali dgħajjef ħafna l-karattru tal-bniedem, injetta fih l-element ta' biża' u għamlu superstizzjuż. Sa qabel u ftit wara l-gwerra, il-ħares, l-erwieħ u l-ispirti kienu fuq fomm kulħadd. Il-biża' kien ikompli jikber fost l-antenati tagħna bl-istejjer makabri dwar il-fatati u l-iħirsa li kienu jinkitbu u joħorġu perjodikament f'għamla ta' faxxikli f'dawk iż-żminijiet.

Jgħidu li l-Ingliżi huma poplu superstizzjuż u li jemmen bil-fatati. Niftakar li snin ilu, intwera biċċa film ta' xi minuta fuq it-televiżjoni lokali, li fih, bis-saħħa ta' kameras sofistikati ħafna, inġibed film ta' spettru ta' għassies fit-Torri ta' Londra qed jiftaħ u jagħlaq bieb.










Rumanzi tal-faxxikli li kienu jinqraw sa qabel il-Gwerra u ftit wara

Jingħad li dawn kienu l-ewwel dehriet ta' spettru jiċċaqlaq li nqabdu bil-lenti tal-kameras. Tgħid dawn id-dehriet kienu logħob tal-kameras jew kienu reali?

Jgħidulek li f'kull fortizza, f'ħafna mill-palazzi u d-djar antiki fit-tlett ibliet tal-Kottonera, fil-Belt, fl-Imdina u lokalitajiet oħra fil-gżejjer tagħna jidher xi spettru, u li meta n-nies saret taf bih bdiet titkellem dwaru. Dan il-fenomenu għadu jinħass anke fi żmienna, għaliex f'ċerti bliet u rħula għadna nsibu djar antiki li baqgħu vojta minħabba l-għajdut li fihom jidher il-ħares. Illum issib min jgħidlek li l-bombi tal-gwerra dgħajfu ħafna din is-superstizzjoni għaliex ħafna mid-djar li kienu ttimbrati bħala tal-ħares iġġarrfu, u meta reġgħu ttellgħu mill-ġdid, dan l-ispirtu malinn jew ħanin (kif jittimbrawh xi wħud) għeb minn ġo fihom.

## STEJJER TA' ERWIEĦ U SPIRTI

Ħafna mill-postijiet storiċi li għandna f'pajjiżna huma magħġunin bi stejjer tal-erwieħ jew fatati. Jingħad li fil-Forti Sant'Anġlu kienet tidher **il-Mara l-Bajda** (*White Lady*), fil-Palazz ta' Verdala hemm **il-Mara l-Kaħla** (*Blue Lady*), fil-Palazz tal-Gran Mastru l-Belt fi żmien l-Ingliżi u wara, jgħidu li fil-bitħa u f'xi kmamar kienet tinħass il-preżenza ta' xi spirtu, fil-Palazz tal-Inkwiżitur tal-Birgu jgħidu li jidher fatat, fil-Forti ta' Manoel Island jidher **il-Kavallier l-Iswed**, u f'diversi palazzi u djar oħra antiki mibnijin sekli ilu kienu wkoll jidhru xi spirti jew fatati.

### IL-MARA L-BAJDA

Aktarx li l-aktar storja popolari fejn jidħlu dawn l-erwieħ jew spirti f'postijiet storiċi hi dik tal-**Mara l-Bajda** li jingħad li kienet tidher fil-Kastell ta' Sant'Anġlu, u li għal ħafna snin kienet magħrufa bħala l-*White Lady*. Fis-snin sebgħin, ħabib tiegħi li kien *Petty Officer* fin-*navy* stazzjonat f'Sant'Anġlu, kien jistedinni biex immur nara xi film hemmhekk. Kienu jkunu serati soċjali, fejn wara l-ikel konna naraw xi film, ħafna drabi film ta' avventura biex jieħdu pjaċir it-tfal, imbagħad wara, aħna l-irġiel konna nidħlu fil-mess, u bejn grokk u ieħor kulħadd jgħid tiegħu biex b'hekk ngħaddu l-ħin flimkien. Niftakar li mhux l-ewwel darba li s-suġġett kien jaqa' fuq il-*White Lady*, u hawnhekk kont nosserva li waqt li xi wħud mill-uffiċjali kienu jħobbu jirrakkontaw xi storja dwarha, oħrajn kienu jibqgħu lura għax ma kinux jieħdu pjaċir bis-suġġett. Għaliex ma nafx, iżda minn kliemhom kien jidher ċar li din tal-*White Lady* ma kinitx xi ħlieqa tal-Ingliżi kif jaħsbu ħafna, iżda kienet ombra ta' mara li jingħad li kien hemm min raha, u li f'xi postijiet partikolari tal-forti kienet tinħass ħafna l-preżenza tagħha.



Ħafna djar antiki fl-Imdina spiss jissemmew fil-Folklor fuq il-Ħares

Għalkemm l-istorja tal-*White Lady* smajtha b'verżjonijiet differenti, il-kittieb Joseph Attard fil-ktieb tiegħu *The Ghosts of Malta* jagħtiha storja dettaljata. Jingħad li din il-mara sfortunata rawha kemm-il darba f'diversi postijiet ta' dan il-kastell, madankollu kien hemm post partikolari fejn il-preżenza tagħha kienet tinħass aktar minn postijiet oħra. F'dan il-post kienu jinstemgħu l-passi u l-ħsejjes ta' bibien u twieqi jinfetħu u jingħalqu bil-mod, l-arja kienet tiksaħ f'daqqa waħda u d-dwal kienu jitbaxxew bil-mod.

Attard jgħidilna wkoll li din il-mara, li maż-żmien saret magħrufa bħala l-*Grey Lady,* kienet waħda miż-żewġ nisa f'ħajjet il-Kaptan De Nava, membru tal-familja nobbli de Nava li l-antenati tiegħu kienu l-kastellani (kmandanti) tal-Kastell ta' Sant'Anġlu. Jekk hi kinitx il-mara jew il-maħbuba tiegħu ħadd ma jaf eżatt, iżda jingħad li, jum fost l-oħrajn, din l-imsejkna bdiet issejjaħlu, De Nava semagħha, iżda peress li aktarx f'dak il-ħin kien fil-kumpanija ta' mara oħra, sejjaħ l-għassiesa tiegħu u ordnalhom biex jeħilsuh minnha.

L-imsejkna mara ġiet maqtula u midfuna f'kalzri taħt l-art.

Jingħad li minn dak iż-żmien din il-mara bdiet tidher perjodikament f'diversi postijiet tal-kastell. Fi żmien il-ħakma Ingliża, l-uffiċjali Ingliżi ftit li xejn ħabblu rashom dwar dawn id-dehriet, tant hu hekk, li n-nies bdew jaħsbu li l-għajdut ta' fatat ta' mara fil-Forti Sant'Anġlu kienet xi ħlieqa tal-Ingliżi peress li dan il-ġens minn dejjem kien magħruf li jemmen fl-ispirti. Ġara iżda li mart Kaptan Ingliż, li kienet Maltija, għamlet xi żmien tgħix fil-forti, u meta jum fost l-oħrajn semgħet xi ħsejjes strambi, ftakret f'din l-imsejkna u talbet lil żewġha biex jagħmel xi quddies għal ruħha. Għalxejn! Aktar ma beda għaddej iż-żmien aktar saret storbjuża għaliex il-bibien bdew jistabtu aktar bis-saħħa u l-għamara bdiet titkisser. Dan it-tkissir werwer lil kulħadd, u ftit kienu dawk li kienu jissugraw jersqu lejn dik il-kamra. B'kumbinazzjoni, il-mara tal-kaptan li ġie warajh kienet ukoll Maltija u esperjenzat l-istess ħwejjeġ, iżda din id-darba minflok talbet li ssir quddiesa għal ruħha sar it-talb ta' eżorċiżmu sollenni u l-mara ma dehritx aktar.

Jingħad li meta snin wara kien qed isir xi xogħol ta' restawr f'xi kmamar tal-kastell fejn kien jingħad li tidher il-*Grey Lady* (jew *White Lady*), inkixfu xi affreski ta' armi, fosthom dik tal-familja De Nava. Inkixef ukoll bieb moħbi fil-ħajt, li meta nfetaħ deher passaġġ sigriet li kien jagħti għall-kalzri taħt l-art. Meta niżlu fih sabu tliet skeletri, wieħed kien ta' mara, li xi bċejjeċ ta' drapp li nstabu maġenbha kienu ta' lewn griż, waqt li ż-żewġ skeletri l-oħra kienu ta' rġiel, u li aktarx kienu taż-żewġ għassiesa li tqabbdu minn De Nava biex jeħilsuh mill-imsejkna mara, u li wara, meta ntebaħ bl-iżball tiegħu qatilhom biex jaħbi dnubu. Kienet appuntu s-sejba tal-bċejjeċ tad-drapp ta' kulur griż li din l-imsejkna mara li sa ftit qabel kienet magħrufa bħala l-*White Lady* bdew isejħulha l-*Grey Lady.*



Iċ-ċint qrib il-mina li tagħti għall-ponta tal-Isla fejn jingħad li mara darba rat tliet furnara

**TIFEL IMDENDEL MAT-TIEQA**

Storja interessanti ħafna dwar l-erwieħ u l-fatati, din id-darba taħt figura ta' tifel, smajtha l-Isla madwar għoxrin sena ilu. Koppja żagħżugħa kriet dar fi triq partikolari fl-Isla, u jum fost l-oħrajn kellhom bżonn sellum. Sakemm l-għarus kompla b'xogħlu, l-għarusa marret għand il-ġara tagħha u talbitha ssellifha sellum. Il-ġara qaltilha li hekk kif jasal id-dar żewġha tgħidlu biex jeħodhulha. Nofs siegħa wara r-raġel tal-ġara ħa s-sellum għand il-koppja, iżda peress li sab il-bieb miftuħ, baqa' dieħel ġewwa u serraħ is-sellum mal-ħajt ta' bitħa kbira interna.

Huwa u ħiereġ mill-bieb sema' daħka ta' tifel. B'kurżità fuqu reġa' daħal fil-bitħa u kif għolla ħarstu 'l fuq, fuq waħda mill-ħoġor tat-twieqi li kienu jagħtu għall-bitħa lemaħ tifel żgħir ta' xi tliet snin qed jixxabbat għal isfel.

Hawnhekk ir-raġel beda jwiddeb lit-tifel biex jinżel minn fuq il-ħoġor tat-tieqa. L-għajjat tar-raġel semgħetu l-koppja li minnufih xirfet minn waħda mit-twieqi u staqsietu x'kellu bżonn. Hawnhekk ir-raġel, kollu kkonfondut, waqt li b'subgħajh beda jurihom waħda mit-twieqi qalilhom biex jieħdu ħsieb it-tifel għax beda jixxabbat u beża' li seta' jaqa' fil-bitħa. Il-koppja dlonk ħarsu lejn xulxin u qalulu li huma ma kellhomx tfal. Hawnhekk l-imsejken bħal tħawwad, tfixkel, il-bixra ta' wiċċu nbidlet f'waħda ta' tħassib u b'vuċi ttemtem talabhom biex jiskużawh għax mid-dehra dak il-ħin kien qed jhewden fuq it-tifel ta' bintu li kien imqareb ħafna u jħobb jixxabbat. Mal-aħħar kelma ħareġ jiġri 'l barra.

Wara nofsinhar il-koppja ħadu lura s-sellum, għalqu l-bieb warajhom u qabdu neżlin it-taraġ tat-triq, iżda hekk kif daru mal-kantuniera ħoss qawwi ta' bini jiġġarraf ħasadhom. Mal-ħoss, il-koppja reġgħet lura, u hekk kif fetħet il-bieb, fost l-għaġeb kbir tagħha sabet ħerba kbira – is-saqaf tal-kamra li ftit tal-ħin qabel kienet fiha sfronda u miegħu niżel ukoll is-saqaf tal-intrata.

UNIVERSITY OF MALTA MELITENSIA MAIN LIBRARY

**TITGERBEB IT-TARAĠ U MA JIĠRILHA XEJN**

U sintendi xi kultant tisma' stejjer li jħawduk u jġegħluk taħseb dwar l-awtentiċità tagħhom. Mara xiħa, illum mejta, qaltli li meta kienet tqila bl-ewwel tarbija tagħha kull meta kienet tixgħel is-swiċċ tad-dawl li kien jagħti għall-kantina, kienet tħoss lil xi ħadd jimbuttaha għal isfel, titgerbeb madwar tnax-il tarġa u ma jiġrilha xejn. U din l-istorja rrepetiet ruħha bosta drabi.

Ħafna minn dawn l-istejjer għandhom rabta qawwija mas-sigħat bikrin tal-lejl jew mad-dlam. Din hi l-fehma ta' persuni li f'ħajjithom esperjenzaw xi dehra jew semgħu xi ħsejjes strambi fi djarhom, u proprju kien f'dawn il-waqtiet li rrealizzaw li ma kinux weħidhom. Smajt b'każi ta' familji li ħarġu minn djarhom fl-eqqel tal-lejl u ma daħlux aktar fihom, u b'oħrajn, fejn minħabba nuqqas ta' mezzi kellhom jaċċettaw li jibqgħu jgħixu f'din is-sitwazzjoni ta' biża' u tensjoni kbira. Jingħad li fiż-żewġ każi, f'ċerti kmamar, wara nżul ix-xemx kienet tinħass il-preżenza ta' xi spirtu li ma jidhirx. U dawn l-ispirti jistgħu jkunu tajbin jew ħżiena!

**AKTAR FATATI FL-ISLA**

Esperjenza oħra ta' fatati li għandha konnessjoni mal-Isla hi din li se nirrakkontalkom. Mara anzjana kellha drawwa li ta' kuljum, tard filgħaxija, toħroġ fil-gallarija tagħha li kienet tagħti għal fuq pjazza mdaqqsa, faċċata tal-Forti Sant'Anġlu u li minnha taqbad it-taraġ għall-Ponta, u f'dak il-kwiet u ħemda serena toqgħod tistenna lil żewġha tiela' mill-Ponta. Ta' kuljum, hija kienet tosserva tliet furnara jgħaddu minn taħtha, jitilgħu fuq iċ-ċint, iħarsu 'l isfel u wara jintasbu bilqiegħda fuq iċ-ċint maġenb il-mina. Jum fost l-oħrajn, kuntistabbli kien qed jagħmel ir-ronda, aktarx tard mis-soltu. Meta osserva lix-xwejħa fil-gallarija staqsieha jekk kellhiex bżonn xi ħaġa. Waqt li qaltlu li kienet qed tistenna lil żewġha tiela' mill-Ponta, b'subgħajha bdiet turih post partikolari fuq iċ-ċint. Kompliet tgħidlu li hi ma kellhiex minn xiex tibża' għax jekk tiġi bżonn xi ħaġa kienet issejjaħ lil xi wieħed mit-tliet furnara li kienu bilqiegħda fuq iċ-ċint, li skont hi, ta' kuljum kienu jgħaddu ħafna ħin jitkellmu maġenb il-Mina. Meta l-kuntistabbli tefa' ħarstu lejn in-naħa li wrietu l-mara u ma ra xejn, sellmilha bil-għaġla u warrab jiġri minn dak il-post. Jingħad, li t-tliet furnara li kienet tara l-mara kienu l-ispirti tat-tliet irġiel, li ħafna snin qabel kienu għaddew fis-sakra minn dawk in-naħat, telgħu fuq iċ-ċint u waqgħu għal isfel.

**MARA RIFLESSA FIL-MERA**

Ftit tas-snin ilu smajt storja li kienet għamlet impatt fuqi tant li bqajt niftakarha kif kont smajtha minn fomm wieħed mill-protagonisti (illum mejjet). "Aħna konna ngħixu f'dar kbira r-Raħal il-Ġdid, li kellha kantina kbira. Aħna s-subien konna norqdu f'kamra kbira fit-tieni pjan u ħuti l-bniet kienu jorqdu f'kamra oħra fil-pjan ta' fuqna biswit il-kamra tas-sodda ta' ommi u missieri. Jekk tistaqsini kemm kellha kmamar din id-dar ma nafx ngħidlek għax fil-kantina qatt ma nżilt. Il-kamra tal-ikel kienet isfel, bil-bieb tagħha jħares lejn it-taraġ wiesa' li kien jitla' għall-pjani ta' fuq. Il-mobbli tagħha kienu antiki ħafna, u għadni nisma' lil ommi tgħid, li l-mobbli kienet sabitha fl-istess kamra u għoġbitha ħafna. Faċċata tal-bieb kien hemm *sideboard* b'mera kbira li kienet tiddomina l-kamra, u li minnha kont tara t-taraġ tal-franka li kien jagħti għall-pjani ta' fuq."

Kompla hekk: "Minn mindu dħalna f'din id-dar, matul il-lejl konna nisimgħu ħafna ħsejjes – passi telgħin u niżlin it-taraġ u xi krib ukoll, iżda binhar xejn. Niftakar li aħna t-tfal konna nibżgħu tant, li wieħed minn ħuti li kien akbar minni u li kien jorqod f'sodda waħdu, bil-biża' li kien jaqbdu kien jagħmel taħtu. Ommi u missieri kienu jgħidulna li l-krib li konna nisimgħu kien ta' xi tjur li wieħed mill-ġirien kien irabbi fil-bitħa tiegħu, u billejl, peress li taqa' ħemda kbira jinstemgħu aktar. Darba fost l-oħrajn, waqt li nġbarna madwar il-mejda biex nieklu, jien inzertajt bilqiegħda faċċata tal-mera u d-dawl tal-lampa tal-pitrolju beda jdejjaqni ħafna. Waqt li tlabt lil ommi biex tpoġġi l-lampa fuq is-*sideboard,* dak il-ħin għajnejja ġriet għal fuq il-mera u għajjatt għajta tal-biża' bid-dehra li rajt warajja riflessa fil-mera. Warajja, weqfin dritti u mserrħin mal-pilastru tal-bieb rajt mara żagħżugħa qed iżżomm tifel żgħir minn idu...

Għal din id-dehra, ħassejt qalbi tieqaf, qomt f'salt minn fuq is-siġġu u waqt li kollni beżgħan ħarist lura, b'subgħajja wrejt id-daħla tal-bieb u staqsejt lil ommi, lil missieri u lil ħuti jekk huma rawx lill-mara u lil binha warajja. Ħadd minnhom ma tkellem, kulħadd baqa' jħares lejja bla ma jlissen kelma. Niftakar, dak il-lejl kien lejl ta' biża' u matulu erġajna smajna l-krib u l-passi tqal telgħin u neżlin it-taraġ...

L-għada filgħodu, missieri ma marx xogħol u baqa' d-dar. Meta qomt staqsieni x'kont rajt fil-kamra tal-ikel. Meta ħuti semgħuni nirrakkonta x'rajt żiedu tagħhom ukoll. Ħija ż-żgħir qalilna li huwa ta' kuljum kien jinżel fil-kantina għax hemm kien isib tifel u joqgħod jilgħab miegħu. Ħija ta' qabli li kien jagħmel taħtu qalilna li ta' kull filgħaxija kien iħoss lil xi ħadd maġenbu fis-sodda, meta fil-fatt hu ma kien jara lil ħadd. Waħda minn ħuti l-bniet stqarret li ġieli rat mara u tifel għaddejjin fil-kuritur li kien jifred il-kamra tagħhom minn dik ta' ommi u missieri. Meta missieri staqsa lil ħuti jekk huma rawx xi ħaġa, dawn qaluli li qatt ma raw xejn.

Xahar wara krejna post ieħor u morna noqogħdu fih. Xi jumejn wara li ħriġna mid-dar, mara xiħa waqqfet lil ommi u staqsietha jekk konniex nisimgħu xi ħsejjes fid-dar. Fil-pront ommi staqsietha għala għamlitilha dik il-mistoqsija. Ix-xiħa, waqt li tat ħarsa madwarha biex tara jekk kienx hemm xi ħadd fil-qrib li seta' jismagħha, minn taħt l-ilsien qaltilha: 'Jingħad li f'dik id-dar kien sar delitt li kien kexkex lil kulħadd. Fiha kienu qatlu mara żagħżugħa u lil binha u l-qattiela tagħhom ma nqabdu qatt.'"

## KESĦA KBIRA

Storja oħra li smajt hija fuq koppja żagħżugħa, b'żewġt itfal subien li krew dar il-Belt u marru jgħammru fiha. Kienu kuntenti ħafna, għax għalkemm id-dar kienet antika, kienet kbira, arjuża u kellha veduta sabiħa tal-Port il-Kbir. Wara l-mewt ta' missier il-mara, ommha marret tgħix magħhom.

Mal-wasla tagħha fid-dar, bdew jinstemgħu ħafna krib u tisbit ta' bibien. Il-koppja u t-tfal twerwru bil-biża' li qabadhom iżda l-aktar ix-xwejħa li moħħha mill-ewwel beda jhewden fil-ħares.

Ġimgħa wara ommha reġgħet marret lura f'darha. Minn dakinhar 'il quddiem ma nstema' xejn aktar fid-dar. Meta x-xiħa ntalbet minn bintha tgħidilha għaliex telqet minn darha bla kliem u sliem, b'rogħda kbira fuqha qaltilha li jumejn wara li nstema' dak il-krib u tisbit ta' bibien kienet bilqiegħda fil-gallerija, meta f'daqqa waħda ħasset kesħa kbira ddur magħha meta kienet xemx tisreġ u hawnhekk intebħet li ma kinitx weħidha. Minkejja li huma qatt ma raw xejn, l-istqarrija tax-xiħa werwret lill-koppja li ħarġet mid-dar u marret toqgħod f'post ieħor. Fi żmien tliet snin biddlu tlitt idjar, iżda peress li huma baqgħu marbutin mal-ewwel dar li kellhom iddeċidew li jerġgħu jmorru jgħammru fiha u baqgħu jgħixu fiha għal bosta snin.

Fil-folklor tagħna nsibu diversi stejjer oħra li fihom jirrakkontaw fid-dettall dehriet ta' erwieħ jew spirti tajbin u ħżiena. Sintendi l-ispirti t-tajbin huma dawk li ma jagħmlux ħsara lill-bniedem, u li aktarx jidhru għax f'ħajjithom kellhom xi missjoni x'jaqdu u ma laħqux wettquha, waqt li l-ispirti l-ħżiena huma dawk li jwerwru familji sħaħ u li kapaċi jagħmlu l-ħsara u jweġġgħu serjament lill-bniedem.

## FRATELLI BIL-BARNUŻA

Stejjer relatati ma' ċimiterji u ta' nies bil-barnuża f'rashom mexjin wara xulxin qishom il-fratelli li jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nsibu bosta, fosthom din. Raġel minn Ħaż-Żabbar li kien joqgħod ftit 'il bogħod minn waħda mill-knejjes ta' dan il-lokal irrakkontali fatt li kien ħawwadni ħafna. Qalli li darba, fil-bidu ta' Settembru kien qam maħsud għax deherlu li sema' bħall-għagħa kbira ta' nies fit-triq ta' taħtu. Ħares lejn l-arloġġ li kellu fuq il-komodina maġenbu u sab li kienu daqqu t-tlieta ta' filgħodu. Għall-ewwel ma tax kas, iżda meta l-għagħa żdiedet u deherlu li kien qed jisma' xi nies jirreċitaw xi litanija, qam f'salt mis-sodda u hekk kif ħareġ fil-gallerija tal-injam inħasad bid-dehra li ra quddiemu. Ftit 'il bogħod minn fejn kien joqgħod, ra ġemgħa ta' nies, ilkoll lebsin l-abjad u b'rashom mgħottija b'barnuża, telgħin wara xulxin deħlin fil-knisja meta l-bieb kien magħluq. L-eċċitament tiegħu kompla kiber meta osserva li n-nies kienu maqtugħin mill-art. Għal din id-dehra, li skont hu damet madwar minuta, tkexkex, radd is-salib, u talab għall-erwieħ tal-purgatorju. Qalli li din l-istorja qatt ma qalha lil ħadd għaliex beża' li jidħku bih. Stejjer oħra ta' dehriet ta' ġemgħat ta' erwieħ mexjin wara xulxin insibuhom f'diversi lokalitajiet oħra fosthom ir-Rabat, il-Ħamrun u l-Birgu.




Aktar stejjer ta' qtil u waħx

## IL-KARTIERA TAS-SIGARETTI

Iżda forsi l-aktar storja ta' fatati li baqgħet tissemma u li ħadd għadu ma sab spjegazzjoni għaliha hija dwar mara mill-Belt li kienet waqqfet żewġ baħrin fit-triq u talbithom iwassluha sad-dar. Kif waslu d-dar, daħlu ġewwa u waqt li qagħdu jitkellmu magħha, wieħed minnhom ħareġ il-kartiera tas-sigaretti u qabbad sigarett. Meta ntebħu li sar ħafna ħin, ħarġu mid-dar u għaġġlu lejn id-Dwana l-Antika biex jaqbdu dgħajsa u jmorru fuq il-bastiment. Hawnhekk wieħed mill-baħrin intebaħ li nesa l-kartiera warajh. L-għada filgħodu, daħlu l-Belt u marru jfittxu d-dar fejn il-lejl ta' qabel kienu għaddew xi ħin fiha. Fost l-għaġeb kbir tagħhom sabu li d-dar kienet ilha magħluqa u li x-xebba li kienet toqgħod fiha kienet ilha mejta s-snin. Madankollu huma kienu ċerti li l-lejl ta' qabel kienu daħlu f'dik id-dar u nsew il-kartiera tas-sigaretti fuq il-mejda tal-pranzu. Wara ħafna taħbit, huma rnexxielhom isibu lil sid id-dar u wara li rrakkontawlu l-istorja kollha mar magħhom, fetħilhom il-bieb u meta daħlu fil-kamra tal-pranzu, fuq il-mejda mimlija trab sabu l-kartiera tas-sigaretti.

## IL-ĦARES

L-istejjer fejn jidħol il-ħares huma xi ftit differenti minn dawk fejn jissemmew l-erwieħ jew l-ispirti ta' nies li tkun saritilhom xi inġustizzja, jew kellhom xi biċċa xogħol li ma laħħqux wettqu u baqgħu jidhru wara mewthom. Il-ħares jidher li hu esseri li jikkapparra xi dar antika u jagħmilha tiegħu. Ħafna jsostnu li l-ħares jimxi bil-grazzja. Jekk jaċċettak fid-dar kollox jimxi ħarir, iżda jekk ma jaċċettakx jagħmillek ħajtek infern. Dan il-fatt qed ifakkarni f'persuna li qaltli li huma kellhom ħares tajjeb fid-dar u l-preżenza tiegħu kienet tinħass l-aktar fil-kċina u l-kamra tal-ikel. M'iniex qed nesaġera! Din il-persuna qaltli li ta' kull filgħodu, ommha kienet issib kikkra u plattina fuq il-mejda u l-kitla bl-ilma fuq il-*cooker*. Qaltli wkoll li ġieli sabu qtar tal-ħalib fuq il-mejda u saħansitra pakketti tal-gallettini miftuħin. B'danakollu, huma xorta baqgħu jgħixu fid-dar għax kellha risqha tajjeb ħafna. Ngħid is-sewwa din l-istorja lili ħawditni ħafna!

Storja oħra tgħidilna dwar ħares li mid-dehra ħa grazzja mal-inkwilin (mara) u ġieli taha l-flus. Jingħad li mara fqira li kienet toqgħod f'dar antika bi tliet sulari f'Bormla li aktarx kienet inbniet fi żmien il-Kavallieri, kienet ta' spiss issib munita tal-fidda fuq l-ewwel tarġa ta' kull indana taraġ. Għall-ewwel, l-imsejkna mara ħasbet li binha kien qed jiċċajta magħha u ma qaltlu xejn, iżda meta għadda ż-żmien u l-flus baqgħu ġejjin, tħawdet ħafna u ddeċidiet li tkellmu. Jum fost l-oħrajn meta binha wasal lura mix-xogħol sab lil ommu inkwetata. Meta staqsieha xi ġralha, hi talbitu biex jaqta' ċ-ċajta li jħallilha l-flus fuq l-ewwel tarġa ta' kull indana u b'hekk jiffrankalha t-tbatija li toqgħod titla' t-taraġ kollu biex tiġbor il-flus. Meta binha qalilha li hu qatt ma ħallielha flus fit-taraġ, ommu ħasbet li mhux qed jemminha, għalhekk daħlet tiġri fil-kamra tas-sodda, fetħet il-kexxun tal-gradenza, u hekk kif fetħet il-kaxxa tal-kartun fejn kienet iżżomm il-flus, b'għaġeb kbir tagħha sabitha mimlija bebbux. Stejjer oħra ta' flus isiru bebbux insibu ħafna fil-folklor tagħna.

### STEJJER TA' TRABI

Stejjer ta' trabi li minn fuq is-sodda jsibuhom fl-art smajt ħafna u minn lokalitajiet differenti. Anzjan mill-Kalkara llum mejjet kien qalli li, għalkemm hu xettiku ħafna dwar l-eżistenza tal-ħares, madankollu qatt ma daħak b'min jemmen bih. Lil ommu kien jiftakarha tgħid, li meta hu kien għadu tarbija ta' xi xahrejn, wara li kienet titimgħu u taħslu kienet tqiegħdu fuq is-sodda bejn żewġ imħaded biex ma jaqax, ħalli hi tkun tista' tkompli b'xogħolha fid-dar. Iżda ftit wara kienet tisimgħu jibki u meta tidħol tiġri ħdejh biex tara xi ġralu, dejjem kienet issibu taħt is-sodda. Din il-ġrajja rrepetiet ruħha kemm-il darba, sakemm waħda mill-ġirien qaltilha biex lit-tifel ma' tħallihx aktar f'dik il-kamra. Meta staqsejtu jekk ommu qattx rat xi fatat id-dar, huwa qalli li ommu kienet tgħid biss li d-dar kellha risqha tajjeb ħafna.

U stejjer oħra simili fejn jidħlu t-trabi ssib ħafna, iżda din li se nirrakkontalkom hi differenti ħafna mill-oħrajn. Raġel minn Bormla qalli li fost l-istejjer li sema' dwar l-iħirsa, l-istorja li kien se jgħidli għamlet impatt kbir fuqu. Qalli li darba sema' storja dwar raġel miżżewweġ bla tfal li kien għaddej minn triq imwarrba fiż-Żejtun fi triqtu lejn id-dar, meta f'daqqa waħda deherlu li sema' bikja ta' tarbija. Waqaf, u għal ftit sekondi pprova jsegwi minn fejn kienet ġejja l-bikja. Wara ftit intebaħ li l-bikja kienet ġejja minn dar abbandunata, daħal jiġri fiha u fl-intrata sab tarbija l-ġmiel tagħha. Peress li hu ma kellux tfal iddeċieda li jeħodha d-dar, iżda oħroġ il-għaġeb, hekk kif tbiegħed ftit passi mid-dar abbandunata, it-tarbija waqfet mill-biki tagħha u b'leħen ċar talbitu biex jerġa' jeħodha lura fejn sabha u jkompli triqtu lejn daru.

**DJAR LI MA JILQGĦUKX U TOROK JITBISSMU**

Iltqajt ma' stejjer ta' persuni li meta marru jaraw xi djar biex jikruhom ħassewhom li mhumiex milqugħin fihom. Fil-fatt, l-istess anzjan mill-Kalkara kompla jgħidli li hu qatt ma raqad għand nanntu li kienet toqgħod Ħaż-Żabbar. Ir-raġuni kienet li kull meta kien jidħol għand nanntu dejjem kien iħoss lil xi ħadd qed iżommu milli jidħol ġewwa. Għalkemm qatt ma ra xejn, kull meta kien jidħol għand nanntu, dejjem kienu jaqbduh dwejjaq kbar u jkun irid imur lura għand ommu.

Jingħad li stejjer fejn jidħlu l-iħirsa Torok għandna wkoll fil-folklor tagħna. Smajt storja ta' mara li dejjem kienet tara Tork waqt li kienet tkun qed tqassam l-ikel. Meta qalet lil żewġha u lil uliedha dwaru, dawn mhux talli ma emmnuhiex iżda tgħidx kemm daħku biha. Hija ssostni li dan it-Tork dejjem kienet tarah wieqaf fid-daħla tal-bieb tal-kamra tal-ikel, iħares lejha bi tbissima ħelwa, iżda hekk kif kienet tpoġġi bilqiegħda u tibda tiekol kien jgħib mill-kamra u jerġa' jidher l-għada waqt li tkun qed taqleb l-ikel lill-familja tagħha. Jingħad li din il-mara kienet mardet serjament u wara ħarġet minn din id-dar.

## JARAW DAK LI ĦADDIEĦOR MA JARAX

F'din il-kitba dwar dan il-folklor nistgħu nsemmu wkoll lil dawk in-nies li b'għajnejhom 'jaraw dak li ħaddieħor ma jarax'. Matul ir-riċerka tiegħi għamilt intervisti ma' persuni li jaraw l-ispirti tal-għeżież tagħhom u jkellmuhom, u fost uliedhom hemm min hu bħalhom. Aktar qabel aċċennajt għal persuni li jaslu sal-bieb ta' barra ta' xi dar iżda ma jaqbżux l-għatba għax iħossu l-preżenza tal-fatati jew spirti oħra.

Dari, meta l-istejjer tal-ħares kienu komuni aktar milli huma llum, kienu jħobbu jużaw din il-frażi: 'Donnok il-ħares tad-dar'. Din kienet tingħad aktar bħala tmaqdir għal xi membru tal-familja li jkun kważi dejjem barra u jidher fost il-qraba tiegħu wara li jidlam.

F'din il-kitba aċċennajt għal stejjer magħrufa dwar l-iħirsa u l-erwieħ, stejjer li rrakkontawli persuni li esperjenzawhom huma personalment jew il-qraba tagħhom. Ovvjament, dawk li huma xettiċi dawn l-istejjer ma jemmnuhomx, iżda oħrajn li esperjenzawhom, mhux biss jemmnuhom iżda jibżgħu jirrakkontawhom.

Jekk il-ħares jeżistix jew le, jien ma nafx, iżda ma nidħakx b'min jemmen li jeżisti.



Waħda mit-toroq l-antiki f'Bormla, b'għajdut u stejjer tal-fatati

# MUŻIKA FUNEBRI MAL-VARI TAL-ĠIMGĦA L-KBIRA

Dr Joseph F. Grima

Id-daqq solenni ta' mużika kiebja funebri fil-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira daż-żmien hu marbut l-aktar ma' tliet vari li nsibuhom preżenti fil-manifestazzjonijiet kollha li jiġu organizzati fil-Ġimgħa l-Kbira: l-Ort fil-Ġetsemani, ir-Redentur, u l-Kruċifissjoni ta' Ġesù (li hi magħrufa l-aktar bħala l-Vara l-Kbira) li hi l-qofol ta' kull purċissjoni tal-Passjoni. Għaldaqstant, tajjeb li nagħtu ħarsa ħafifa lejn kif żviluppa d-daqq tal-mużika f'dawn il-purċissjonijiet.

Jidher li xi forma ta' daqq ta' mużika kien diġà preżenti fl-ewwel snin tal-organizzazzjoni tal-ewwel purċissjonijiet, almenu fis-seklu sbatax. Fil-kontijiet tal-purċissjoni tal-Belt Valletta tal-1673, insibu mniżżlin l-ispejjeż għad-daqq tal-mużika fil-purċissjoni proprja.[i] Jekk imbagħad nitfgħu ħarsitna lejn in-Naxxar, naraw li sal-1761 kienu saru regolari, dejjem skont il-kontijiet tal-purċissjoni, id-daqq tat-*tamborlini e fifera* flimkien mal-*violincello e violini*.[ii] Jidher li d-daqq tat-tanbur u l-fifra fil-bidu tal-purċissjoni kien sar parti integrali ta' bosta manifestazzjonijiet, jekk mhux kollha wkoll, b'eżempji tipiċi jkunu Bormla, l-Isla u n-Naxxar fejn, però, inqatgħu maż-żmien. Fil-Belt Valletta, it-tanbur u l-fifra fil-bidu tal-manifestazzjoni tidher li baqgħet ħajja għal bosta snin bħalma tixhed pittura taż-żejt fuq l-injam ta' Gerolamo Gianni li hi datata 1878. Din turina l-bidu tal-purċissjoni fi Triq il-Merkanti: hemm standard vjola quddiem il-vara tal-Ort fil-Ġetsemani u quddiemhom naraw żewġt irġiel – lebsin pulit bil-ġakketta, ċoff u kappell – isemmgħu l-fifra u t-tanbur.[iii]



Pittura ta' Gerolamo Gianni fl-1878 li turi l-purċissjoni tal-Belt Valletta mmexxija minn daqqaqa tal-fifra u t-tanbur. (Daniel Cilia)

Fis-seklu tmintax ukoll, fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, mal-vara ta' Kristu Mejjet, lokalment magħrufa bħala l-Monument, fil-Birgu kien ikun hemm, fost oħrajn, żewġ suldati mibgħutin mill-Kaptan Ġenerali tax-Xwieni tal-Kavallieri li kienu jdoqqu fifra u tanbur. Wara li l-Kavallieri telqu minn Malta, fi żmien l-Ingliżi bdew jintbagħtu suldati Maltin li kienu fis-servizz Ingliż.[iv] Fi tfuliti, sa madwar ftit aktar minn ħamsin sena ilu, niftakar li mal-Monument ta' Ħal Qormi kien ikun hemm id-daqq tal-vjolini akkumpanjat bil-kant tal-Miserere mill-abbatini. L-istess kien isir fil-Għargħur almenu sa ftit snin wara t-Tieni Gwerra Dinjija.[v] Jista' jkun li d-daqq tal-mużika mal-Monument kien oriġina fis-seklu tmintax f'postijiet bħall-Birgu u nxtered mal-kampanja Maltija. Dan ma jfissirx li kant sagru mal-Monument inqata' għalkollox: fil-Mosta, biex nagħtu eżempju wieħed, kor

i G. Aquilina, *Il-Ġimgħa l-Kbira tal-Belt* (Malta 1976), 31.

ii P.F. Catania, "Holy Week Procession at Naxxar: Origins and Early Development in the 18th Century, *The Democrat*, 11.iv.1987; Idem "Fin-Naxxar", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, ed. M.J. Schiavone (Malta 1992), 103.

iii N. De Piro, *The International Dictionary of Artists who Painted Malta*, l-ewwel edizzjoni, Malta 1988, 108, jirriproduċi pittura simili ħafna. Fit-tieni edizzjoni (ħafna aktar voluminuża) ta' dan il-ktieb, Malta 2002, din il-pittura ma ġietx riprodotta.

iv A. Zammit Gabarretta, *Il-Birgu fil-Ġimgħa tal-Għid* (Malta 1973), 11.

v K. Bezzina, "Fil-Għargħur", *Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex*, ed. M.J. Schiavone (Malta 1992), 135.



F'kull purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira jkun hemm banda teżegwixxi l-marċi funebri quddiem il-Vara l-Kbira. (John Baldacchino, PhotoPoint, Ħal Qormi)



L-iskawts jakkumpanjaw lill-vara tar-Redentur bil-*bugles* u t-tnabar. (John Baldacchino, Photo Point, Ħal Qormi)

ta' tfajliet u bniet jakkumpanjaw wara din il-vara u jkantaw innijiet sagri tal-okkażjoni.

Lejn tmiem l-aħħar snin tad-disa' deċennju tas-seklu tmintax, hu magħruf u dokumentat li fin-Naxxar kien hemm daqqaqa tat-tnabar u l-fifri, bħalma diġà aċċennajna, li kienu jmexxu l-purċissjoni filwaqt li banda żgħira kienet iddoqq aktar lura fil-manifestazzjoni, x'aktarx bejn il-vari tal-Monument u l-Madonna tad-Duluri.[vi] Irridu nagħmluha ċara hawnhekk li, bil-kelma 'banda', dak iż-żmien kienu jifhmu grupp pjuttost żgħir ta' mużiċisti u mhux xi banda ta' sittin jew sebgħin ruħ – jekk mhux aktar ukoll – li naraw għaddejja minn quddiem għajnejna daż-żmien. Hawnhekk waħidha tiġi l-mistoqsija li, għalkemm għadu ma nstab xejn dokumentat rigward il-manifestazzjonijiet l-oħra, kienet possibbli li ma kienx hemm baned ta' dan it-tip idoqqu n-noti kiebja tal-mużika funebri fil-purċissjonijiet l-oħrajn tal-Ġimgħa l-Kbira? Ovvjament, nibqgħu dejjem fl-ambitu tal-ispekulazzjoni, iżda nħoss u nemmen li l-ibliet u l-irħula Maltin kien jikkupjaw, b'mod ġenerali (bħalma għadhom sal-lum), lil xulxin u li d-daqq tal-mużika funebri kien jinstama' almenu f'numru sew tal-purċissjonijiet. Fil-fatt, hu magħruf ukoll li fil-Birgu kienet tindaqq il-mużika fil-purċissjoni; kien iħallas l-ispejjeż tagħha r-Rettur tal-Fratellanza tal-Kurċifiss (il-fratellanza organizzatriċi) li mill-1801 żied waqfa quddiem id-dar tiegħu minħabba f'hekk.[vii]

Iżda ma jista' jkollna ebda dubju x'beda jseħħ minn nofs is-seklu dsatax 'il hawn u dan nistgħu insostnuh għax kien f'dak iż-żmien li bdew jiġu organizzati l-każini tal-baned kif nafuhom illum. Bla tlaqliq ngħidu li, f'dawk il-lokalitajiet fejn kien hemm purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u kien hemm ukoll każin tal-banda, bdiet tindaqq il-mużika funebri, bil-banda normalment tokkupa dak il-post li kien u għadu l-qofol tal-manifestazzjoni, jiġifieri quddiem il-vara ta' Ġesù Msallab jew, kif nafuha fil-gżejjer Maltin, il-Vara l-Kbira. Ovvjament, dan ma sarx f'daqqa għax il-każini tal-baned żdiedu gradwalment fl-irħula u fl-ibliet, wieħed wara l-ieħor.[viii] Dan li qed ngħidu jkompli joħroġ ċar minn dak li seħħ fl-1879.

Dan is-sehem tal-baned inkwieta mhux ftit lill-awtoritajiet

vi Catania C. u Catania P., *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira Naxxar* (Malta 1990), 6 u 44; P. Catania (1992), 104.

vii A. Zammit Gabarretta (1973), 12.

viii Għal tagħrif dwar il-bidu tal-baned tas-seklu dsatax ara M.J. Schiavone (Editur), *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, 3 volumi, Malta 1997, 1997 u 1998, passim. Barra minn hekk, hemm bosta każini tal-baned li ppubblikaw l-istorja tagħhom b'volumi riċerkati u annotati.

ekkleżjastiċi, mhux minħabba d-daqq funebri nnifsu, iżda minħabba l-atteġġjament tan-nies li kienu jakkumpanjaw il-baned fil-purċissjonijiet tal-Passjoni. Jidher li l-awtoritajiet ekkleżjastiċi kienu inkwetati bil-kif tant li fl-1879 l-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna pprojbixxa s-sehem tal-baned f'dawn il-purċissjonijiet għax ġie nnutat li bosta nies kienu qed jingħaqdu mal-baned u jimxu fin-nofs tal-purċissjoni fejn kienu wkoll ipejpu s-sigarri mingħajr ma jqisu jew impurtahom li kienu qed jieħdu parti f'manifestazzjoni reliġjuża u mhux ħarġu għal xi divertita. Rapport fl-istampa lokali kompliet tikkummenta wkoll li l-Fratellanza tal-Kurċifiss tal-Belt Valletta kienet deċiża li l-purċissjoni tagħhom tkun akkumpanjata minn banda[ix] iżda reġgħu ħasbuha mill-ġdid u obdew id-direttivi tal-Isqof.[x] L-ordni episkopali ma kinitx tgħid li ma setax ikun hemm forma ta' sehem tal-baned iżda li ma jeħdux sehem fil-purċissjonijiet infushom. Għaldaqstant, il-baned setgħu jdoqqu weqfin f'post partikolari waqt li l-purċissjonijiet ikunu għaddejjin minn maġenbhom jew quddiemhom. Wara l-Ġimgħa l-Kbira, fil-gazzetti kien hemm kummenti li l-parroċċi kollha obdew id-direttiva episkopali u li l-purċissjonijiet kienu aktar serji milli kienu fis-snin preċedenti.[xi]

Ma jidhirx li l-projbizzjoni tal-Isqof Scicluna damet bosta snin. Fl-1892, rapport fl-istampa inkluda kitba dwar marċ funebri popolari li ndaqq fi Triq il-Merkanti, il-Belt, u li l-Banda La Vincitrice tal-Isla kienet ser tiddebutta dik is-sena fil-Ġimgħa l-Kbira.[xii] Dan ir-rapport mhuwiex konklużiv u jista' jkun li r-referenza kienet għad-daqq ta' mużika funebri minn post fiss. Iżda ma jeżisti ebda ekwivoku dwar rapport tal-1895 dwar Ħal Qormi fejn inkiteb li l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet akkumpanjata minn żewġ baned, Pinto u San Ġorġ Martri, b'tal-ewwel iddoqq quddiem il-Vara l-Kbira[xiii] u l-oħra quddiem il-vara tal-Ort fil-Ġetsemani. Milli jidher, fil-Belt Valletta l-banda reġgħet bdiet takkumpanja l-purċissjoni fl-1897.[xiv]



L-iskawts fil-bidu ta' purċissjoni jdoqqu l-fifri akkumpanjati minn tanbur. (John Baldacchino, PhotoPoint, Ħal Qormi)

Daqq ieħor li nsibu fil-Ġimgħa l-Kbira jipprovduh l-iskawts. Dawn daħlu fix-xena lejn it-tieni deċennju tas-seklu għoxrin meta dan il-moviment wasal fi xtutna u bdew idoqqu l-Last Post bil-*bugles* tagħhom quddiem il-vara tar-Redentur. F'xi lokalitajiet, bħar-Rabat u Ħal Qormi, l-iskawts jakkumpanjaw b'żewġ gruppi, wieħed minnhom bid-daqq tradizzjonali tal-fifra u t-tanbur lejn il-bidu tal-purċissjoni filwaqt li t-tieni grupp isemma' l-*bugles* tiegħu quddiem ir-Redentur, bħalma għadna kif ktibna. Dan it-tislim bil-*bugles* insibuh tista' tgħid fil-purċissjonijiet kollha għalkemm fiż-Żejtun u l-Isla, biex nagħtu żewġ eżempji, flok skawts jieħdu sehem gruppi ta' rġiel lebsin ta' suldati Rumani bit-trumbetti.

Daż-żmien, ma nimmaġinawx purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira mingħajr l-akkumpanjament ta' mużika funebri. F'xi lokalitajiet, bħall-Mosta, in-Naxxar, Ħal Qormi u ż-Żejtun, jieħdu sehem iż-żewġ baned tal-post. F'xi postijiet oħra, minkejja li hemm almenu żewġ baned, bħal Ħaż-Żebbuġ, Ħal Għaxaq u Ħal Luqa, il-baned jalternaw kull sena. Diversi baned issibilhom l-istess marċi funebri fir-repertorju tagħhom b'xogħlijiet ta', ngħidu aħna, Angelo Melilli, Ġanni Vella, George Hindren, Nikola Montebello, Antonio Miruzzi u l-mużika ta' Frederic Chopin u Gaetano Donizetti, naturalment fost bosta marċi oħra. Iżda l-kitba tal-marċi funebri hi proċess li għadu u jibqa' sejjer tant li regolarment, tista' liberament tgħid kull sena, nisimgħu kompożizzjonijiet ġodda ta' diversi surmastrijiet jindaqqu mill-baned Maltin u Għawdxin fil-purċissjonijiet annwali tal-Passjoni.

ix *L'Ordine*, 26.iii.1879.
x Ibid., 2.iv.1879.
xi Ibid., 16.iv.1879.
xii *Gazzetta di Malta*, 13.iv.1892.
xiii *Il-Ħabbar*, 20.iv.1895.
xiv G. Aquilina (1986), 52.

# FRAK MILL-FOLKLOR TAŻ-ŻEBBUĠ F'GĦAWDEX

Dun Geoffrey G. Attard

Fost l-irħula kollha tal-gżira tat-tliet għoljiet, iż-Żebbuġ ta' Għawdex huwa mingħajr dubju l-ogħla wieħed, u ċertament l-aktar wieħed li jgawdi veduti ta' ġmiel naturali uniku li jagħmel minnu wieħed mill-iżjed irħula mfittxija mill-Maltin u l-barranin fil-gżira ta' *Calypso*. Mifrux fuq medda ta' art dejqa imma tawwalija bil-knisja parrokkjali tifred minn xulxin iż-żona tat-Tramuntana magħrufa bħala 'ix-xagħra l-kbira' u l-lokalità tan-Nofsinhar imsejħa 'Il-Ponta', ir-raħal ta' Santa Marija, kif ġie msejjaħ mill-kittieba, joffri spettaklu naturali singulari kif ukoll ġrajja antika mxebilka ħaġa waħda ma' dik tal-gżira Għawdxija.

## LETTERATURA DWAR IR-RAĦAL

Fi tfuliti kont immur iż-Żebbuġ mal-ġenituri tiegħi biex inżur lil Marija u Toni Cassar (tas-Silly) fid-dar tagħhom fil-pjazza tal-knisja minħabba li binhom iż-żgħir Louis iżżewweġ lil ziti, oħt missieri Rose. Dawn kienu l-ewwel tifkiriet tiegħi taż-Żebbuġ fit-tmeninijiet bikrija; fl-2008 ntbgħatt bħala Viċi Parroku fil-parroċċa u minn dakinhar ma waqaftx nosserva dak kollu li huwa Żebbuġi. M'hemmx dubju li r-raħal għandu l-folklor tiegħu li huwa magħġun ħaġa waħda mal-istorja tal-lokalità, ħafna minnha mhux dokumentata. Irrid imma qabelxejn insemmi ż-żewġ kotba tal-istorja tar-raħal li għandna f'idejna minbarra d-deskrizzjoni ta' De Soldanis fil-magħruf ktieb tiegħu *Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano* li l-Mons. Ġużeppi Farrugia Gioioso tal-Librerija Pubblika ta' Għawdex kien qaleb għall-Malti f'nofs is-seklu l-ieħor bl-inkuraġġiment tal-Gvernatur Sir Harry Luke. Dawn iż-żewġ kotba huma l-ktieb mhux stampat imma miġbur biss f'faxxikli miktub minn Mons. Ġan Andrea Vella,[1] kanonku tal-Katidral ta' Għawdex (1899–1990) u l-ktieb ta' Dun Ġużepp C. Vella stampat fl-1988 bl-isem *Iż-Żebbuġ il-Parroċċa ta' Santa Marija*. Dawn iż-żewġ kotba, bit-tieni wieħed aktar xjentifiku, imlew vojt li kien ilu jinħass is-snin.

## IL-"KUNĊIZZJONI" TAŻ-ŻEBBUĠ

Il-qima lejn il-Madonna f'Għawdex mhijiex xi ħaġa li twieldet ilbieraħ; Għawdex saħansitra ġie mlaqqam 'il-gżira tal-Madonna' forsi l-aktar minħabba l-preżenza tas-Santwarju ta' Pinu. Il-Katidral hu ddedikat lill-Assunta. Fil-Qala, is-Santwarju tal-Kunċizzjoni huwa magħruf biżżejjed. Ħames parroċċi fil-gżira għandhom dedikazzjoni Marjana. L-Isqof Cauchi ma nafx x'ma għamilx biex ikabbar il-kult Marjan bil-kelma miktuba u mxandra oralment. Imma fiż-Żebbuġ, iddedikat lill-Assunta u parroċċa sa mill-1688,[2] it-titular ukoll huwa Santa Marija u l-Inkurunazzjoni tagħha fis-sema. Madankollu, f'waħda mill-kappelli laterali, għad hemm għall-qima tal-pubbliku kwadru mill-eqdem magħruf bħala 'Il-Kunċizzjoni'.




Il-kwadru mirakoluż tal-Kunċizzjoni taż-Żebbuġ. Il-pittur u s-sena mhumiex magħrufa

Patri Alexander Bonnici jikkummenta u jgħid li din mhijiex il-Kunċizzjoni imma Santa Marija f'qagħda differenti,[3] il-kwadru ta' awtur mhux magħruf juri lill-Verġni Marija b'idejha miġburin fuq sidirha imma bil-qamar taħt riġlejha. It-tema teoloġika tal-inkwatru tista' tkun kontroversjali imma l-kult żgur li mhuwiex dubjuż għaliex kuljum bosta xama' jidher jixgħel quddiem ix-xbieha Marjana; minbarra dan, il-fdalijiet tal-ewwel kappillan Dun Franġisk Vella jinsabu midfuna f'urna fil-kappella u fuqu l-kwadru tal-Isqof Davide Cocco-Palmieri li fired il-parroċċa l-ġdida tal-Assunta fiż-Żebbuġ u għamilha awtonoma.

## TAL-VIRTUT

Il-parroċċa fiż-Żebbuġ kienet magħrufa bħala Santa Marija tal-Virtut. Importanti li wieħed jisħaq li l-kelma hija 'virtut' u mhux 'virtù' anke jekk ix-xebh bejn iż-żewġ termini huwa kbir u t-tentazzjoni li wieħed ifixkilhom hija faċli. Erin Serracino-Inglott ma jsemmix il-frażi 'tal-virtut' imma jieqaf ma' 'tal-virtù' u jgħid li dan huwa l-isem ta' xagħra u katakombi qrib ir-Rabat ta' Malta fejn illum hemm is-seminarju djoċesan.[4] Il-Professur Aquilina jidħol aktar fid-dettall billi jsemmi l-knisja magħrufa bħala Santa Marija tal-Virtut fl-Għarb, Għawdex imbagħad jgħaddi biex isemmi l-knisja bl-istess isem fir-Rabat ta' Malta.[5] Madankollu hu għandu f'moħħu hawnhekk il-knisja tal-Virtut fl-Għarb u mhux dik taż-Żebbuġ. Imma tradizzjoni qadima tirreferi għat-titular taż-Żebbuġ t'Għawdex bħala Santa Marija tal-Mirakli jew tal-Virtujiet.[6] Imma ċertament li l-aktar studju awtorevoli dwar is-suġġett tal-folklor marbut mat-titlu u l-isem 'Tal-Virtut' sar mill-istudjuż Għawdxi Victor J. Galea. Galea jistqarr ċar u tond:

> *Dan it-titlu kien ikollu bidu minħabba xi miraklu kbir li tkun għamlet il-Madonna fl-imgħoddi, li l-poplu jibqa' jsemmih minn nisel għal ieħor.*[7]

Mons. Anton Gauci jikteb dwar l-inkwatru hekk imlaqqam 'tal-Kunċizzjoni' fiż-Żebbuġ li minnu l-Madonna kienet tixħet il-ġebel lejn l-għedewwa:

> *This Madonna is also said to have been seen in Żebbuġ's streets repelling the Turks with stones and routing them towards the sea so that the Moslem leaders themselves used to warn their men not to attack Żebbuġ because of 'the Beautiful White Lady appearing there with stones in her hands.*[8]

L-istoriku Rev. Dr Joseph Bezzina fl-ewwel volum tiegħu tal-leġġendi miġbura jirrakkonta l-leġġenda



Santa Marija, iż-Żebbuġ, Għawdex (Grech's Photo Studio)

tal-Madonna li toħroġ mill-kwadru biex titfa' l-ġebel lejn il-furbani Torok Misilma meta dawn jaħbtu għar-raħal. Jingħad li meta l-Madonna tkun imnikkta, il-wiċċ tagħha fil-kwadru jisfar imqar qabel xi traġedja naturali jew inkella xi inċident ikrah.[9]

## L-GĦAŻŻIELA

Imma żgur li l-aktar tradizzjoni antika marbuta maż-Żebbuġ u li hija marbuta biss ma' dan ir-raħal partikulari hija dik tal-għażżiela. Min mhux midħla tal-leġġendi u l-folklor ta' Għawdex, meta jisma' din il-kelma aktarx li moħħu jmur fiċ-ċerva li dwarha jitkellem is-salm 42 '*sicut cervus desiderat ad fontes aquarum*', bil-Malti 'bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma' li ġiet immużikata minn Palestrina f'melodija llum magħrufa ma' kullimkien. Imma l-għażżiela taż-Żebbuġ mhi xejn għajr biċċa għaġina fil-forma tal-ittra 'M' li hija l-ewwel ittra ta' isem il-Madonna. Eluf minn dawn l-'għażżilat' isiru ta' kull sena matul ix-xahar ta' Lulju min-nisa Żebbuġin biex imbagħad jitqassmu fi tmiem il-quddiesa u

l-purċissjoni nhar it-tieni Ħadd ta' Settembru, l-eqreb Ħadd lejn it-12 tax-xahar, tifkira liturġika tal-Isem Qaddis tal-Verġni Marija. Sabiex wieħed isir jaf l-għeruq tal-leġġenda u l-kult lejn l-għażżiela, wieħed irid jaqra dak li kellu x'jgħidilna Ġorġ Pisani, li minbarra li kien poeta, kien ukoll ġabbar tal-folklor ta' Għawdex.[10] Matul is-snin issaħħaħ it-twemmin li l-preżenza ta' din l-għażżiela magħmula mid-dqiq u l-ilma fid-djar tbiegħed il-perikli tas-sajjetti. Għalkemm mal-frażi 'Santa Barbara la deni u lanqas ħsara', l-aħjar antidotu kontra l-maltemp għall-Għawdxin kienet l-għażżiela taż-Żebbuġin. Wara li wieħed ikun studja dak kollu li jista' dwar l-għażżiela taż-Żebbuġ, jibqa' biss li nikkonkludu li fi lsienna, il-kelma għażżiela jista' jkollha tliet tifsiriet; hija tip ta' ċerva, hija l-għaġina devota li dwarha qed nitkellmu u hija wkoll il-persuna li tagħżel it-tajjar.

## KRISTINA TAL-GĦADAM

Inħoss li kitba dwar il-folklor taż-Żebbuġ ma tkunx sħiħa mingħajr tal-inqas riferenza għal Kristina Galea, il-mara Żebbuġija li tant Għawdxin u Maltin kienu jirrikorru għandha wara li jkunu ġarrbu xi ksur fil-għadam. Kristina Galea kienet mara twila u mibnija li għandha kienu jmorru n-nies jitolbu l-għajnuna anke jekk ikunu fekku xi parti minn ġisimhom.[11] Niftakar li fi ċkuniti diversi kienu dawk in-nies li kienu jistaqsu għaliha. Kristina Galea twieldet fl-1910 u mietet fl-1993. Nies bħal Kristina kienu fenomenu li ftit kien hawn bħalu f'Għawdex u li fiż-żminijiet moderni tal-lum tista' tgħid li ma fadalx. Permezz tal-interventi tagħha Kristina ma kellhiex f'moħħha li tfixkel ix-xogħol xjentifiku tat-tobba imma biss li sservi ta' għajnuna u sostenn għal dawk kollha li kellhom u għandhom għal qalbhom is-saħħa ta' ħuthom il-bnedmin.

## L-INSIĠ, NEWL U ĦIDMA FIL-ĠEBEL

Iż-Żebbuġ t'Għawdex jibqa' wkoll magħruf għall-bżulija ta' niesu. Fost is-snajja' l-aktar marbutin maż-Żebbuġ irrid insemmi l-ħidma tal-insiġ u n-newl, ħidma illi sabet postha fil-poeżija tal-poeta President Anton Buttigieg mill-Qala, liema poeżija se nikkwota



L-għażżiela taż-Żebbuġ (Baskal Mallia)



Kristina Galea (1910–93)

fi tmiem din il-kitba. L-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira meqjuma fil-Knisja Parrokkjali għadhom imlibbsin sal-lum ilbies tan-newl minsuġ min-nies lokali. Fil-ktieb tiegħu dwar il-ġrajja tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa taż-Żebbuġ, Dun Ġużepp Vella jsemmi kif in-nies kienet tilbes ħwejjeġ tan-newl minsuġ mill-ħajt tal-qoton jew tas-suf tan-nagħaġ.[12]

Iż-Żebbuġin huma wkoll magħrufa għall-ħidma fil-ġebla Maltija. Hawnhekk irrid insemmi l-ktieb ta' Viktor Vella Muskat bl-isem *Vitor Vella Ħajtu u Ħidmietu*.[13] F'dan il-ktieb dwar in-nannu tiegħu li jġib l-istess isem, Vella Muskat idomm il-bijografija dettaljata ta' dan il-bennej magħruf ta' Għawdex wild iż-Żebbuġ, u li jibqa' magħruf l-aktar għall-bini tal-Knisja Santwarju Ta' Pinu kif ukoll għall-koppla tal-Knisja taż-Żebbuġ raħal twelidu. Sal-ġurnata tal-lum għadek issib żgħażagħ Żebbuġin li jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom għas-sengħa tal-ġebla; persentaġġ iżgħar jagħżlu dan ix-xogħol bħala karriera ewlenija tagħhom.

## KONKLUŻJONI

Kull min iżur ir-raħal taż-Żebbuġ t'Għawdex għandu jibqa' msaħħar bid-dehriet pittoreski li wieħed għadu jista' jgawdi ta' diversi rkejjen tal-gżira Għawdxija, seħer li għanna l-poeta tan-natura Anton Buttigieg fil-poeżija tiegħu 'Iż-Żebbuġ t'Għawdex' kif tixhed din l-ewwel strofa tagħha li biha nixtieq intemm din il-kitba:

*Jien mort kull naħa t'Għawdex*
*Imbarra miż-Żebbuġ:*
*Naf biss l'hemm nies għaqlija*
*Jitħabtu mal-maħluġ,*
*L'hu raħal, l-ogħla f'Għawdex,*
*Is-sħab imiss mad-djar,*
*In-nies f'taqliba ħarxa*
*Jitbiegħdu mill-kampnar.*

---

*Endnotes*

1 Dun Anton Dimech, *Mons. Andrea Vella. Skrutinju Spiritwali Ta' Ħajtu* (maħruġ fis-sena 2000, fl-għaxar anniversarju minn mewtu), paġna 4 (mhux innumerat).

2 Alexander Bonnici, *Il-Matriċi Kolleġġjata tal-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Għawdex* (Għawdex,1975), 70 jew Karmenu Grech, *Il-Knisja Arċi-Matriċi tal-Belt u tal-Gżira ta' Għawdex* (Malta, 1996), 29.

3 Hekk ukoll hu tal-fehma Victor J. Galea fil-ktieb tiegħu kkwotat f'din il-kitba, jgħid 'Qabel ma daħlet id-drawwa li l-Assunta tielgħa s-sema jpinġuha b'idejha miftuħin, kienu jagħmlulha jdejha magħluqin bħalma narawha hawn Għawdex, barra ż-Żebbuġ, fl-inkwatru tal-Madonna ta' Pinu u ta' Santa Marija tal-Qala' (cfr. Victor J. Galea, *Qwiel u Qaddisin*, 60).

4 Erin Serracino-Inglott, *Il-Miklem Malti*. Id-Disa' Volum (Klabb Kotba Maltin, Malta, 1989), 12.

5 Joseph Aquilina, *Maltese-English Dictionary*, Volume II (Midsea Books Ltd; Malta, 1990), 1508.

6 Dun Ġorġ Vella, 'Iż-Żebbuġ – Santa Marija' Kapitlu 15 fil-ktieb *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Għawdex u l-Festi Tagħhom*, Volum IV (Pubblikazzjonijiet Indipendenza; Malta, 1994), 242.

7 Victor J. Galea, *Qwiel u Qaddisin. Folklor u Twemmin f'Għajdut il-Maltin u l-Għawdxin* (Calypso Island Publications; Għawdex, 1999), 58.

8 Anton Gauci, *Gozo. A Historical and Tourist Guide to the Island* (St Joseph's Home Printing Press, Ħamrun, Malta 1969), 112.

9 Joseph Bezzina, *Forty Legends From Gozo. Stories of bygone times* (=Gaulitana 9), (Gozo, 2001), 28.

10 Ġorġ Pisani, *Mill-Gżira tal-Ħolm. It-Tieni Ġabra ta' Leġġendi Għawdxin* (Pubblikazzjonijiet Indipendenza; Malta, 1995), 261-278. Pisani jgħid hekk fi tmiem kitbitu: '...minn dan jidher li l-plural tal-għażżiela devota taż-Żebbuġ, bl-isem tal-Madonna, għandu jkun għażżilat u mhux għażżiel li hu l-maskil ta' għażżiela, mara li tagħżel it-tajjar'.

11 xi Salvina Galea, 'Kristina Galea. Min hi din il-mara?' f'*L-Għolja taż-Żebbuġ*, Numru 71, Il-45 Sena, 92.

12 Joseph C. Vella, *Il-Ġimgħa l-Kbira ż-Żebbuġ Għawdex. Good Friday Żebbuġ Gozo*, (mhux datat imma stampat f'Għawdex fl-2014), paġna 20.

13 Victor Vella Muskat, *Vitor Vella. Ħajtu u Ħidmietu. L-Imgħallem Bennej tas-Santwarju Ta' Pinu*, Għawdex, 2009.

# IL-QARĊILLA, IN-NUTAR U L-ĦUTTAB

George Cilia

**Xi tfisser il-kelma Qarċilla? Riedu jkunu l-festi karnivaleski ta' din is-sena (2014) li reġgħu rxuxtaw din tal-Qarċilla. Hemm aktar minn interpretazzjoni waħda x'niddiskutu fuq dan is-suġġett. Il-folklorista ewlieni Ġużè Cassar Pullicino jikteb hekk:**

*Il-Qarċilla hija ftira kbira li fuqha ssib figura ta' għarus u għarusa tal-ħelu, maktur ġo ċestin imwaqqaf f'għamla ta' torri u fuqu xbieha tal-Madonna, ta' San Ġużepp jew Bambin, u taħtu u madwaru mimli konfetti, perlini, u ġellewż, li kien jitqassam mat-triq huma u sejrin lejn il-knisja l-għarajjes ta' familji tat-tajjeb għaċ-ċerimonja tat-tieġ.*[1]

Il-folklorista jkompli jgħarrafna li min jerfa' l-Qarċilla u ċ-ċestin bil-maktur, l-għarajjes kien jagħtuh rigal ukoll – qagħqa kbira msejħa **kollura**, li kienet tkun imdendla f'għonqhom ma' xalpa tal-buxakka minn fuq l-ispalla tax-xellug għall-ġenb tal-lemin.[2]

Il-poeta Bormliż Dun Feliċ Demarco sa mis-sena 1760 jagħti spjegazzjoni oħra tal-Qarċilla. Huwa jfakkar li l-Qarċilla hi farsa li sa mitt sena ilu kienet issir fil-ġranet tal-Karnival, il-Belt, u anke f'xi rħula. Il-kliem tagħha kien mimli ħmerijiet u botti. L-eqdem Qarċilla li nafu biha s'issa hi dik ta' Dun Feliċ innifsu miktuba għall-karnival tal-1760.[3]

Jidher li maż-żmien il-kelma Qarċilla kisbet tifsiriet sekondarji oħra barra minn dik marbuta maċ-ċerimonja taż-żwieġ u dik ta' reċta fiż-żmien tal-karnival. Bla dubju ta' xejn l-aktar tradizzjoni popolari mal-klassi l-baxxa fis-seklu 18 kienet dik ir-reċta karnivaleska. Il-farsa tikkonsisti f'raġel liebes ta' nutar bis-surtun, bastun, b'nofs tomna f'rasu, u bil-lunetta f'għajn waħda, għaddej mit-triq b'reġistru f'idu. Raġel ieħor jakkumpanjah, u jagħmilha ta' xhud jew tal-għarus, iġorr fuq rasu ġewlaq li fih kien ikun hemm l-għarusa magħmula mill-għaġina. Ruxxmata tfal u nies oħra jiġru warajh. L-atturi jieqfu f'kull kantuniera biex jipproklamaw biż-żuffjett, kitba versifikata taż-żwieġ. Malli jinqara l-kuntratt, in-nies miġbura tinfexx tqatta' u tiekol mill-għarusa tal-għaġina. Maż-żmien l-għarusa nbidlet f'mara reali.

## IN-NUTAR

Fil-fehma tiegħi nħoss li għandi naqbel mal-ispjegazzjoni li jagħti Ġużè Cassar Pullicino tal-kelma t-tajba oriġinali "Qarċilla" – għax nifhem li hija marbuta maċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ kif kien

Kull darba li n-nutar jieqaf u jiftaħ ħalqu biex jibda jaqra, leħnu jintradam fost l-għajjat, żuffjett u suttar. Bħalma tistgħu taħsbu, il-versi huma mimlijin ċajt goff, u oħrajn mhux xierqa. 'Il quddiem insibu dan:

*Ukoll tagħmillu patt*
*Li l-għarusa hija tewmija,*
*U minn wara ftit ħotbija.*
*Widnejha naqra kbar*
*U ħalqha nitfa kbir*
*Geddumha bħal tal-ħanżir.*[4]



Statwetta folkloristika tan-Nutar bis-surtun, bastun, b'nofs tomna f'rasu, bil-lunetta f'għajn waħda u reġistru f'idu. (Mill-kollezzjoni ta' George Cilia)


Statwetti folkloristiċi tal-Qarċilla, in-Nutar, u l-Ħuttab (Mill-kollezzjoni ta' George Cilia)

isir mitejn sena ilu. Maż-żminijiet din id-drawwa sfumat fix-xejn iżda baqgħet titfakkar b'mod karnivalesk sa din is-sena (2014). In-nutar u l-ħuttab baqgħu dejjem żewġ atturi prinċipali fost id-drawwiet tagħna, jimlew bi lwien imżewqa l-ħajja Maltija. In-nutar dejjem huwa bniedem irrispettat, flimkien mal-kappillan, l-ispiżjar u l-ispettur tar-raħal, aktarx, jekk mhux dejjem, ikun mistieden għall-festa tat-tieġ. Dari, il-kitba taż-żwieġ kienu jinsistu għaliha omm u missier l-għarusa. Għalhekk, lejlet it-tieġ issir din il-kitba fejn jitniżżel dak kollu li se tieħu l-għarusa bħala dota – bini, ilbies, raba', bhejjem, u flus. L-għarus ukoll iwiegħed xi ġid dotarju lill-għarusa. Bħala rigal tax-xogħol tiegħu, in-nutar jistħoqqlu dundjan, jistednuh għall-mejda, u jqegħduh ħdejn l-għarajjes. Skont it-tradizzjoni:

*Fl-iskrittura Matrimonjali*
*Jagħmlu l-pattijiet konjugali*
*Li joħodha l-festi prinċipali*
*Jonsobha fuq il-ħajt*
*Jixtrilha xriek qubbajt*
*Li jkun tal-qannebusa*
*Għax minnu tiggosta l-għarusa.*[4]

## IL-ĦUTTAB

Iż-żmien li qed nirrakkontaw fuqu huwa differenti ħafna miż-żmien tal-lum. Meta xebba tkun lesta għaż-żwieġ kienet titpoġġa qasrija tal-ħabaq f'ħoġor it-tieqa li tagħti fuq it-triq tad-dar tagħha. Jekk ġuvni mistħi jkollu l-intenzjoni li jiżżewweġ lil dik ix-xebba, l-aħjar mezz li kellu kien li jqabbad ħuttab biex iwassal il-messaġġ lill-ġenituri tat-tfajla. Il-ħuttab jew ħuttaba kien bniedem xiħ, magħruf għal dan ix-xogħol, li kapaċi jirranġa malajr b'wiċċ il-ġid bejn iż-żewġ familji. Il-ħuttab kien ukoll iħallas għannej sabiex dan ikanta kanzunetta ta' tifħir lix-xbejba taħt it-tieqa bil-qasrija; ifaħħar lill-familja aktar milli ħaqqhom sakemm jibda n-namur u jseħħ iż-żwieġ. Kull par għal paru. B'hekk iż-żwieġ, bil-għajnuna tal-ħuttab jirnexxi, waqt li l-promotur jitħallas tax-xogħol siewi tiegħu. Min jaf kemm wegħdiet ta' flus ikun hemm lesti jekk kollox imur tajjeb. L-għannej ħaqqu xi patakka wkoll għat-tqabbil imqanqal tiegħu. Isimgħuh:

*Xtaqt nisma' kelma minn fommok,*
*Kelma ċkejkna ċkejkna,*
*Dik suritha nar u għasel,*
*Qiegħda ġo qalbek maħżuna.*
*Staqsejtek jekk tħobbnix, xejn ma weġibtni,*
*Biss ġewwa ħbub għajnejk minn lewn is-sema,*
*Rajt bħal xrara tan-nar tixgħel u taħrab.*
*Ma fhimtx u bqajt nistenna,*
*Jekk ewwella tiġix xi siegħa ħelwa,*
*Li tagħtini tweġiba.*

Tal-Qarċilla, in-nutar, il-ħuttab, l-għana tal-maħbubin, tista' tgħid li ntesew għalkollox. Illum dawn id-drawwiet kemxejn ma jqabbdukx id-daħk meta taqra fuqhom. F'dawk iż-żminijiet kienu jinħassu meħtieġa.

M'hemmx għalfejn nikteb jien kif isiru f'dan is-seklu dawn l-affarijiet – kulħadd jaf, jisma', u jara b'għajnejh x'inhu għaddej f'pajjiżna. Intant, it-tliet persunaġġi tant magħrufa fl-imgħoddi reġgħu bdew jitfakkru fil-jiem tal-bluha karnivaleska, biex jallegraw lill-poplu u lit-turisti li jiġu jżuruna fil-ġranet tal-Karnival.

*Endnotes*

1. Ġużè Cassar Pullicino, Il-Folklor Malti.
2. Ibid.
3. Ara l-ktieb *Dun Feliċ Demarco u l-Qarċilla fil-Karnival tal-1760*, ta' Conrad Fenech (Horizon: Malta, 2013).
4. Ibid, 105.
5. Rafel Bonnici Calì, *Kitbiet Imżewqa*, 128.

# IL-FESTI MALTIN

## TERMINOLOĠIJA U TAGĦRIF IEĦOR DWAR L-ARMAR TA' ĠOL-KNISJA

Saviour Camilleri
Disinji ta' Pio Mangion

**L-aħħar artiklu li rajna kien dak tal-ħruġ tal-vara min-niċċa. Dan ma jfissirx li l-knisja tkun intramat minn kollox jew sal-inqas dettall. Anzi jkun għad baqa' l-aħjar tiżjin jew ornamenti rikki u ta' għożża. U proprju għalhekk jitħallew għall-aħħar, u biex lanqas idumu fl-idejn. Ngħidu aħna, fided u drapp rikk bħal dvalji rrakkmati bid-deheb, wieħed isibhom fuq mensoli jew artali li dan l-artiklu se jittratta.**

L-artali fil-biċċa l-kbira jkunu tal-irħam. Qiegħed nirreferi għall-artal ta' qabel ir-riforma liturġika fejn barra l-mensla/mejda, fuqha nsibu żewġ livelli fejn jitpoġġew il-gandlieri. Ta' fuq nett jew l-ewwel xkaffa jintramaw 'il-prima' (sett gandlieri li nirreferu għalihom bħala 'tal-prima'). Taħthom, xkaffa oħra li tissejjaħ tas-'sekonda' (sett gandlieri oħra li nirreferu għalihom bħala 'tas-sekonda' – għax iżgħar fid-daqs). Dawn il-gandlieri jistgħu jkunu tal-fidda, tal-metall jew injam. Ix-xama' tagħhom – xi knejjes jippreferu – li jkun twil li jwassal aktar min-nofs il-kwadru tal-artal u oħrajn dal-aħħar ippreferew li jagħmluh baxx. Biex jintlaħaq, is-sagristan juża l-lasta twila li tinstilet għal xejn lejn it-tarf fuq nett, b'qasma fin-nofs tar-ras tagħha fejn is-sagristan idaħħal il-kandiletta (ftila żgħira bix-xama' magħha) biex jixgħel ix-xama' u stuta (speċi ta' lenbut maqlub) biex jitfih.



Il-ġilandra




Il-lampier




Il-vjatku




Il-fratell

Dawn ix-xemgħat twal kien ikollhom ġo fihom xemgħa oħra, ngħidulha tal-konsum. Għax kienet din ix-xemgħa ta' ġewwa li kienet tiġi kkonsmata, b'molla taħtha, li waqt li tkun qed tinħela, il-molla timbottaha 'l fuq u allura minn barra x-xemgħa ma kienet tidher qatt li qed tinħela. Meta mbagħad tintefa jew wara s-servizz fil-knisja, is-sagristan kien jieħu ħsieb idurhom u jerġa' jimliehom. Daż-żmien qed ikunu biż-żejt, waqt li oħrajn issa qalbuhom għad-dawl elettriku.

Taħt il-gandlieri, għandek mnejn issib skannell. Din hija injama/tavlozza li jkollha gwarniċa tar-ram jew kument indurat fejn il-bażi tikber biex ikun hemm wisa' aktar għall-gandlieri. Fin-nofs, naturalment, jintrama s-salib. Iżda, f'xi nħawi, fil-festi speċjali marbuta mal-adorazzjoni tas-Sagrament, ngħidu aħna l-kwaranturi (erbgħin siegħa ta' adorazzjoni), flok is-salib tintrama l-ġilandra (speċi ta' tabernaklu għoli bil-bieba ddur). F'dan il-post jitqiegħed is-Sagrament espost għall-qima tal-fidili.

Imbagħad fil-prima, bejn kull gandlier titqiegħed figura ta' appostlu jew figura biblika. Fis-sekonda jitqiegħdu fjuretti tal-ganutell flok figuri. Ta' min jgħid li l-gandlieri tas-sekonda, bħala regola, ma jintramawx fil-festi prinċipali, iżda fil-festa tal-qaddis/a li lilu/lilha jkun iddedikat l-artal. Minflokhom, jitqiegħdu żewġ gandlieri żgħar bix-xemgħat.

Meta niġu għall-mensla, din aktarx li fin-nofs tagħha, imnaqqxa fl-irħama tal-wiċċ, ikollha relikwa tal-qaddis/a li jkun/tkun il-patrun/a tal-artal.




Il-bankun

Issa niġu għat-trieħi (sing. terħa) tal-artal. Fil-festi prinċipali l-aktar fil-festa tat-titular dawn jinbidlu u jieħdu din l-ordni: ikun hemm waħda sempliċi taħt nett, oħra tissejjaħ 'tal-poker' u s-sopra dvalja fuq kollox li tkun ta' aħmar sabiħ tal-bellus irrakkmata bid-deheb. Fuq is-sopra dvalja mbagħad titpoġġa selofejn biex ir-ruttam tax-xama' li jaqa', ma jagħmilx ħsara lid-drapp fin u rikk. Fuq il-mensla/mejda jitqiegħdu l-'karti tal-glorja'.

L-artal jispiċċa b'tarġa jew aktar fejn jinfirex tapit tal-festa li jgħatti dawn it-tarġiet. Maġenb l-artal tinsab gradenzina li din ukoll ikollha terħa pariġġ l-artal b'messal fuq leġiju, par impullozzi u plattin taħtha.

Faċċata tal-artal jiddendel lampier bi fjokk tal-festa flok dak ta' kuljum. Il-ġummiena tiżdied ukoll. Fejn titpoġġa x-xemgħa tissejjaħ it-tazza li wkoll tkun tal-okkażjoni.

Issa jekk l-artal barra l-kwadru, ikollu l-istatwa tiegħu, maġenb jew biswit l-artal insibu standard u surġentina. Imbagħad, maqtugħ għalih, bankun, li mhux bilfors ikun ħdejn l-artal imma aktarx ikun fil-korsija. Fih insibu post fejn jitqiegħed salib u lanterna fuq kull ġenb li jinġarru fil-purċissjoni kif ukoll lasti u erba' frieċen (sing. forċina).

L-istandard għandu din id-deskrizzjoni: lasta u kruċetta li tidħol fil-lasta fuq, il-bandiera bil-burdura u frenża taħt il-burdura li fin-nofs ikollha stemma; speċi ta' distintiv li jirrappreżenta l-artal. Fejn jitpoġġa l-istandard tissejjaħ l-iskazza li tkun ħierġa minn mal-ħajt u tispiċċa b'bokkin fejn fiha jiddaħħal l-istandard.

Is-surġentina hija bħal bastun/ħatar bil-profil tal-artal jew l-istatwa fir-ras tagħha u tkun tal-fidda. Din tkun f'idejn fratell li jkollu l-inkarigu li jieħu ħsieb il-fratelli waqt il-purċissjoni.

## IL-FRATELLANZA

Il-fratellanza tagħmel parti mill-organizzazzjoni tal-artal. Fi fratellanza jistgħu jixxierku magħha kemm fratelli (irġiel) kif ukoll konsorelli (fratelli nisa). Kelma magħżula għal dan il-għan ngħidu: ipprofessaw (issieħbu bħala fratelli ġodda). Huma jkollhom kemm xi drittijiet u kemm dmirijiet. Drittijiet jistgħu jkunu bħal; li l-fratellanza tagħmel bi spejjeż tagħha stess il-funerali tal-fratelli u li jindifnu fiz-zuntier tal-fratellanza. Dmirijiet, barra li jieħdu sehem fil-laqgħat u l-purċissjonijiet, dawn jaqdu fil-missjoni tal-fratellanza. Ngħidu aħna, jekk tkun fratellanza tal-'karità', mela mill-fratelli jkun mitlub, li jgħinu nies u familji fil-bżonn b'kull mod, kemm jekk ikun ġbir ta' flus jew tqassim ta' oġġetti. Fratellanza oħra hi dik tas-'Sagrament'. Dawn jieħdu ħsieb li jgħinu fit-twassil tas-sagrament tat-tqarbin lil kull min jeħtieġu, bħalma huma l-anzjani, il-morda u l-moribondi; ma jonqsux li jżuru l-morda fi djar u fi djar tal-anzjani;

jagħmlulhom laqgħat apposta għalihom u ma jonqsux ħarġiet ta' rikreazzjoni. Dan il-qasam illum jissejjaħ 'Djakonija'. Illum – bħalma nafu – hawn lajċi li jissejħu ministri tat-tqarbin li jmorru jqarbnu huma stess fid-djar u li xorta jistgħu jkunu fratelli wkoll.

Għall-moribondi, dari kien hemm il-vjatku li jkun liema ħin ikun, saħansitra billejl, jitwassal lilhom is-sagrament tat-tqarbin. Tista' tgħid il-vjatku kien jieħu l-istess forma ta' purċissjoni oħra kwalunkwe. Il-fratelli kien mistenni minnhom li jieħdu sehem flimkien mal-abbatini u l-qassis. Filwaqt li l-abbatini jieħdu f'idhom fanali tal-id u qanpiena biex tħabbar il-miġja tal-vjatku, il-fratelli jitqassmu... min iżomm l-istandard, oħrajn torċi, min iżomm it-tużell, ieħor umbrella u erbgħa oħra bil-baldakkin. Il-qassis ikun taħt il-baldakkin bis-sagrament. Dari l-qassis kien juża s-suġġetta. Malli l-vjatku jasal qrib, sakemm il-qassis joħroġ minn taħt il-baldakkin sad-dar tal-agonizzant, kien jiġi akkumpanjat minn wieħed iżomm umbrella (baldakkin żgħir) fuqu. Għalkemm il-vjatku tista' tgħid inqata' minn ħafna postijiet, f'xi nħawi baqa' jsir u dan isir nhar l-ewwel Ħadd fuq il-Għid il-Kbir.

L-ilbies tal-fratelli u l-konsorelli kien jikkonsisti minn konfratija bajda, muzzetta, ċinglu, kuruna twila u kapott, li hi barnuża għall-għata tar-ras b'żewġ toqbiet quddiem l-għajnejn. Il-kulur tal-muzzetta jvarja skont liema fratellanza tkun. Ngħidu aħna, dik tas-Sagrament tkun ħamra, tal-Kurċifiss, sewda, tal-Madonna, ċelesti u l-bqija.

Post il-fratelli fil-purċissjoni hu fil-bidu tal-purċissjoni fejn dawn il-fratelli jżommu standard, salib u żewġ lanterni waqt li oħrajn jakkumpanjawhom b'torċa f'idhom. F'tarf il-fratellanza u fin-nofs, imexxiha, għandek issib il-prefett b'medaljun kbir fuq sidru waqt li fratell ieħor iżomm is-surġentina. Xogħlu jkun li jdur mal-fratelli, jieħu ħsieb it-tqassim tal-fratelli, jara li jżommu posthom sewwa fir-ringiela b'ċertu distanza u ċaqliq ieħor.

Kif wieħed jista' jirrealizza l-fratellanzi ta' dak iż-żmien – xi tliet mitt sena jew aktar – kienu diġà qed jagħmlu xogħol tal-unjins tal-lum. Mela kienu l-ewwel operaturi ta' solidarjetà. Li tkun fratell kien ifisser li tkun membru fl-unjin dak iż-żmien. Prova ta' dan kienet il-fratellanza ta' San Ġużepp li jissieħbu fiha dawk li huma mastrudaxxi. Kien hemm il-fratellanzi li kienu jieħdu ħsieb l-ilsiera u l-baħħara bħalma kienet il-'Porto Salvo' u oħrajn.




L-artal

# IL-MERĦLIET TA' ĦAL TARXIEN

Joseph C. Camilleri

**In-nies tal-Isla jgħidulhom ta' Ċaċu. Iż-Żwieten għandhom saqajhom ċatta waqt li l-Karkariżi għandhom 'wara' ċatt. Il-Qriema huma rġiel sa nofsinhar. Rabti u Żebbuġi jagħmlu Lhudi. Fuq kulħadd hemm xi għajdut, imma t-Tarxiniżi jintrabtu l-aktar jew mal-ġebel (ta' ġebla ratba) jew mal-mogħoż (tar-redus). Il-mogħża ħalliet marka kbira fuq il-wirt tal-poplu Tarxiniż. Tant hu hekk li l-pjanura li hemm bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun hija magħrufa bħala Buleben. Skont l-istudjuż tal-folklor il-Kavallier Rafel Bonnici Calì, Ġan Franġisk Abela, missier l-Istorja ta' Malta, kiteb li l-isem 'Bu Leben' ifisser missier il-ħalib.[1] Min jaf, forsi minħabba li hemm kienu jinġabru mijiet ta' mogħoż?**

Wara l-Assedju l-Kbir (1565) il-bliet tal-Kottonera – l-Isla, Bormla u l-Birgu – żdiedu bil-bosta fil-popolazzjoni. Aktar nies, aktar domanda għall-ħalib. Biex jaqdu lil tal-Kottonera kien hemm il-merħliet f'Ħaż-Żabbar u f'Ħal Tarxien. Ir-ragħajja Tarxiniżi kienu l-aktar magħrufa għall-produzzjoni tal-ħalib. Wieħed mill-qwiel Maltin jgħid: *Belt bla ħalib bħal bir bla ilma.* Ma jistgħux jgħixu n-nies mingħajr sors ta' ħalib.

Tant kien hemm mogħoż f'Ħal Tarxien li r-raħal kien jinqasam f'erba' żoni fejn jidħlu l-mogħoż. Il-qalba ta' din l-industrija kienet iż-żona madwar il-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien, dik ta' Marija Annunzjata. Kien hemm **Wara l-Knisja**, **Triq Xintill**, **Bir Bixkilla** u **Wara l-Bjut**. Skont il-kittieb Bonnici Calì, l-eqdem żona fl-industrija tal-ħalib kienet **Wara l-Bjut**. Il-kelma "Wara l-Bjut" tfisser "wara d-djar" – post imwarrab wara l-bini tal-poplu.[2]

Ċerti żoni kienu magħrufa għal xi ragħajja partikulari. **Wara l-Knisja** kien hemm Tan-Naxxari, Ta' Rotin, Johnny Calleja tal-Koxx, Tal-Ġoni, Tal-Pudina, Tal-Beżiż, Ta' Peppi s-siġar, Taz-Zann u Tal-Qiċċa. In-Naxxari u Ta' Rotin kienu qrib il-misraħ biswit il-knisja parrokkjali. Ta' Pudina, Tal-Biżiż, Ta' Peppi s-siġar, Taz-Zann u Tal-Qiċċa kienu kollha fl-istess triq, triq dejqa dejqa li kienet tgħaqqad iż-żona ta' quddiem il-knisja mat-triq li kienet tagħti għall-Gudja. Johnny Calleja Tal-Koxx kien iżomm il-merħla tiegħu fi Sqaq Nru 2 ta' Triq Brittannja, waqt li Tal-Ġoni kien joqgħod flimkien mal-merħla fi Sqaq Nru 3 tat-Triq Brittannja.[3] Kull ragħaj ta' din iż-żona kien jinżel lejn l-għelieqi fil-post fejn illum hemm Santa Luċija.

Żona oħra importanti għall-merħliet tal-mogħoż kienet **Bir Bixkilla** – żona mimlija sqaqien. Hawn konna nsibu Ta' Mona, li kellhom post ieħor fi Triq il-Gudja, barra mill-qalba tar-raħal, f'żona magħrufa bħala Tal-Barrani.

**Triq Xintill** kienet żona oħra. Din kienet triq qasira bl-isqaqien. Hawn konna nsibu lil Tal-iskoċċ, Tal-Gidi, Ġanni r-Roħu, Salvu ta' Dumink u Tas-Suffara. Ġanni r-Roħu kien iżomm il-merħla f'wieħed mill-isqaqien ta' din it-triq.[4] Jekk wieħed jikkunsidra ċ-ċokon ta' din it-triq, kif kienet fl-imgħoddi, isib li kien hawn ħafna merħliet fuq xulxin f'din iż-żona.

**Wara l-Bjut** kien jibda mill-kappella ta' Santa Marija u jibqa' sejjer sal-għelieqi ta' bejn iż-Żejtun u Ħaż-Żabbar. Il-parti ta' Triq Santa Marija kienet mimlija daqs bajda bl-isqaqien. Magħha kien hemm diversi bini (djar jew irziezet) imferrxin 'l hawn u 'l hinn. Fil-qalba ta' Triq Santa Marija konna nsibu lil Ta' Ġepputtu, Ta' Fażolu, Frenċ il-Qastni, il-Qambu, Tax-Xoqqi, Tas-Slejs, Tax-Xaru, Ta' Kaċċija, Ta' Parotti u Tal-Gramm, iz-ziju tiegħi. Ta' Fażolu (Piscopo) kien joqgħod fi Sqaq Nru 4. Fl-istess sqaq kien hemm ukoll Ta' Xaru. Ta' Xoqqi kien biswit il-forn tal-Gramm.[5] Ta' min jgħid li zijuwi (Il-Gramm) beda l-ħidma tiegħu bil-merħla tal-mogħoż u wara kompla x-xogħol ta' zitu.[6]

Biswit iż-żona ta' Wara l-Bjut kien hemm nies oħra li kellhom il-merħliet. Fi Triq San Tumas kien hemm erbgħa. Dawn kienu Ta' Gawdora, Matti, Ta' Ġann Pawl u Tas-Slejs.[7] Triq id-Dejma kien hemm erbgħa. Dawn kienu Tat-Tikki, Tal-Barun, Ta' Barrieru u Tas-Sigarett.[8]

Jekk ir-ragħajja tal-mogħoż kienu miġbura f'dawn l-erba' żoni kien hemm oħrajn barra miż-żoni li semma Bonnici Calì. Triq Sant'Anna li tgħaqqad Wara l-Bjut mat-triq ta' quddiem il-knisja parrokkjali kellha ħames raħħala. Numru kbir, għax din it-triq, barra li hija dejqa, hija qasira. Hawn konna nsibu lill-familja ta' Jokk, Tas-Sieħeb (jew Ta' Pilatu), Ġorġ u ħuh Tal-Qeqqi, Ta' Matti u Santo Delia.9 Din it-triq kienet magħrufa għall-familji foqra li kien hawn ir-raħal. Ħafna minnhom kienu tallaba. Biswit din it-triq kien hemm Triq Irjali (illum Triq il-Kbira). Din kienet l-aqwa triq li kellha Ħal Tarxien. Konna nsibu familji tat-tajjeb

bħall-familja Lanzon, il-werrieta tal-familja Abela, il-kappillan eċċ. Fiha wkoll kien hemm ir-raħħala. Konna nsibu lill-aħwa ta' Xabba' l-Poplu u Pawlu Calleja li kien magħruf bħala Pawlu Mara.[10]

Mal-bqija tar-raħal kien hemm xi toroq li kellhom ukoll raħħal. Fi Triq l-Annunzjata kien hemm Tal-Barun.[11] Fi Sqaq Sardina (illum il-firxa art wara l-Kunsill Lokali) kien hemm Karmenu l-Għawdxi.[12] 'Il bogħod minn kulħadd, fi Sqaq ix-Xewk, iż-żona ta' fuq iċ-Ċimiterju tal-Addolorata kien hemm Taċ-Ċonu.[13] Ir-raħħala kienu jżommu l-mogħoż f'maqjel. Bosta drabi dan kien kamra kbira fl-istess dar. Jekk ir-raħħal kien ikollu merħla kbira kien jikri dar fejn kien iżomm dawn l-annimali. Dar Manduca fi Triq Santa Marija għamlet żmien twil mikrija għand ir-raħħala. Ir-raħħal kien iżomm il-mogħoż fis-sular t'isfel u l-ġwież fis-sular ta' fuq.

## IL-ĦAJJA TAR-RAĦĦAL TAL-MOGĦOŻ

Kull raħħal kellu l-għelieqi fejn ta' kuljum kien joħroġ jirgħa l-mogħoż. Skont l-istudjuż Għawdxi Victor John Galea, ir-raħħal kien jieħu l-mogħoż f'erba' tipi ta' postijiet biex jirgħu. Dawn kienu fil-moxa, fil-bwar, fil-widien, u fir-raba' wara li l-bidwi kien jiġbor l-uċuħ.[14] Galea jkompli jgħidilna li l-aktar uċuħ importanti kienu dawk l-għelieqi li kien ikollhom il-lublieba (pjanta bil-warda bajda). Jekk ir-raħħal kien isib għalqa lublieba u jdaħħal il-merħla fiha, l-għalqa kienet titnaddaf f'kemm ili ngħidlek. Galea jgħidilna ċar u tond kif kienet tiekol il-mogħża: '...tqatta' bi snienha u tibla' kollox sħiħ.'[15] Ġieli kont issib xi raħħal makakk, u biex jitma' l-merħla kien jistenna sa ma jaqa' d-dlam, u jdaħħal il-mogħoż tiegħu fl-għalqa mingħajr ħadd ma jinduna. Galea, li jaf sewwa jħaddem il-Malti, kiteb hekk: 'Ir-raħħal kien jistenna jaqa' d-dlam, ħalli jdaħħalhom fl-għelieqi biex igerrmu l-ġmiemen tas-silla.'[16] Kien hemm drawwa fost il-bdiewa, li jekk dawn ma ridux lir-raħħal jidħol bil-merħla tiegħu fl-għelieqi tagħhom, kienu jibnu l-plier jew borġ xi mkien fejn jidher. Dan kien erba' ġebliet fuq xulxin, u taħt il-ġebla ta' fuq kienu jpoġġu ftit lublieba. Dan il-**plier** jew **borġ** ma kien xejn ħlief sinjal, li t-tifsira tiegħu kienet magħrufa sew mill-bdiewa u r-raħħala, li l-bidwi ma riedx li l-mogħoż jidħlu fl-għalqa tiegħu, u jekk ir-raħħal idaħħalhom kien se jiġi fl-inkwiet.[17]

Kien hemm diversi raġunijiet għala l-bidwi ma kienx irid il-mogħoż fl-għalqa tiegħu. Il-mogħoż kienu jżarmaw kull ħaġa li jsibu quddiemhom, sew jekk hi bajtrija (siġra tal-bajtar ta' San Ġwann) u kemm jekk hi siġra oħra. Galea jgħid li waqt li tgħaddi l-merħla: '...il-mogħoż ma kienu jħallulha xejn fis-siġra'.[18]

Aktarx li l-mogħoż ma kinux joħorġu fi tliet ġranet partikolari – fil-festa tal-Lunzjata, fil-festa tas-Salib (3 ta' Mejju) u fil-Milied.[19] Kull filgħodu l-mogħoż kienu jinħarġu. Wara t-Tieni Gwerra Dinjija jien kont noqgħod fi Triq Santa Marija u kont nara l-merħliet



Ritratt antik tal-kappella tad-Duluri f'tal-Pietà

għaddejjin. Ir-raħħala ta' Wara l-Bjut kienu jieħdu l-mogħoż tagħhom fl-għelieqi ta' **Sardinja**. Għat-Tarxiniżi ta' dawk iż-żminijiet Sardinja jew aħjar **Sqaq Sardinja** kienet żona mimlija għelieqi. Għalqa wara għalqa, bil-ħitan tas-sejjieħ u bil-ħsejjes tal-ilma ġieri. Ir-ragħaj kien ikun jaf minn qabel fejn seta' jieħu l-merħla tiegħu.

Waqt li tkun għaddejja l-merħla, xi mogħża kienet tieqaf biex tipprova tiekol xi karta jew ċarruta li kienet issib fit-triq. Waqt li kienu għaddejjin kienu jħallu warajhom ħafna **redus**, bħal żibeġ żgħar suwed.

## IL-BEJJIEGĦA

Ir-raħħal barra li kien jieħu ħsieb il-mogħoż kien joħroġ bi ftit mogħoż ibigħ il-ħalib. Niftakar lil ommi tirrakkonta li missierha Franġisk Bezzina, li għamel żmien twil bil-mogħoż, kien jieħu ftit mogħoż kuljum u jiġbed lejn Ħaż-Żabbar. Wara jkompli miexi lejn l-Isla fejn kien ibigħ il-ħalib. Skont ommi, meta missierha kien jidħol l-Isla, kien isib post fejn kien jorbot il-mogħoż u jieħu miegħu waħda jew tnejn. Wara jibda jdur u jħabbat il-bibien tan-nies.[20]

Il-mara tad-dar kienet toħroġ fil-bieb bil-bott jew skutella. Biex il-mara tkun taf li r-raħħal wasal, dan kien jgħajjat kemm jiflaħ 'Ħalib'. Ir-raħħal kien jibdel l-għajta tiegħu matul il-jiem tar-Randan. F'dawk il-jiem, kien hemm id-drawwa tas-sawm. Minflok 'ħalib' kien jgħajjat 'Tal-Abjad', imma kulħadd kien ikun jaf li ġie r-raħħal biex ibigħ il-ħalib.

Skont il-Malti, l-itjeb ħalib tal-mogħża hu dak tal-aħħar. Għalhekk meta l-ħalib kien se jispiċċa f'sider il-mogħża, ħafna kienu jriduh. Ir-raħħal kien jara li xi darba jew oħra kien jieħu miegħu l-mogħoż kollha. Dan kien fattur importanti għaliex jekk il-mogħża ma tinħalibx, tibda tagħmel inqas u inqas ħalib.

## WIRT POPOLIN TAL-MOGĦOŻ

It-tfal ta' Ħal Tarxien kienu jkantaw taqbila fil-klassijiet tan-Nuna (illum Kindergarten). Din it-taqbila kienet tgħid:

*Agħmel xita, agħmel,*
*Ħalli jikber il-ħaxix,*
*Il-ħaxix nagħtuh lill-mogħża,*
*U l-mogħża ttina l-ħalib.*

Din it-taqbila ma kinitx marbuta mat-tfal Tarxiniżi biss. Kienet tintqal ukoll minn tfal oħra. Imma għat-tfal ta' Ħal Tarxien din it-taqbila kienet ħaġa speċjali għaliex kienu jaraw il-mogħoż kuljum malli joħorġu fuq l-għatba tad-djar tagħhom. Il-mogħża, bħal annimal ieħor, kienet tidħol fil-lingwaġġ tat-tfal. Mogħża kien jgħidulha *geduda*.

## IR-RELAZZJONI BEJN IR-RAĦĦAL U L-MOGĦOŻ

Il-mogħża ma tantx tħobb tobdi. Hi tgħix billi '...tiekol ix-xewk, l-għollieq, il-ħurrieq u ħxejjex li bhejjem oħra jaħarbuhom'.[21] Dari l-mogħża kienet ferm importanti għall-ekonomija ta' dawk iż-żminijiet, billi kienet toffri lill-Malti laħam, ħalib u ġlud. Ir-raħħal kien isejjaħ lill-mogħoż tiegħu bil-lewn tagħhom. Jekk il-mogħża jkollha aktar minn lewn wieħed kienet tissejjaħ **belqa** (jiġifieri bl-ilwien imżewqa).

Ġużi Gatt għamel studju fuq l-ismijiet li r-raħħal kien jagħti lill-mogħoż:[22]



Il-mogħoż fit-toroq ta' dari

**Ismijiet tal-mogħoż skont il-lewn ta' xagħarhom**

| Isem | Lewn ix-xagħar |
|---|---|
| Belqa bl-iswed | Sewda u bajda |
| Belqa bl-aħmar | Ħamra u bajda |
| Żunnara | Sewda imma b'rasha u widnejha bojod |
| Xaqra | B'suf ħamrani |
| Għaslija | Skont il-ħmura jew is-sfurija tas-suf |
| Wiżgħija | Ittikkjata |
| Midliela | Is-suf twil |
| Milgħuqa | Is-suf qasir ħafna |
| Tal-Merek | Ir-ras sewda b'faxxi sofor taħt għajnejhom tul rasha kollha |

Gatt jgħid li kienu jeżistu ismijiet ta' mogħoż ibbażati fuq l-għamliet tal-widnejn u tal-qrun.[23]

**Ismijiet tal-mogħoż skont l-għamliet tal-widnejn u tal-qrun**

| Isem | Għamliet |
|---|---|
| Qarna | Mogħża bil-qrun |
| Fartasa | Mogħża bla qrun |
| Torka | B'widnejha kbar u mitnijin minn għonqha sa geddumha |
| Barżakka | B'widnejha sa nofs wiċċha |
| Garruwa | B'widnejha qosra u għall-ponta |
| Mondija jew Mejxa | Widnejha iqsar minn dawk ta' Garruwa |
| Widnejha Mżiewed | B'widnejha mitnija |

Gatt sab ukoll l-ismijiet tas-sider tal-mogħoż.[24]

**Ismijiet tal-mogħoż skont l-għamla tas-sider**

| Il-kelma/kliem | L-għamla ta' sider il-mogħża |
|---|---|
| Driegħha Rota | Sider sabiħ |
| Drieegħha Flixkun | Sider ikrah |
| Qandlija | Sider kbir li meta timxi qisha qed terfa' xi ħaġa tqila |
| Imxattra | Jekk ikollha biżla iqsar mill-oħra |
| Xiklija | Meta timxi tħabbat saqajha ta' wara ma' xulxin |

Kull mogħża kellha l-ħannieqa biex tinqabad minnha.[25] Kultant ir-raħħal kien idendel qanpiena (sansirra jew sansarun) ma' għonq il-mogħża wkoll. Is-sansirra kienet qanpiena b'għamla żengulija. Din kienet tintuża biex il-mogħża tinstab jekk din ifettlilha tħalli l-merħla.

Għar-ragħaj mogħża hija aħjar minn oħra skont id-daqs ta' sidirha. Sider kbir ifisser aktar ħalib. Lill-mogħża ta' sider kbir kien jgħidilha 'dik erħa' li tfisser mogħża tajba.[26] Billi l-mogħża jkollha bħal żewġ swaba' mdendlin taħt għonqha, ir-raħħal kien jgħidilhom *imsielet tal-laħam.*[27]

Ir-raħħal kien aktarx bniedem superstizzjuż. Biex jipproteġi lill-annimali tiegħu kien idaħħal biċċa xemgħa tal-kandlora, xemgħa mbierka, f'widna tal-mogħża. Dan kien isir billi jorbot ix-xemgħa bix-xagħar tal-mogħża mal-widna.[28]

## IL-MALTI U L-MOGĦOŻ

Għall-Malti l-mogħża kienet annimal injorant. Fil-Malti nsibu l-idjoma *ras ta' mogħża.* Din kienet tintqal għal min ma jridx jifhem u rasu iebsa.[29] Il-Malti jkompli juża l-mogħża biex ikażbar lill-bniedem. L-idjoma *qatta mogħoż* ngħiduha għan-nies li jagħmlu kollox bl-addoċċ.[30] Jekk il-Malti kien ikażbar il-mogħża, tant ieħor kien ikażbar lir-raġel tagħha – il-bodbod. Ħadd ma jieħu pjaċir jekk jirreferu għalih bħala bodbod!

## IL-PRODOTTI TAL-MOGĦOŻ

Il-mogħża kienet tagħti lir-raħħal il-ħalib, il-laħam u l-ġlud. Mill-ħalib tal-mogħża tista' tagħmel il-ġbejniet ukoll, imma l-ħalib tagħha ma kienx imfittex ħafna għal dan il-għan. Mill-banda l-oħra n-nies kienu jixorbu ħafna ħalib tal-mogħża u jżiduh mat-te jew mal-kafè. Fl-imgħoddi t-tobba kienu jemmnu ħafna fil-ħalib tal-mogħża. Kienu anke jirrikkmandawh lill-pazjenti kontra l-mard tat-tiżi u għal min ikun allerġiku għal ħalib ieħor.[31] Il-fama tal-ħalib tal-mogħża ħadet daqqa ta' ħarta meta t-tabib Temi Zammit sab fih il-batterju tad-deni rqiq. Skont xi kittieba u nies tax-xjenza l-ħmieġ tal-mogħża u n-nuqqas ta' iġjene welldu l-marda tad-deni rqiq fost il-poplu Malti. Oħrajn kienu tal-fehma li l-marda tibda meta l-mogħża kienet tiekol il-karti mit-toroq. Fl-1907 kien miet Ġużeppi Bonnici, tfajjel ta' ħdax-il sena. L-idea tal-karti maħmuġin kompliet tissaħħaħ u l-mogħoż bdew jitlibbsu sarima tax-xibka tal-fildiferru. B'hekk ma kinux jistgħu jieklu karti, ċraret u ikel ieħor waqt li jkunu jduru fit-toroq.[32]



*Out with the goats*, pittura ta' Edward Caruana Dingli (1876–1950)

Meta wieħed kien jixrob il-ħalib infettat tal-mogħża kien jimrad bil-marda msejħa tad-deni rqiq. Sa hawn il-gvern kolonjali Ingliż ftit qomos. Iżda meta din il-marda daħlet fost is-suldati Ingliżi li kienu stazzjonati Malta fi żmien il-Gwerra tal-Krimea, l-istorja daħlet f'kapitlu ġdid. Il-mikrobu li kien jikkaġuna din il-marda kien instab mit-tabib skoċċiż David Bruce fl-1886. Hu kien jistudja waqt l-awtopsja s-sors ewlieni tal-marda. Il-mikrobu ssemma *Brucella Melitensis*. Kien Bernhard Bang li kompla studja din il-marda. Wara ħafna riċerka ġie ssuspettat il-ħalib. Fl-1905 Temi Zammit, tabib Malti, sab ir-rabta li kien hemm bejn id-deni rqiq u l-ħalib mhux pasturizzat tant li, id-deni rqiq kien magħruf b'diversi ismijiet – *Bang's disease, Crimean fever, Gibraltar fever, Malta fever, Maltese fever, Mediterranean fever, rock fever* u *undulant fever*.



Il-mogħża tagħtina l-ħalib



Merħla mogħoż ħierġa mill-Bieb tal-Bombi

Id-deni rqiq spiċċa minn fost is-suldati Ingliżi iżda baqa' fost il-Maltin. Ir-raġuni kienet li l-Maltin mhux dejjem kienu jgħallu l-ħalib. Kien fis-sena 1938 li l-gvern introduċa l-pasturizzazzjoni tal-ħalib kollu li kien jiġi prodott mir-raħħala Maltin. Barra minn hekk, il-gvern ipprojbixxa wkoll il-bejgħ tal-ħalib dirett mill-merħliet.[33]

Barra mill-ħalib pasturizzat il-gvern beda jibgħat spetturi biex jaraw l-indafa tal-maqjel kif ukoll dik tal-mogħoż. Wieħed minn dawn l-ispetturi kien Ninu Cremona li kien studjuż sew tal-istorja kif ukoll tal-folklor. Cremona dam ħafna joqgħod Ħal Tarxien, sewwasew fi Triq Santa Marija. Iż-żmien li dam hemm welled il-poeżija dwar Wara l-Bjut.

Il-laħam tal-mogħoż kien popolari ferm man-nisa ta' Ħal Tarxien. Anke l-gidi kien popolari fil-kċina Tarxiniża. Niftakar sewwa dixx wara dixx kienu jittieħdu l-forn bil-patata mqattgħa roti roti, ftit ilma u xaħam (illum żejt), bużbież, bżar, kari, *spice*, basal, u ftit tewm. Id-dixx kien ikun miksi b'biċċa karta strazza.[34] Dan kien magħruf bħala gidi l-forn jew, a la Tarxiniża, '*gidfurn*'. Ta' min jgħid li laħam il-mogħoż kien jintuża sewwa waqt it-Tieni Gwerra Dinjija miċ-ċentri tal-ikel magħrufa bħala *Victory Kitchen*.

## SAĦĦA LIR-RAĦĦALA TARXINIŻI

Fis-snin sittin iż-żoni ta' Wara l-Bjut u ta' Buleben ġew fil-mira tan-nies tal-politika. Triq Santa Marija kellha titwessa' biex minnha jkunu jistgħu jgħaddu l-karozzi tal-linja. Dawn il-karozzi kellhom iwasslu x-xebbiet u tfajliet għall-fabbriki li kellhom jinbnew fiż-żona ta' Buleben. Anke t-triq bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun tilfet is-sbuħija li kellha. Fi żmien il-merħliet din kienet kollha għelieqi u rziezet. Illum parti minnha saret kollha siment u ħġieġ – fabbrika wara fabbrika.
Il-merħliet spiċċaw fi tmiem is-snin ħamsin. Dr Coronato Grech jgħid: 'Fin-Nadur, sal-bidu tas-sittinijiet, din id-drawwa (tal-merħliet) kienet għadha komuni'.[35] Il-ħalib tal-mogħża baqa' jinbiegħ sas-snin ħamsin u sittin. Il-ħalib kien jittieħed il-fabbrika tal-ħalib fil-Ħamrun fejn kien jiġi pasturizzat

u jitpoġġa fil-fliexken tal-ħġieġ. Kien hemm fliexken tal-ħalib tal-mogħża (tapp abjad), fliexken tal-ħalib tal-baqar (tapp isfar) u ħalib tat-trab (tapp blu).

Fis-snin ħamsin il-gvern Malti kellu pjan biex il-ħalib tal-baqar jieħu post il-ħalib tal-mogħoż. Il-gvern kien lest li jagħti baqra għal kull sitt mogħżiet li kien jagħtih ir-raħħal.[36] Din welldet problema għar-raħħal. Post għall-mogħoż kellu iżda għall-baqar ma kellux. Ftit kienu dawk li daħħlu l-baqar minflok il-mogħoż. Sa fejn naf jien f'Ħal Tarxien kien hemm tnejn li daħħlu dawn l-annimali l-ġodda. Dawn kienu Tat-Tikki li kellu r-razzett tiegħu fit-triq ta' bejn Ħal Tarxien u l-Fgura, u Ta' Mona bir-razzett tiegħu fit-triq bejn Ħal Tarxien u l-Gudja fiż-żona Tarxiniża ta' Tal-Barrani.

## L-ILSIEN MALTI U L-MOGĦŻA

Il-mogħża hija marbuta ma' ħafna kliem li llum ftit li xejn jintuża. Il-mogħża tinħaleb **geżż, geżż**. Tant li meta x-xerrej ma kienx jaqbel mal-ammont tal-ħalib li kien jingħata mill-bejjiegħ tal-ħalib kien jgħidlu: 'U ejja kemm int kiesaħ, agħmilli geżż ieħor!'[37] Ir-raġel tal-mogħża jissejjaħ il-**bodbod** (ħafna bdabad). Il-ferħ hu **gidi** (tifel) (ħafna gidien) jew **gidja** (tifla). Meta l-gidi jkollu sena jgħidulu **għens** (ħafna għenus) jekk hu maskil u **għaniqa** (ħafna għenieq) jekk hi femminili.[38]

Fl-imgħoddi r-raħħal kien ilibbes **maħanqa** jew **ħannieqa** madwar għonq il-mogħża favorita tiegħu. Din kienet tkun magħmula minn bċejjeċ ta' ċraret ta' kull lewn. Għall-anqas waħda mill-mogħoż kien ikollha qanpiena jgħidulha **ġaras** jew **sansarun**. Din kienet qanpiena tal-landa jew materjal ieħor li kienet tagħmel ħoss.[39] Meta l-bodbod jibda jagħti bir-ras jgħidu li qed **jintaħ**, waqt li meta l-mogħża tgħajjat jgħidu li qed **twetwet**.

Għall-Malti l-mogħża kienet annimal injorant. Fil-Malti nsibu l-idjoma *ras ta' mogħża.* Din kienet tintqal għal min ma jridx jifhem u rasu iebsa.[39] Il-Malti jkompli juża l-mogħża biex ikażbar lill-bniedem. L-idjoma *qatta mogħoż* ngħiduha għan-nies li jagħmlu kollox bl-addoċċ. Jekk il-Malti kien ikażbar il-mogħża, tant ieħor kien ikażbar lir-raġel tagħha – il-bodbod. Ħadd ma jieħu pjaċir jekk jirreferu għalih bħala bodbod!

## LEĠĠENDI

Bis-saħħa tal-ħidma fil-qasam tal-folklor tal-istudjuż Għawdxi Victor John Galea għandna mniżżlin żewġ leġġendi marbutin mal-mogħoż. It-tnejn huma leġġendi marbutin mat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Waħda minnhom tgħid li fl-għar ta' Betlem, il-baqra u l-ħmara niżlu għarkupptejhom ħdejn il-maxtura biex isaħħnu lil Ġesù Tarbija. Il-mogħża qagħdet toqmos u taqbeż. Hi laqtet lit-Tarbija u weġġgħatha. Ġesù qam u fil-pront qalilha: 'Misħuta int u nofs ħalibek'. Din il-leġġenda Galea ħadha minn fomm ommu.[40]

It-tieni leġġenda li ġabar Galea titkellem ukoll fuq il-ġrajja tat-twelid tal-iben t'Alla. Din tgħid hekk: Mogħża daħlet fl-għar fejn kien rieqed Ġesù Tarbija. Hi baqgħet sejra dritt dritt lejn il-maxtura. Malli rat li fuq it-tiben kien hemm tarbija bdiet tagħmel il-ħsejjes. It-tarbija qamet. Kif Ġesù qam qabad denbha. Il-mogħża qabadha ferħ ta' ġenn u bdiet tgħajjat kemm tiflaħ. Ġennet lil kulħadd u Ġesù qalilha: 'Misħuta int u nofs ħalibek'.[41]

Dawn iż-żewġ leġġendi għandhom xi ħwejjeġ komuni. It-tnejn għandhom ambjent ta' żmien il-Milied. Għalhekk għandhom it-Twelid ta' Kristu bħala sfond, fihom hemm element uman. Dan juri kemm il-Malti (jew forsi l-Għawdxi) kien imaqdar il-mogħża. It-Tarbija ta' Betlem ta' ftit sigħat qamet u bdiet titkellem. Il-kliem ma tantx juru kliem il-Mulej iżda l-mod ta' kif il-bniedem kien iħares lejn dan l-annimal.

## IL-QWIEL

Victor John Galea ġabar ukoll żewġ qwiel marbutin mal-mogħża. Waħda minn dawn il-qwiel tgħid: *Fejn tmiss il-mogħża jisħet.* Dan il-qawl jikkonferma l-attitudni negattiva li kellhom il-Maltin lejn il-mogħża. It-tieni qawl jgħid: *Dik il-geżża ma tiġix minn din il-mogħża.* Il-Professur Ġużè Aquilina kien tal-fehma li dan il-qawl qed jirreferi għax-xogħol li ġġib magħha l-mogħża waqt li Galea hu tal-fehma li dan il-qawl qed jirreferi għall-qerq li jsir waqt il-bejgħ u x-xiri.[42]

## L-INGLIŻI U L-MOGĦŻA

L-Ingliżi, li kienu jaħkmu Malta matul is-seklu 19, ma kinux jaħmlu lil dawn il-mogħoż li kienu jiġġerrew mat-toroq tal-Belt. Wieħed mill-gvernaturi, Sir Thomas Maitland (magħruf bħala King Tom) kien jirreferi għall-Maltin bħala mogħoż. Hu kien jgħid: '*The Maltese are all goats and I treat them as such*' (Il-Maltin huma kollha mogħoż u jien nittrattahom t'hekk), kif fil-fatt kien jagħmel. Mela l-Maltin kollha kienu mogħoż u mhux it-Tarxiniżi biss![43]

Skont il-Professur Ġużè Aquilina, li kien professur tal-Malti fl-Università ta' Malta, u li kien għarus ma'

waħda minn Ħal Tarxien li wara żżewwiġha, jgħid li l-mogħoż ta' Ħal Tarxien huma l-aħjar kemm għar-refgħa u kemm għall-ħalib. Hu jkompli jgħid li r-raħħala mill-Munxar, Għawdex, kienu jiġu Ħal Tarxien biex jixtru l-mogħoż minn hemm. Wieħed irid jgħid li Aquilina kien jaf x'qed jgħid għaliex hu kien mill-Munxar u mhux l-ewwel darba li waqt li kien għand il-familja tal-għarusa tiegħu f'Ħal Tarxien kien jara u jkellem xi raħħal mill-Munxar.

Ir-raħħal Tarxiniż miet mewta naturali. Il-prodott tiegħu, il-ħalib tal-mogħża, inqata' mis-suq. Il-merħliet spiċċaw mit-toroq ta' Ħal Tarxien. Triq Santa Marija tilfet parti mis-seħer tagħha ta' triq twila mimlija sqaqien u djar li jafu żmien il-kavallieri, jekk mhux qabel ukoll. Iż-żona ta' Sardinja saret flettijiet, toroq u djar. Parti miż-żona ta' Buleben saret fabbriki. Il-mogħża spiċċat minn wiċċ Ħal Tarxien.

Tgħid nerġgħu lura għall-ħalib tal-mogħża billi dan fih inqas xaħam minn dak tal-baqra? Tgħid id-domanda għall-ġbejniet magħmulin mill-ħalib tal-mogħża għad tiżdied? Barra minn Malta, mill-ħalib tal-mogħża jsir ħafna ġobon tajjeb, u ma narax għaliex f'Malta dan m'għandux jiġri wkoll.

---

*Endnotes*

1. Bonnici Calì Rafel, 'Il-Ħalib f'Ħal Tarxien', *L-Imnara*, ħarġa 18, vol. 5, nru 1, 1994, 23.
2. Op. cit. 24.
3. Tagħrif miġbur mis-Sur Joseph A Farrugia dwar nies li kellhom merħliet tal-mogħoż wara t-Tieni Gwerra Dinjija f'Ħal Tarxien. Dan it-tagħrif Farrugia ġabru minn fomm Tarxiniżi mdaħħlin fiż-żmien – Ġużeppi Cini, Fredu Randich, Ġenju Delia u Ċikku Mizzi (Novembru 2013).
4. Farrugia op. cit.
5. Farrugia op. cit.
6. Komunikazzjoni personali ta' Lorenza Camilleri (1921–2013) li tiġi oħt Carmelo Bezzina l-Gramm. Lorenza u Carmelo kienu tnejn minn erbatax-il wild ta' Franġisk Bezzina u martu Ġużeppa (xebba Farrugia) in-Nuċa.
7. Farrugia op. cit.
8. Farrugia op. cit.
9. Farrugia op. cit.
10. Farrugia op. cit.
11. Farrugia op. cit.
12. Farrugia op. cit.
13. Farrugia op. cit.
14. Galea Victor John, 'Il-Leġġenda tal-Mogħża tal-Presepju', *Luminaria*, ħarġa 111, Diċembru 2012, 18.
15. Galea op. cit. 18.
16. Galea op. cit. 18.
17. Galea op. cit. 18.
18. Galea op. cit. 18.
19. Komunikazzjoni personali ma' Carmelo Bezzina (magħruf bħala l-Gramm) li kien jiġi ħu ommi. Iz-ziju kien darba qalli li r-raħħala tal-mogħoż ma kinux joħorġu l-merħliet tagħhom f'dawn il-ġranet. Ta' min iżid li f'jum is-Salib, iz-ziju Karm kien jarma n-'niċċa' tas-Salib tad-Dejma. It-tiżjin kien isir billi jitpoġġa biċċa damask aħmar madwar il-bażi tas-Salib. Kienu jitpoġġew ukoll xi fjuri u xemgħa fil-fanal ta' quddiem is-Salib. Fl-imgħoddi qassis mir-raħal kien joħroġ mill-knisja parrokkjali akkumpanjat minn abbati. Dawn kienu jmorru biswit is-Salib tad-Dejma biex ibierek l-erba' irjiħat (it-tberik tal-għelieqi u l-merħliet).
20. Komunikazzjoni personali ta' Lorenza Camilleri (omm l-artikolista).
21. Gatt Ġużi, 'Mogħoż u nagħaġ: vokabularju', *L-Imnara* vol. 6, nru 4, ħarġa 25, 138.
22. Gatt, op. cit. 140.
23. Gatt, op. cit. 140.
24. Gatt, op. cit. 140.
25. Bonnici Calì op. cit. 23.
26. Bonnici Calì op. cit. 23.
27. Bonnici Calì op. cit. 24.
28. Bonnici Calì op. cit. 24.
29. Bonnici Calì op. cit. 24.
30. Bonnici Calì op. cit. 24.
31. Gatt op. cit. 138.
32. Bonnici Calì op. cit. 24.
33. Grech, Coronato Dr, 'Xi metodi għall-kura tal-mard li kienu jew għadhom jintużaw fin-Nadur' (L-Erbgħa u Għoxrin parti), *Luminaria*, ħarġa Marzu 1996, 19.
34. Riċetta mogħtija minn Sunta Camilleri (xebba Farrugia) minn Ħal Tarxien (14 ta' Novembru 2013).
35. Grech op. cit. 19.
36. Komunikazzjoni personali ta' Joseph A. Farrugia (Novembru 2013).
37. Gatt, op. cit. 139.
38. Gatt, op. cit. 140.
39. Galea, op. cit. 18.
40. Galea, op. cit. 18.
41. Galea, op. cit. 19.
42. Galea, op. cit. 18.
43. Komunikazzjoni personali ta' Joseph A. Farrugia (19 ta' Novembru 2013).



X'kien ġara sewwasew fil-Karnival tal-1846? Il-Gvernatur ta' dak iż-żmien kien ta ordni li nhar Ħadd il-Karnival ta' dik is-sena ma setgħux jintlibsu maskri. In-nies ħaditha bi kbira, u qam l-inkwiet. Xi nies spiċċaw il-Qorti, u għalkemm ma xteridx demm, imma xterdet ħafna linka u tqabblu ħafna versi. Dr Albert Ganado jagħtina xi ftit minn dawn il-versi u jispjegalna s-sinifikat soċjali u storiku tagħhom.

---

Għaliex jiġri li l-fama ta' xi persunaġġi li jagħmlu parti mill-istorja ta' Malta tikber u tintefaħ u jispiċċaw isiru "eroj nazzjonali", filwaqt li nies oħra li għamlu għemejjel ta' ħila daqshom jew iktar minnhom, jintesew għalkollox? X'aktarx li jkunu "r-rumanziera" u l-kittieba ta' artikli popolari fuq l-istorja ta' Malta li jiddeċiedu lil min jonfħu u lil min inessu. L-artiklu fuq Orlando Magro jfakkarna f'persunaġġ li f'ħajtu għamel biżżejjed biex seta' sar eroj ieħor nazzjonali u folkloristiku, imma spiċċa minsi minn kulħadd.



---



L-istejjer tal-ħares kienu u għadhom jagħmlu parti mill-folkor Malti. Joseph Serracino jagħtina aktar minnhom; xi wħud nafuhom, oħrajn ġodda.

FOLKLOR MINN MALTA

# L-IMNARA

BDL 25 years

ISSN: 2409-1758

9 213803 510589

www.bdlbooks.com